Leħen il-Malti

Rivista tal-Għaqda tal-Malti - Università



għadd 34
LXXXIV
2015

għaqda tal-malti
università • 1931

Leħen il-Malti

Rivista tal-Għaqda tal-Malti – Università

għadd 34
LXXXIV
2015

Għaqda tal-Malti – Università

UNIVERSITY OF MALTA
JC
LIBRARY SERVICES

Pubblikazzjoni tal-Għaqda tal-Malti – Università
© 2015 Għaqda tal-Malti – Università
u tal-awturi

Il-Bord Editorjali

Editur Ġenerali:
Azzopardi Kit

Membri:
Attard Keith, Ellul Dwayne,
Gauci Claudia, Grech Elaine, Nabhan Walid,
Vassallo Alvin, Żahra Clifford Jo

Qari tal-Provi:
Dwayne Ellul

Ħajr lil Robert Zahra tal-pittura fil-qoxra, 42ċm x 59ċm.
Medium: Inbid, kafè, u linka. Kliem: Glen Calleja.

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jerġa' jinbiegħ, jiġi stampat jew fotokopjat b'xi mod mekkaniku, elettroniku, jew diġitali, mingħajr l-awtorità bil-miktub tas-sidien tal-*copyright*.

ISBN: 978-99957-0-882-5

Werrej

Radd il-Ħajr ... vii
Editorjal – L-Għaqdiet, l-Għaqda, u dawn il-kitbiet
Kit Azzopardi ... 1

IL-KITBIET LETTERARJI ... 7

Barkata Nies
Ġorġ Borg ... 9
Kafè fi Pjazza Reġina
Nadia Mifsud ... 10
Għanja lil Ommi
Oliver Friggieri ... 13
Farrett
Rita Saliba ... 15
Insejt
Maria Grech Ganado ... 19
In-Nuċċali u l-Ballun
Leli ... 20
Qoffa Kliem
Celine Agius ... 27
L-Aċċent
John Portelli ... 28

Jum 25
Antoine Cassar 33
Swali tas-Solitudni
Sergio Grech 35
Il-Mewt is-Sesmoloġija
Leanne Ellul 38
Esibizzjoni Maestuża
Noel Tanti 39
Linja
Bernice Saliba 42
Il-Pjanist tal-Kunċerti
Lawrence Ancilleri 44
Für Elise: l-Eku
Beverly Agius 49
Qed Tasal Mnejn Titlaq
Glen Calleja 51
F'Salib il-Kwiekeb
Stephen Lughermo 52
Leħen tal-Imħabba
Murat Shubert 60
Bint l-Irjieħ
John A. Bonello 61
Prostituta
Victor Fenech 66
Il-Mara tal-Velu
Anaïs Nin 67

IL-KITBIET AKKADEMIĊI 75

Il-Lingwaġġ tat-tfal
Dorianne Bartolo 77
Il-Metafora Kunċettwali fil-Malti
Maria Debono 87
Brajmla Ruxxana u Għasfur Kaħlani:
Il-Mediterranjetà f'*Mappa tal-Mediterran*
Dorianne Bonello 101
Il-Kalejdoskopju Poetiku ta' Lillian Sciberras
Olivia Borg 110

Id-Dimensjoni Tematika fil-Poeżiji ta' Carmel Attard
Patrick Sammut ... 123
Il-Karattri 'Realistiċi' fid-Dramm Espressjonista *Menz* ta' Francis Ebejer
Joseph Vella ... 136

IL-"LINGUA NOSTRA" ... 145

Kumment
Arnold Cassola ... 147
Id-Dramm
John F. Marks ... 149

IL-KONTRIBUTURI ... 159

Radd il-Ħajr

Hemm xebh kbir bejn pubblikazzjoni u t-tlugħ ta' produzzjoni, minħabba li ħafna mix-xogħol ta' orkestrazzjoni jsir minn wara l-kwinti. Għalhekk, l-Editur Ġenerali u l-membri tal-Bord Editorjali jixtiequ jirringrazzjaw lil kull min kien involut, speċjalment lil dawn li ġejjin.

Nirringrazzjaw qabelxejn lill-membri tal-kumitati 2013-2015 u 2015-2017, l-ewwel nett tas-sapport sabiex ikun hemm kontinwità, u t-tieni nett talli għarfu jżommu ċerta distanza sabiex ma jkunx hemm kunflitt ta' interess. Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li ssottomettew, inkluż dawk li xogħolhom, għal raġunijiet prattiċi, kellu jitħalla barra. In-numru kbir ta' sottomissjonijiet li jkollna sena wara oħra għandu jservi ta' inkoraġġiment lil kumitati u bordijiet futuri.

Pubblikazzjoni bħal din teħtieġ ħafna riżorsi, kemm finanzjarji kif ukoll f'servizzi. Minn dan il-lat ma nistgħux ma nkunux grati lejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Malti għall-Arti. Nirringrazzjaw ukoll lil Joseph Mizzi ta' Midsea Books, u lis-*setter* John Busuttil, tal-għajnuna immedjata tagħhom. F'din l-edizzjoni kellna x-xorti li nsibu l-għajnuna mill-Anaïs Nin Trust, li tawna l-permess inġibu t-traduzzjoni ta' "Il-Mara tal-Velu." Fl-aħħar nett, nirringrazzjaw lill-Fondazzjoni Valletta 2018 tal-*endorsement* tagħhom, li jkompli jikkonferma l-kwalità għolja ta' din ir-rivista.

L-għajnuna lil-*Leħen* ma tasalx biss minn entitajiet; anzi, nazzardaw ngħidu li hija l-għajnuna li taslilna mill-individwi li l-aktar li tagħti ħajja lill-ħidma

tagħna. Għalhekk, nirringrazzjaw lill-artist Robert Zahra tal-pittura tal-qoxra, u lill-Prof. Arnold Cassola tad-dramm li qiegħed jidher fis-sezzjoni speċjali. Nirringrazzjaw ukoll lil Dwayne Ellul u lil Leanne Ellul, li fil-jiem ta' qabel ma l-ktieb telaq għall-istampar kienu dejjem preżenti. Ma naqsux ukoll il-pariri siewja ta' Dr Bernard Micallef, il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti, u l-appoġġ kontinwu ta' Dorianne Bonello, il-President attwali tal-Għaqda.

U lil dawk kollha li għenu b'xi mod iżda li ma jissemmewx hawnhekk: dan ma jfissirx li m'intomx apprezzati. Grazzi mill-qalb, lilkom, lill-membri tal-Għaqda, u lill-qarrejja kollha ta' din il-pubblikazzjoni.

Editorjal

L-Għaqdiet, l-Għaqda, u dawn il-kitbiet

Kit Azzopardi

Ir-rata li biha tinbidel il-lingwa tista' tiġi mqabbla mar-rata li biha jinbidlu s-soċjetà, il-politika, l-ekonomija, u ħafna fatturi oħrajn li jsawru l-kuntest usa' tagħha. Għalhekk, qabel ma nagħti l-isfond immedjat tal-kitbiet f'din l-antoloġija, nixtieq nagħti l-kuntesti usa' minnu, billi l-ewwel ngħaddi xi riflessjonijiet dwar il-ħidma tal-għaqdiet "tal-Malti" (biex nuża tikketta popolari), imbagħad ngħaddi xi riflessjonijiet dwar il-ħidma tal-Għaqda tagħna.

Dwar ħidmet l-għaqdiet

Nistgħu ngħidu li f'dawn l-aħħar ftit deċennji l-idea ta' "djalogu" ddominat id-diskors dwar l-irwoli ta' għaqdiet differenti li jaħdmu fl-istess qasam. Biss, spiss jiġri li d-definizzjoni popolari tal-kelma "djalogu" ma tkunx dejjem preċiża, minħabba li ssib min jaħseb li biex ikun hemm djalogu jrid ikun hemm żewġ fronti opposti. David Bohm josserva kif il-prefiss fi "djalogu" mhux "di-" (tnejn) imma "dia-" (bejn), u għalhekk:

> *The picture or image that this derivation suggests is of a stream of meaning flowing among and through us and between us ... It's something creative. And this shared meaning is the "glue" or "cement" that holds people and societies together.* (6-7)

F'dan is-sens, l-atti produttivi u kreattivi ta' kull għaqda huma l-"kolla" li jżommu x-xena lokali "tal-Malti" magħquda fi stampa waħda. F'dawn l-atti ta' skambju, anke jekk ikunu inkonxji, għaqdiet b'kariżmi differenti jkunu qed jippartecipaw fi djalogu bejniethom.

Id-differenzi bejn l-għaqdiet, għalhekk, m'għandhomx għax ibeżżgħuna, imma għandhom jiġu ċċelebrati minħabba l-potenzjal ta' djalogu li jirrappreżentaw. Bħala attivisti fl-għaqdiet rispettivi tagħna m'għandniex naħsbu fina nfusna bħala *biċċiet* mill-istess ħaġa, imma bħala *partijiet* differenti minn xi ħaġa akbar u isbaħ minnha. Kif jispjega Bohm, id-differenza hija essenzjali sabiex nagħrfu naħdmu flimkien f'ambjent san:

> *It's like taking a watch and smashing it into fragments, rather than taking it apart and finding its parts. The parts are parts of a* whole, *but the fragments are just arbitrarily broken off from each other.* (56)

Meta nħares lejn ix-xena lokali "tal-Malti" ma narax bċejjeċ li ma jingħaqdux flimkien, iżda partijiet differenti b'kariżmi differenti li jaħdmu flimkien bħal mekkaniżmi kumplimentari f'arloġġ: fostna hawn min jaħdem biex itejjeb il-qagħda statutorja tal-Malti, jew il-qagħda tal-Malti djalettali. Hawn min jaħdem sabiex iġib 'il quddiem il-qagħda tal-kittieba tal-Malti, il-poeżija, jew it-traduzzjoni. Imbagħad hemm l-għaqda tagħna, li taħdem primarjament l-Università, speċjalment fost l-istudenti.

Dwar ħidmet l-Għaqda

Għalkemm bħala Għaqda naħdmu primarjament fl-Università, dejjem kien ta' pjaċir għalina li nikkollaboraw ma' entitajiet u persuni oħra li javviċinawna, u nħarsu lejn dawn l-opportunitajiet bħala mezz biex niddiversifikaw l-udjenzi tal-Għaqda. Minħabba li l-Għaqda mhix biss *tal-istudenti tal-Malti*, imma *tal-Malti*, naħdmu wkoll ma' persuni minn oqsma li mhux neċessarjament marbuta mal-Malti. F'dan is-sens, il-ħidma tal-Għaqda hija interdixxiplinarja. U sabiex tkun interdixxiplinarja, trid l-ewwel u qabel kollox tkun dixxiplinarja, jiġifieri:

> *[T]o be grounded in one discipline, preferably two, to know the historicity of these discourses before you test them against each other.* (Hal Foster 162)

Jekk irridu li l-Malti jinfilsa ruħu f'oqsma ġodda u jikseb is-simpatija ta' udjenzi oħra, irridu nagħmlu sforz sabiex nifhmu d-dixxiplini li qed nimmiraw li nħaddmu l-Malti fihom.

Id-diversifikazzjoni fil-kollaborazzjonijiet tal-Għaqda tfisser ukoll diversifikazzjoni fil-proċessi li nħaddmu, bir-riżultat li anke dak li nipproduċu jkun iddiversifikat u jappella għal interessi differenti. Ngħidu aħna, tul *Taħżiż* (programm tal-Aġenzija Żgħażagħ b'kordinazzjoni tal-Għaqda u l-Fondazzjoni AWL) inħarrġu lil kittieba żgħażagħ b'modi mhux konvenzjonali. Dan it-taħriġ eventwalment jissarraf f'pubblikazzjonijiet ta' natura "informali" li mhux neċessarjament ikunu f'għamla ta' ktieb. Permezz tal-inizjattiva *Riżma Poeżiji* (idea tal-Insite b'kollaborazzjoni mal-Għaqda) fuq l-internet jittellgħu xogħlijiet li jirriflettu l-qagħda emerġenti ta' studenti li għadhom fi stadju bikri fil-kitba kreattiva tagħhom. Sabiex inkomplu noffru lill-membri tagħna diversità ta' pubblikazzjonijiet, f'*Leħen il-Malti*, imbagħad, nippubblikaw kitbiet li l-Bord Editorjali jkun deherlu li laħqu ċerta maturità artistika jew akkademika, denja ta' format aktar "formali."

Dwar din il-pubblikazzjoni

Tendenzjalment inħobb naħseb li xogħol letterarju aħjar jitħalla waħdu, mingħajr daħliet, mingħajr "manwali" ta' kif għandu jinqara u x'għandu jiġi apprezzat fih. Dan il-ħsieb esprimewh oħrajn qabli; Immanuel Mifsud josserva li ġeneralment "l-introduzzjonijiet isiru meta jkollok ġabra ta' awtur li ħalliena, jew edizzjoni tax-xogħlijiet miġbura." Minħabba li f'din ir-rivista m'hawnx xogħol letterarju waħdieni, imma xogħlijiet individwali differenti ħafna minn xulxin, nixtieq noffri sfond żgħir li jiġborhom flimkien.

F'din il-pubblikazzjoni għandkom issibu xogħlijiet kemm ta' kittieba stabbiliti, kif ukoll ta' dawk emerġenti, imma li lkoll jerfgħu fihom potenzjal qawwi ta' figurazzjoni u stil. Infatti, minn madwar 30 kitba (minn 130 sottomissjoni), kważi nofshom huma ta' kittieba li ġew magħżula għall-ewwel darba. Għal din ir-rivista, kif jafu l-membri u l-udjenzi tagħna, issir sejħa pubblika darba fis-sena. U la ssir sejħa pubblika, għal raġunijiet prattiċi jkollha ssir għażla, li hija diffiċli għal min jibqa' barra daqskemm hi diffiċli għal min ikollu jagħmilha, f'dan il-każ il-Bord Editorjali. Għalhekk, ma nistax ma nirringrazzjax lill-membri tal-Bord tar-responsabbiltajiet

li refgħu volontarjament, daqskemm ma nistax ma nirringrazzjax lil kull min issottometta u fehem il-pożizzjoni tagħna. Il-kriterji għas-sottomissjoni, imnebbħa minn kriterji simili mħaddma minn istituzzjonijiet barranin, jaf jidhru bħala tfettiq żejjed, imma mhux l-ewwel darba sibniehom utli sabiex nimxu b'mod ġust ma' kulħadd fil-proċess tal-għażla. Anke l-isfnud differenti tal-membri tal-Bord ikomplu jagħmlu l-proċess ġust għal dawk li jissottomettu, billi dawn ma jkunux iġġudikati fuq kriterju wieħed. Il-lista ta' kontributuri fl-aħħar tal-pubblikazzjoni hija xhieda tat-taħlita sana ta' kittieba b'esperjenzi differenti ħafna minn xulxin, filwaqt li l-kitbiet bejn dan l-editorjal u l-lista tal-aħħar nittama li hija xhieda biżżejjed tal-kwalità li ħabrikna għaliha.

Personalment nippreferikom, bħala qarrejja, li taqraw mill-ewwel il-kitbiet infushom, milli tidħlu għalihom wara li nkun tajt rendikont tagħhom minn qabel. Biss, hemm tliet punti li nixtieq nagħmel referenza ċkejkna għalihom minħabba n-natura partikulari tal-kitbiet li jittrattaw.

L-ewwel: wara assenza ta' sentejn reġa' għandna traduzzjoni; din id-darba ta' xogħol l-awtriċi magħrufa Anaïs Nin u mit-traduttur Kevin Saliba. Ir-reqqa ta' Saliba mhix biss fit-traduzzjoni, imma wkoll fil-kisba tal-permess għall-pubblikazzjoni mill-Fondazzjoni Anaïs Nin innifisha.

It-tieni: hemm imbagħad xogħlijiet ta' natura kritika li jittrattaw kitbiet u suġġetti topiċi. B'sodisfazzjon ngħid li din is-sena għandna żewġ studji ta' natura lingwistika; dan ifakkarna li l-*Leħen* mhux rivista letterarja, u nittama li 'l quddiem ikollna aktar kontribuzzjonijiet f'dan il-qasam.

It-tielet: fl-aħħar nett, għas-sezzjoni speċjali ta' din is-sena għandna dramm ta' John F. Marks, *Il-"Lingua Nostra."* Dan grazzi għal Arnold Cassola, in-neputi ta' Marks, li qiegħed jagħtina wkoll sfond bażiku għal dan id-dramm. Fis-snin reċenti l-komponent tal-kitba għat-teatru kien nieqes għalkollox minn din il-pubblikazzjoni, u din is-sezzjoni għandha tagħmel tajjeb għal dan. Għalkemm *Il-"Lingua Nostra"* huwa xogħol li nkiteb ħafna snin ilu, huwa daqstant ieħor topiku.

Nagħlaq billi f'isem sħabi tal-Bord nixtiqilkom il-qari t-tajjeb, u kif għamel l-editur ta' qabel, nawgura lill-edituri futuri sabiex il-*Leħen* ikompli jservi "ta' tarġa biex awturi oħra jsibu leħinhom u jiksru l-vuċi tagħhom maż-żmien" (Psaila 1). Jalla l-partijiet li għaqqdu flimkien Briffa u Bonnici 85 sena ilu jibqgħu jiffunzjonaw permezz ta' djalogu san li jġib 'il quddiem ir-riċerka u l-kreattività.

Kit Azzopardi
Editur Ġenerali
08-10-15

Biblijografija

Bohm, David. *On Dialogue*. Ed. Lee Nichol. 1996. Routledge: London and New York, 2006. Stampat.

Foster, Hal. Interview with Alex Coles. "Trauma Studies and the Interdisciplinary: An Interview." *The Anxiety of Interdisciplinarity*. Ed. Alex Coles, and Alexia Defert. Vol. 2. London: BACKless Books and Black Dog, 1998. 156-68. Stampat.

Mifsud, Immanuel. Intervista minn Kit Azzopardi. *littlerock*. littlerock, 2015. Internet. 20 t'Awwissu 2015.

Psaila, Emanuel. Editorjal – Ilħnet il-*Leħen*. *Leħen il-Malti* 33 (2014): 1-4. Stampat.

Il-Kitbiet Letterarji

Barkata Nies

Ġorġ Borg

Barkata nies f'nofs baħar qed jitqawwa.

Xewqat fil-qlub iduru.
Beżgħat bla heda jfuru.

Is-sema mkeffen sewwa.
M'hemmx lok għal aktar ħlewwa.

Il-mewġ jaf jiknes kollox u 'l kulħadd.

Barkata nies tistenna li tinħatt.

Kafè fi Pjazza Reġina

Nadia Mifsud

F'għajnejja m'hawnx isbaħ minnha. Jistgħu jgerbu kemm iridu s-snin, għadni qatt ma rajt sbuħija tisboq lil tagħha.

Twila, żnella, xagħarha lixx qastni, għajnejha qishom ġiex lewżiet, imneħirha mislut pulit, karnaġġjon pjuttost bajdani, tużżana nemex mirxuxin gustużi fuq wiċċha kemxejn tawwali.

Li kieku trid, għandha biex titkessaħ. Narahom iħarsulha l-ġuvintur kull fejn immorru. Mhux l-ewwel darba li xi ħadd ipespsilha jew jgħaddilha xi kumment – avolja jkun hemm jien magħha. Ninnutaha – tbaxxi rasha, tiħmar, titbissem kemm kemm.

Meta tiġbor xagħarha lura, kif inhu llum, tieħu xeħta ta' mara ikbar. U dak il-flokk abjad li liebsa jixirqilha wisq. Ħarira trasparenti, veru. Fuq ħaddieħor jaf forsi jidher ħamallu. Fuqha, imma, jidher pulit.

Xi kultant (meta tkun burdata tajba, jiġifieri), ma tiddejjaqx iżżommli idi fit-triq; ġieli taqbadni lambranzetta saħansitra f'nofs Strada Rjali. Erħilha tirrakkontali xi jkun qal il-Profs. Dimech Mangion waqt il-lekċer tal-*Philosophy*, xi tkun kielet il-*canteen*, x'beħsiebha tixtri għall-*birthday* ta' Tania ... Ġieli teħodli rasi, speċjalment jekk inkun għadni kif ħriġt mix-xogħol.

Ninnutaha, kull darba li ssemmi lil ċertu wieħed Neville, għajnejha jsiru xrar u ħaddejha jieħdu dik id-daqsxejn sfumatura roża. Jekk tinzerta jkollha xi ħaġa f'idha, ibqa' ċert li tibda ttefteftef fiha; jekk le, tbaxxi għajnejha taparsi qed

tifli difrejha. Lil dan Neville ma nafux. Qatt ma rajtu. Qatt ma naf li ċemplilha fuq il-*mobile* meta konna flimkien. Milli nista' nifhem, qiegħed fl-istess kors tagħha. Nammetti, kultant inħoss bħal għafsa ġewwa fija meta ssemmih – sejħilha għira, jekk trid. Iżda noqgħod lura mill-mistoqsijiet. Naf kif inhi, u ma rridx ingerrixha.

Drabi oħra, imbagħad, bilkemm inkun ftaħt ħalqi li ma taħtafnix. Bħal donnu kollox jibda jdejjaqha. Ara biss ifettillek tmissilha oġġett jew tmeriha mqar fuq ħmerija, għax ibqa' ċert li taqlagħlek il-ħama ta' xhur sħaħ u ma toqgħodx bi kwietha qabel ma ċċappashulek ma' wiċċek. Jew inkella tinfaqa' bħal bużżieqa minfuħa ftit iżżejjed. Iva, tbati naqra bil-burdati. Bħal ħafna nisa, insomma ... għalkemm għandi d-dubji tiegħi jekk dan kollu hux PMS, kif għandha ħabta tgħid hi. Imma issa tgħallimt. M'għadnix inħaqqaqha magħha. Inħalliha tisfoga, imbagħad meta jgħaddilha, terġa' tiġi tkellimni minn jeddha, qisu qatt ma kien. Ħadd mhu perfett, wara kollox. Għalkemm, ngħiduha, ġieli tirrabjani wkoll. Mhux l-ewwel darba li titlifli l-paċenzja u nkun se naħbat inkellimha ħażin. Imma dan l-aħħar qed nipprova kemm jista' jkun nigdem ilsieni.

Ilbieraħ mort għand it-tabib. Minħabba l-uġigħ li ġieli nħoss fl-istonku. Bagħatni l-isptar nagħmel xi testijiet. Ir-riżultati għandhom ikunu f'idi l-ġimgħa d-dieħla. Lilha għadni ma tarraftilha xejn. Ma rridhiex tinkwieta.

Mumenti bħal dawn huma rari. It-tnejn li aħna mħabbtin. Jien bix-xogħol, hi bl-istudju. Ngħidilha darb'oħra, mhux illum. Nieħu gost naraha moħħ ir-riħ, imqar għal ftit sigħat. Dalwaqt ġejjin l-eżamijiet. Nistenna sakemm ikunu għaddew l-eżamijiet.

Niggustaha. Niggustaha kif tkun trid kollox pulit u bl-eżatt, kif kollox tieħu bis-serjetà u tinfiska meta oħtha ż-żgħira 'tissellef' xi ġerżi jew flokk minn tagħha u bħas-soltu tispiċċa ttebbagħhulha. Niggustaha kif xi kultant tagħti titwila minn taħt il-għajn hi u għaddejja minn quddiem il-vetrini tal-ħwienet biex tara jekk tidhirx orrajt.

Waqt li qegħdin hawn bilqiegħda nixorbu kafè għax-xemx ġo Pjazza Reġina, nipprova neħdilha minn moħħha għadhiex beħsiebha titlaq għal ftit żmien barra minn Malta ladarba tkun lestiet il-kors. Ġo moħħi għaddej ħsieb bħal xafra – jekk tassew hu kif qed jissuspetta t-tabib, se jkolli nibda l-kimoterapija minn hawn u ħmistax oħra. Qed nipprova nikkalkula kemm baqa' ġimgħat għall-eżamijiet waqt li hi għadha mitlufa tgħidli fuq il-karozza

li xtrat seħbitha Tania. Nipprova nwarrab dawn il-ħsibijiet minn moħħi. Bla ma naf kif, nispiċċa għal darb'oħra nifli wiċċha sal-iċken dettall. Bħas-soltu, inħossni nisker fil-ġmiel tagħha.

Nixtieq ngħidilha li nħobbha, iktar minn kollox u minn kulħadd. Nixtieq ngħidilha kemm qed nibża'.

Imbagħad tħares lejn l-arloġġ. Tgħidli: "Aħjar immur, ma, inkella se nasal tard. Lil sħabi għidtilhom fil-ħdax u nofs."

Ninnota r-raffinatezza li biha tqum bilwieqfa u żżerżaq il-basket minn ma' spallitha x-xellugija għal fuq ġenbha l-lemini.

"Mur, qalbi. Ħu gost," ngħidilha.

U nibqa' nħares lejha, naraha titbiegħed.

Għanja lil Ommi

Oliver Friggieri

Bħal qronfla li titbissem
Bil-fwieħa ġewwa l-ġnien,
U bħal għasfura hienja
Tittajjar fil-ħolqien …

Bħal ċagħqa li titħarrek
Mal-bewsa tal-mewġiet,
Bħal werqa li titbandal
Maż-żifna tal-fewġiet …

Bħal xemgħa bajda tixgħel
Fis-skiet sewdien tal-lej',
Bħal kewkba tleqq u tteptep
Minn bejn is-sħab għaddej …

Bħal ġawhra f'nofs ħannieqa
Li ż-żmien ma jobroxhiex,
Bħal għodwa tar-rebbiegħa
Li x-xitwa ma tmisshiex …

Hekk inti kbirt ġo qalbi
Biex ma tixjieħli qatt!
Hekk inti, għaliex bħalek
M'hemm ħadd, u ħadd, u ħadd!

Farrett

Rita Saliba

Ili għaxar snin nixtri l-gazzetta minn dat-toqba ta' ħanut kull nhar ta' Sibt. Ma kien fih xejn x'jiġbdek għajr it-tfajliet ħelwin li jinbidlu bir-rata li jinbidlu r-rivisti ta' kull xahar.

U filwaqt li kont noqgħod inqalleb ir-rivisti kont noqgħod innemmsilhom, nara x'libsu, nispekula kemm seta' kellhom żmien. Uħud kienu jkunu għadhom ħerġin mill-iskola b'difrejhom mikulin, jomogħdu ċ-*chewing gum*. Ma naħsibx li kienu mħallsin wisq għax ma tantx kienu jsaddu hawn. Imbagħad kont nitlobhom xi biċċa ċikkulata jew pakkett gallettini u nieħdu lil marti biex noqogħdu nikluh aħna u naqraw il-gazzetta. Anke għall-ħelu hawn wisa' hawn ġew.

Wara għaxar snin it-tfajliet ħelwin m'għadhomx jiġu iżjed hawn u r-rivisti li hemm fuq l-ixkafef ilhom għomor li skadew. Posthom ħaduhulhom aċċessorji tal-kompjuters u tal-mowbajls. Iżda għad baqa' rokna għall-gazzetti ta' kuljum u post għal kull xorta ta' ħelu. Daż-żmien f'dal-ħanut hawn oħra. Ħasditni malli rajtha l-ewwel darba. Ma ridtx nuriha li kont qed inħares lejha, inqabbilha mat-tfajliet li telqu. Issa ilha ftit xhur hawn. Xejn ma kienet tibdel. Kienet waħda minn dawk li baqgħet tagħmel l-istess irtokk u l-istess qatgħa xagħar li kienet tagħmel għoxrin sena ilu. U forsi dak iż-żmien xagħarha u l-irtokk kienet tibdilhom daqskemm kienu jinbidlu r-rivisti ta' fuq l-ixkaffa. Issa la r-rivisti m'għadhom jinbidlu u lanqas l-irtokk.

Kull meta nidħol għall-gazzetta nħossha tiflini bħalkieku għandi farrett ikrah f'wiċċi. Nipprova nevita ħarsitha. Inħares lejn l-ixkaffi għat-taparsi nara jekk naqasnix xi ħaġa. Insellmilha bil-ħatfa u nħallasha tal-gazzetta. Kont ili ma nixtri gallettini. Is-Sibt li għadda tlabtha pakkett; tajtha eżatt biex ma ndumx hemm ġew.

Malli dħalt id-dar bil-gallettini, marti qarrset wiċċha. M'għadhiex tiġi tiddendel m'għonqi u tgħidli li dawk kienu l-favoriti tagħha kif kienet tagħmel għaxar snin ilu. Issa saret tibża' li jħaxxnuha. M'għadhiex tikolhom il-gallettini, tgħidli. Imma l-pakkett fil-kabord dejjem insibu jonqos.

"Ċemplet ommok," qaltli hi u taħsel il-maggijiet fis-sink.

Għaxar snin ilu, meta kienet iċċempel ommi kienet tgħidli "ċemplet il-mamà."

"Ħares, jekk tmur s'għandha ħudilha biċċa torta ħa dduqha."

"Taf x'riedet?" staqsejtha.

"Tridek tmur tiżbrilha ftit is-siġar."

Ommi kellha l-ġardinar. Ma kellhiex bżonn lili biex niżbrilha s-siġar imma marti donnha kienet qed tgħidli biex noħroġ 'il barra. Kienet taf li s-Sibt filgħodu kont nintefa' naqra l-gazzetta fuq il-pultruna. U kienet tibda taħsel l-art fejn inkun hemm jien u jkolli mmur naqra l-gazzetta xi mkien ieħor.

Għand ommi sirt qisni mort ġo dar oħra. Id-dar li niftakar jien kienet aktar imdawla bit-twieqi li jagħtu għall-ġnien miftuħin. L-għasafar fil-guva li kellu missieri kienu joħdulha rasha. Imbagħad kienu jibdew jillitikaw: hi tgergirlu fuq l-għasafar u hu jgħidilha li biex tisma' r-rumanz fuq ir-radju ma kienx hemm għalfejn issemmgħu lit-triq kollha. Ommi għamlitli t-te. Ma jkollhiex gallettini għax ħarġilha z-zokkor. It-twieqi li jagħtu għall-ġnien iżżommhom magħluqin għax tgħidli li tibża', issa li sfat waħedha. U r-radju saret tinsa tixegħlu. Bdiet tgħidli kemm kien qed joħdilha l-ġardinar, li issa bil-pensjoni bilkemm tlaħħaq mal-ħajja. Imbagħad tibda ssemmili lit-tali u lit-talija u lil min staqsa għalija.

"Taf lil min rajt dan l-aħħar? Lanqas kont għaraftha, ta." Kellha ħabta tħallini nipprova naqta' xi tkun trid tgħid. Ħarist lejha biex forsi tkompli tgħidli.

"Lil Jenny ta' ħdejna."

Malli semmietli lil Jenny, xerridt it-te. Ippruvajt nimsħu bis-sarvetta tal-karti.

"U ma ġara xejn, issa nimsħu." Ommi kienet dlonk ġabet il-biċċa tal-platti. "Hekk jew b'hekk ma tantx ikolli min iħammeġ issa. Ikolli ngħid dik it-tifla minn dejjem kellha grazzja miegħek."

"Għal min qed tgħid?"

"Mhux għal Jenny? Kemm setgħet kienet iżgħar minnek, erba' snin? Ħalli nara ... Meta z-zija kellha lil Lorraine, Martha kienet tqila b'Jenny. Xi erba' snin, mela, iżgħar minnek."

Bqajt nixrob it-te sal-aħħar. Ma xtaqtx nitkellem fuq Jenny. Qatt ma kien jinteressani kemm kienet iżgħar minni Jenny. Imma Jenny kienet għallmitni ħafna.

"Int għandek xi siġar x'tiżbor?" staqsejtha.

"U kompli ixrob, x'għaġla hemm? Ħa nferragħlek ftit ieħor."

"Biżżejjed daqshekk! Aħjar immur nibda," għedtilha kważi b'ħatfa.

Ħriġt fil-ġnien u mort fil-kamra tal-għodda. Ma kienx mument li semmietli lil Jenny, ommi! Kont sibt lil Jenny tistennieni darba waħda. Kien is-Sibt filgħodu ta' ftit snin ilu ...

"Miskina, ma kellhiex xorti." Ommi ġiet warajja.

"Min, ma?"

"Għal Jenny qed ngħid," komplietli donnha mistagħġba kemm sirt ninsa. "Għadha kemm isseparat, qaltli ... L-ewwel kellha dik it-tarbija, jaħasra ..."

Bdejt inqalleb fil-kaxxa tal-għodda ta' missieri. Ma stajt narah imkien l-imqass taż-żabra. Ħlief lil Jenny ma bdejtx nara quddiemi. Jenny bilqiegħda fuq il-kaxxa tal-injam f'din il-kamra fil-ġnien, tgerrem difrejha. Jenny kienet ġabitli ċikkulata mill-ħanut tal-ħelu fejn kienet bdiet taħdem wara li ħarġet mill-iskola. L-istess ħanut li fih kienu jinbidlu t-tfajliet ħelwin qishom rivisti ta' kull xahar. Dakinhar għolliet id-dublett u ħarġet il-biċċa ċikkulata mil-lakstu tal-qalziet ta' taħt. Kienet ħbietha hemm. Intbaħt li kienet serqitha. Ommi qaltilha biex tnewwilli t-te. Il-magg kont ħallejtu mal-art. Xufftejn Jenny kienu sħan xħin resqet lejja. Ommi kienet qed tgħid xi ħaġa fuq tarbija li twieldet qabel iż-żmien u mietet qasir il-għomor. Erġajt ftaħt il-ferita, farrett li ma fieq qatt biż-żmien.

"Jenny kienet għadha tifla. Kien iddispjaċieni għaliha. Bilfors li missier it-tarbija kien daħaq biha! Imbagħad kienet iżżewġet barrani ..." Ommi ġiet tfittex miegħi.

"X'int tfittex? Dan?" qalti hekk kif newlitli l-imqass.

Bdejt niżbor bl-addoċċ. Lis-siġar kont qed inweġġagħhom. Ridt noħorġilhom id-demm. Qaċċatt kemm flaħt friegħi. Ridthom imutu ħalli ommi

ma toqgħodx tibgħat għalija biex niżborhom. Fl-istess ħin kont naf li ommi malajr kienet se tivvinta skuża oħra biex tibgħat għalija.

"Isseparat, miskina!"

Qrast subgħajja u beda ħiereġ id-demm. Ommi daħlet ġewwa ġġibli faxxa. Ommi tħobb tgħaġġibhom. Jenny ma kinitx se tħallini bi kwieti. Lejliet it-tieġ ġiet tawgurali, hawn f'dil-kamra tal-għodda.

Ommi reġgħet ħdejja. "Kienet tħobb tiġi għandi. Kienet tgħidli li t-torti tiegħi jogħġbuha aktar minn t'ommha. Dik it-tifla qisni rabbejtha jien."

Infaxxajt subgħajja u bqajt naħdem. Ridt infittex inlesti. Jenny kienet tatni daqqa ta' ħarta. Ma ninsieha qatt. Imbagħad riditini nħobbha, tal-aħħar.

"Ġiet toqgħod għand ommha; ħa nara hix hemm. Immur ngħidilha tiġi s'hawn."

Ommi mxiet lejn il-bieb ta' barra. Ħallejt l-għodda fejn kienet u ħriġt mill-bieb tal-ġnien. Ħrabt lejn id-dar għand marti. Malli ftaħt sibtha fil-bieb.

"Kemm ġejt malajr!" laqgħetni. Għaxar snin ilu kienet tiġbidni mill-flokk u tgħidli li bdiet tgħodd is-sigħat, il-minuti, biex nerġa' nkun hawn magħha. Imbagħad resqitli biex nidħol ġewwa u baqgħet ħierġa tixtri.

Insejt

Maria Grech Ganado

Jekk issa tqallibli f'sidri, fih issib iqaħqħu
sigħat twal suwed ta' dwejjaq u ta' ġenn,
fejn darba kelli moħba li fiha kont inħaddan –
insejt, biex ngħid is-sew ...

għalkemm, nammetti, l' hemm iljieli illi waqthom
nifsi jinqata' wisq, biex dik il-mewġa żgħira li tant
xtaqt neħles minnha, tersaq inkiss inkiss
tletlet mal-ħolm. U inti riekeb fuqha

bil-baħar għadu jċarċar minn xufftejk.
Bewstek insibha mielħa ma' ħaddejja
filgħodu, f'griżmejja gozz rizzi suwed
kbar. U nfakkar lili nnifsi li kont insejt.

In-Nuċċali u l-Ballun

Leli

Madonna xi ġrali! Ma kontx naf li se tasal s'hawn ommi! Kieku żgur li ma kont nivvinta xejn. Issa jekk ninqabad? Issa jekk jinżlu u ma jsibu xejn? Tgħid jinżlu? Tgħid inwaddbu vera? Kif jistgħu jinżlu? Issa jekk joqogħdu jsaqsu ħafna affarijiet? Issa jekk ommi taqbadni? Jew tinduna x'għamilt? Kien ikun aħjar li ma ivvintajt xejn għax imsarni se nqattagħhom.

U se jiġu tal-Protezzjoni Ċivili wkoll? Għaliex? Kif jista' jkun li l-biċċa skalat sa hawn? Dawk x'ġejjin jagħmlu? Mela l-pulizija mhux biżżejjed? Anke dawn huma żejda għax qed jaqilgħuli ħesil ta' vera, aħseb u ara tas-*Civil Protection*! Lanqas biss nista' nimmaġina x'inhu ġej.

* * *

Dik il-ħaġa kerha f'nofs wiċċu kienet il-martirju ta' ħajtu. Qatt ma ħamlu sa mill-ewwel ġurnata li għamlu, u dan ilu mill-preċett. Damu seba' snin biex indunaw li ma jarax 'l Alla li ħalqu. Kellu jkun is-Sur Pisani tal-*Maths* li ntebaħ li għajnejh ma jwasslux u ġibed l-attenzjoni tal-*guidance teacher* u t'ommu. Seba' snin ilu kien il-bidu tal-agunija li kellu jġarrab f'ħajtu. Kellhom jgħaddu seba' snin biex induna li ma jarax wiċċ Alla. Ommu stagħġbet, "Mela ma tarax l-iskola? Hemm bżonn jibgħatli ittra t-*teacher* biex tinduna li ma tarax? Kif qatt ma tkellimt li ma tarax?"

U kulħadd sar jaf li ma jarax. L-azzjoni kienet immedjata. Ommu għamlet appuntament għand Tabone, l-ispeċjalista tal-għajnejn u l-iktar wieħed professjonali. Fil-jum imqaddes in-nervi kienu m'ogħla s-smewwiet. L-appuntament kien għas-sitta. Ommu fl-erbgħa kienet diġà ħadet il-miżuri kollha biex ikunu lesti fil-ħin. Waslu l-ispiżerija fil-ħamsa u kwart u Walter qatta' siegħa u kwart oħra jistenna u jgiddem difrejh. Dakinhar vera kien lagħab ħażin mat-tim tal-klassi. Kien imħawwad u l-ballun beda jaħrablu; ma jafx jekk dan bediex iseħħ għax kien ġie konxju li ma jarax. Kien maħruq, nervuż u eżattament ma kienx jaf jekk dawn in-nervi kinux ġejjin minħabba n-nuċċali jew minħabba l-ballun.

Dħalna ġo kamra bħal tad-dentisti imma minflok *couch* kbir mimli pajpijiet u għodda kien hemm siġġu u xi apparat fuq in-naħa l-oħra. Libbisni nuċċali oħxon f'għajni u staqsieni jekk iniex nara ċar. L-ittra A kien fiha daqs kullimkien u trid tkun vera agħmi biex ma tarahiex, ta'warajha B u M stajt narahom ukoll, imma wara r-raba' ittra li kienet qisha C ma stajt nara xejn u ssuspettajt li għamilli xi ħaġa fin-nuċċali oħxon li libbisni u weġibtu, "Xejn, eħżen mis-soltu."

Imma f'daqqa waħda d-dinja bdiet tinbidel u tieħu s-sura ta' dak li fir-realtà hi. Ma' kull moviment tal-Ispeċjalista Tabone, iktar bdejt inberraqhom u nirrealizza x'kont qed nitlef. Il-bozoz irqaq ħodor tan-nuċċali bdew jiċċaraw u kważi jagħmuni u l-ittri żgħar ħomor fir-rokna komplew jispirawni biex naqrahom. Wara ftit, kollox beda jerġa' jiżżelleġ sakemm ma flaħtx nara iżjed. F'ħakka t'għajn it-Tabib Tabone sab x'vista kelli u l-għażiża ommi, mingħajr wisq konsultazzjoni, xidditli nuċċali kannella skur bi frejm eħxen minn dak tal-Ispeċjalista u ddeċidiet li jixraqli.

L-ikbar xokk ħadu disat ijiem wara meta ommu, ferħana kemm trid, ġiet b'dak il-kapulavur u kif ħares lejn il-mera kien se jmut zoptu. Qatt ma kien tifel sabiħ. Kważi iswed, xagħru goff li taqtagħlu kemm taqtagħlu minnu jibqa' jisponta bl-addoċċ; ġismu kollu ħafas li skont ommu kienu tal-iżvilupp, u maqtugħ kwiet minħabba li l-iskola mimlija bulijiet. Imma dan in-nuċċali kompla qeridlu l-ftit tama li kellu fih innifsu. Il-vera nuċċali ikrah u bla ebda idea ta' ħaġa li tikkumplimenta lill-wiċċ. Ħaġa biss kellu tajba, li bih seta' jara ċar. Intebaħ li bih seta' jsegwi kollox aħjar; kellu dinja għalih, imma qatt ma aċċettah, ma ridux,

ma felaħx jissaportih. Wiċċu fil-mera deher sproporzjonat. Kienet għadha kemm qatgħetlu xagħru *crewcut*, għax skont ommu dik kienet il-moda għall-preċett, u widnejh qabżu bħal qlugħ 'il barra, u dak in-nuċċali kannella skur b'lenti skura u ħoxna daqs qiegħ ta' flixkun jeħodlu tliet kwarti ta' wiċċu, ma felħux. U seħet lilu nnifsu, seħet l-ewwel tqarbina, seħet 'l ommu tal-ġudizzji, seħet lit-Tabib Tabone u seħet in-nuċċalijiet tad-dinja kollha.

Kelli nikkriepa. Kelli nieħu l-famużi ritratti tal-preċett bih. Kelli bilfors naċċettah u kiber miegħi, imma dejjem bix-xewqa li neliminah. Ilu seba' snin jippersegwitani u għalkemm dan hu t-tieni mudell, għax l-ewwel wieħed kien inkisirli waqt logħba futbol u qatt ma rpilja mid-daqqa li qala', xorta m'iniex kuntent bih. Ommi għal darb'oħra reġgħet iddeċidiet hi liema nuċċali tagħżilli – li nzerta kien mudell simili tal-Medju Evu – biex issebbaħli wiċċi. Xorta bqajt ma naħmilx dik il-ħaġa kerha m'għajni, qisni bugħaddas bil-ħġieġa u l-pajp ma' wiċċi jfittex il-qarnit u l-ħut biex ikun jista' jgħix.

Issa li kbirt ftit, bdejt nisħaq biex jinbidel jew li nagħmel il-*contact lenses.* Imma dejjem ħadt l-istess tweġiba.

"Int ma tafx tieħu ħsiebhom."

"Mela ma tafx kemm iqumu?"

"Mela ħsibt li lilek biss għandi?"

"Aħlef li titlifhom daqskemm int traskurat."

U l-ħolma li jkolli l-*contact lenses* dejjem sfumat mal-irjieħ ta' ħajti u b'hekk kelli naċċetta dan il-mostru forma ta' tromba li ppersegwitali ħajti.

Illum hawn l-operazzjoni tal-*laser* imma lanqas biss se nikkunsidraha għax la ma nwasslux għall-*contact lenses* aħseb u ara kemm se naslu għal-*laser.*

Minħabba fih ma baqax jintgħażel mat-tim tal-klassi. U hu l-ballun iħobbu, kien iridu. Dejjem joħlom li jkun *player* kbir, li għad jilgħab fl-ogħla diviżjonijiet u l-flokk ta' Malta dejjem xtaqu u riedu. Imma b'dan il-qaħbeċ nuċċali kompla jintradam quddiem *players* oħra u spiċċa ftit ftit imwarrab. In-nuċċali kien il-kaġun ta' elf laqam: qiegħ ta' flixkun, trombi, u inża' l-lenti u għidilna dawn kemm huma waqt li joħorġu żewġt iswaba' jew tlieta għax bid-dagħdigħa li jieħu ma jibqax jara sew. U b'hekk kompla jumbrah, kompla jisħtu għax sħabu komplew warrbuh.

Għal erbatax-il sena kien jifhem sewwa fil-futbol. Iffissat, letteralment iffissat. Oħtu ta' warajh qajla kienet tagħti kas il-ballun avolja l-familja kollha waqt logħba futbol kienu jkunu mkaħħlin mal-iskrins tat-televixin. Zanetti l-idolu, *Il Capitano*, jarah bħala *player* komplet, raġel tat-taħriġ li jieħu kollox bis-serjetà. Feraħ meta f'sena waħda l-klabb ta' qalbu rebaħ ħames tazzi f'daqqa. Kien jammira b'saħħa kbira lil Balotelli imma meta neża'l-flokk u rmieh u sema' 'l missieru jisħtu, seħtu bħalu u bagħdu iktar min-nuċċali li qatt bħalu ma kien bagħad lil ħadd. Iffissat fuq l-Inter iktar minn missieru, ommu, razztu u r-radika kollha f'daqqa.

Ma nistax nifhem kif oħti lanqas il-*final* taċ-*Champions League* kontra l-Bayern Munich ma rat. Dak ferħ, dak eċitament li ħassejt meta rajthom jgħollu t-tazza! Dik atmosfera li kien hemm id-dar! Xtaqt li kont fis-Santiago Bernabèu u daħħalt f'rasi li l-ewwel flus li naqla' meta mmur naħdem nonfoqhom f'mawra lejn Milan u nara lit-tim favorit ta' qalbi jilgħab xi logħba importanti. Kont deċiż li l-ewwel flus li jkolli nonfoqhom fuq l-Inter, *pazza Inter amala* ... avolja l-operazzjoni tal-*laser* kienet waħda mill-ikbar prijoritajiet li kelli biex neħles mill-misħut nuċċali.

Ħija ż-żgħir, li mhux żgur għandu erba' snin, jidher li se jkun miġnun fuq il-ballun iktar minni għax kull meta kont nipprova nilgħab f'kamarti bil-ballun, kien jiġi jiġri mkaxkar biex jeħodhuli u jagħmel bikja kbira u jiskot biss meta kont noqgħod nilgħab miegħu, ovvjament bil-ballun.

Kienu joqogħdu Wied il-Għajn fi flett fit-tielet sular. Isfel kien garaxxijiet u kien hemm xaft minn fejn jgħaddu l-katusi. Id-dar kienet tinbidel f'arena tal-futbol u mhux l-ewwel darba li kisser xi ħaġa mill-kuritur jew minn kamartu li issa kien beda jaqsamha ma' ħuh iż-żgħir u b'hekk l-ispazju naqaslu u ma tantx seta jesplora tattiċi, finet u dribbling. It-trejning mat-tfal tar-raħal kien iħobbu u dejjem kien imur, avolja kien jaf li sħabu ma tantx kienu jqassmulu u b'hekk dejjem maqtugħ mil-logħba. Imma kien iħobb il-ballun bi mħabba kbira, b'passjoni tremenda, u għalhekk id-dar kien jipprova l-mossi li kien jara lill-*players* jagħmlu b'kunfidenza u b'nuqqas ta' pressjoni għax seta' jilbes in-nuċċali u l-ballun seta' jarah sew u b'hekk jikkontrollah aħjar.

Kien f'nofs Lulju, *heat wave* ta' vera u Walter f'kamartu bit-tieqa tax-xaft miftuħa beraħ, jixxuttja l-ballun mal-ħajt bejn iż-żewġ sodod u jipprova jżommu bl-oħra, jgħaddih għas-sieq l-oħra u jerġa' jqandel il-ballun bi preċiżjoni kbira. Ritwal li kien drah bl-amment għax f'kamra daqs naqra ma tantx kellu spazju fejn idur. F'daqqa waħda daħal ħuh Massimo u qamet taqtigħa tal-biża' fuq l-imbierek ballun.

"Tihuli!"

"Mur 'l hemm, fitt."

"U ejja nilgħab, nilgħab?"

"Dabbar rasek u ħallini kwiet."

U kif imbuttah biex ma jilħaqx jeħodlu l-ballun, qamet bikja li ttarrax. Iktar ma beda jarah jibki u jogħxa, iktar Walter beda jagħmillu. Ta' ambaxxatur tal-futbol, beda jdawwar il-ballun bil-manjieri kollha li kien jaf, inkluż dawk b'saħħithom u xuttijiet bil-ponta. Fl-aħħar sab mezz kif ikollu kontroll assolut tal-ballun mingħajr ma l-avversarju qatt jista' jeħodhulu. Beda jgħolli l-ballun minn fuq rasu qisu qed jagħti *outball*, iħabbtu mal-ħajt u jerġa' jiġi f'idu l-oħra. Jitfgħu fuq riġlu tal-lemin, iħabbtu xi tliet darbiet jew iktar skont kemm jiftillu mal-pala ta' siequ u jerġa' jgħollih u jiġi f'idu. Massimo ta' kull darba jipprova jaqbad il-ballun billi jgħolli jdejh it-tnejn 'il fuq, b'subgħajh miftuħin beraħ, jgħawweġ rasu kollha lura li s-sinsla ta' dahru tkun trid tinqala' minn postha u jiftaħ garġih billi jiftaħ ħalqu beraħ u jurina kif għadu ma qatax it-tunsilli u l-qanpiena kienet imlaħħma daqs dik tal-Barrakka t'Isfel.

Biss iż-żgħir ma qatax qalbu. Tela' fuq is-sodda, beda jgħolli id waħda biex jaqbad il-ballun u bl-oħra jipprova jżomm il-bilanċ. Rasu baqa' jżommha milwija lura imma naqqas mit-tħanġir u ffoka l-enerġija kollha biex jara kif se jaqbad l-imbierek ballun. F'daqqa waħda Massimo għamel mossa tal-ġenn li lanqas ħadd kien għadu għamel bħalha. Anke ħuh baqa' impressjonat bl-azzjoni. Minn dejjem kien jgħid li Massimo għad ikun gowler kbir, għax dejjem seraqhulu l-ballun speċjalment meta jkun mingħajr nuċċali. Imma din il-mossa ta' ħuh ħallietu ċċassat iħares 'l isfel fix-xaft lejn il-ballun li kien għadu kemm xtralu missieru bħala parti mill-*kit* tan-*nursery*.

Massimo, konxju li ma jistax ilaħħaq ma' ħuh, beda jagħmel attentati tal-biża'u l-ħambqa li kellu ttrasformaha, bidilha f'kantaliena ddisprata u minsuġa

b'sengħa fost it-tkagħwiġ ta' wiċċu. Walter żelaqlu l-ballun minn idu u Massimo ħataf l-opportunità fil-pront u tar minn tulu biex jilħqu. Mad-daqqa l-ballun bidel id-direzzjoni u għadda riħ minn ġot-tieqa.

* * *

Telgħu fuq żewġ ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili u magħhom pulizija. Ommi kienet warajhom. Jien intfajt lura kemm nista' u bil-kemm kemm tniffist.

"Fejn, Sinjura?" staqsa l-iqsar wieħed minnhom.

"Hemm, ara." U indikat it-tieqa tax-xaft.

Resqu jittawlu 'l isfel u jien iktar trekkint mal-gwardarobba.

"Hawn l-għoli hawn!" qal it-twil filwaqt li ħares lejn sieħbu u lejn il-pulizija.

"Jekk ma tistgħux ma hemmx x'tagħmel," kompla l-kuntistabbli u jien dak il-ħin ħadt nifs kbir.

"Le, mhux ma nistgħux, imma rridu ninżlu bil-*Jacob's Ladder,*" qal il-qasir.

"Allura ma hemmx aċċess minn isfel?" reġa' saqsa t-twil.

"Il-bieb t'isfel nett magħluq ikun, għax dak trid tidħol għalih minn ġol-garaxx, u s-sid barrani u qatt ma jersaq 'l hawn," qalet ommi.

"Jidher ta, għax mandra hemm isfel," gerger it-twil.

"Ħeqq ma hemmx x'tagħmel. Inġibu s-sellum u ninżlu," kompla jinsisti l-qasir u jien tħaxkint iktar bejn il-ħajt u l-gwardarobba.

It-twil b'ħarsa ta' senatur kien jidher li xejn ma kien qed jieħu gost b'din il-biċċa xogħol imma l-qasir, ħafif u żvelt, għalkemm jidher li ikbar minn missieri, niżel malajr isfel u fi ftit ħin reġa' kien ħdejna b'sellum tal-ħabel imkebbeb tond. Xeħtu s-sellum għal isfel. It-twil rabtu kif seta' u ntefa' fuqu waqt li l-qasir, ħafif daqs farfett daħal mit-tieqa u qabad nieżel. Għalkemm ma stajt nara xejn għajnejja berraqthom iktar milli kienu meta smajtu jgħid, "Hawn wisq imbarazz, imma n-nuċċali ma jidhirx."

"Imma hemm irid ikun żgur," qalet ommi waqt li daret lejja u tatni ħarsa suspettuża.

Għaddew ftit minuti li għalija kienu qishom l-eternità u leħen il-qasir reġa' nstema' jidwi minn ġox-xaft. "Qallibt kullimkien; ma nista' nsib xejn."

Il-pulizija, ommi u t-twil daru lejja f'daqqa u jien iktar ma flaħtx nitkellem.

"Kif jista' jkun mhux hemm? Fittixt sew? Dawn xi praspar huma?" infiskat qal it-twil lil sieħbu mit-tieqa.

"Ħeqq ma hawn xejn hawn ħlief żibel." Irrisponda l-qasir minn isfel.

Ommi berrqet għajnejha iktar milli kienu tiegħi, resqet lejja u minn taħt l-ilsien imma b'ħarsa feroċi qaltli, "Kif mhux hemm in-nuċċali?"

Ma stajtx ma nitkellimx iktar.

"Mhux diġà għedtlek li Massimo tani daqqa biex jeħodli l-ballun u n-nuċċali tar għal isfel?"

"Taf x'panik qlajt? U allura kif mhux hemm? Kieku sabuh."

Kif kont se ngħidilha l-verità kollha għax ma flaħtx nissaporti iktar, nisma' l-qasir minn isfel.

"Ma sibt xejn ta. Erġajt qallibt kullimkien."

"Mela itla' 'l fuq. Ma hemmx x'tagħmel." Qallu t-twil irrabjat.

"Isma'... hawn ballun tal-futbol ġdid, intellgħu?"

Qoffa Kliem

Celine Agius

Xtaqt ġbart dal-kliem
illi qatt m'għedt,
ġbartu f'qoffa
U tajthulek

Forsi …
tkun taf li
darba kont xgħelt mitt xemgħa
bi kliem li twieled taħt qamar
u li għereq – jistenniek

Xtaqt ġbart dal-kliem
biex indommu waħda waħda,
f' ħ-a-n-n-i-e-q-a
u nagħsar lil qalbi

Sakemm tqattar id-demm
U bih nikteb il-kliem li darba xtaqt għedt …

L-Aċċent

John Portelli

Kont għadni kif aċċettajt ix-xogħol ġdid ta' amministratur. Kont ferħan għalkemm kont naf li hemm ħafna xogħol xi jsir u kelli wkoll diversi ġlidiet x'nirbaħ biex inbiddel l-affarijiet. Imma moħħi kien mistrieħ għax kelli s-sapport u l-entużjażmu tad-dekan. Kif kien issuġġerieli ltqajt mal-viċi dekana biex inkunu nistgħu naqsmu l-ideat tagħna u nippjanaw flimkien.

Lanqas biss minuta wara li bdejna l-laqgħa ħassejt qalbi tħabbat sfiq. Ma stajtx nikkonċentra. Ma stajtx nifhem għaliex. Qalbi tħabbat għaxra għaxra. *"Can you please repeat that again?"* lissnet. Imbagħad hekk kif lissnet il-kelma *"again"* b'dak l-aċċent Ingliż ippatentjat f'salt donni ntbaħt x'kien ġara. Ma stajtx nikkontrolla l-emozzjonijiet u l-ħsieb. U mort lura 40 sena meta kont Form 1A.

Kont ilni sentejn immur f'dik l-iskola. Bdejt qabel il-*form one* għax missieri rraġuna li jekk immur fl-aħħar sentejn tal-primarja jkolli ċans aħjar biex niġi aċċettat f'Form 1. Dan kien dejjem jiddependi mill-eżami tal-*entrance* imma tal-anqas ikunu qed jgħallmuk l-istess nies li jissettjaw u jikkoreġu l-eżamijiet. Barra minn hekk ikunu leħqu drawk u jekk ma tkunx ta' tfixkil għalihom jaċċettawk. Jiġifieri kien importanti li nagħmel il-*homework* kuljum, li nistudja għat-*tests* u għall-eżamijiet, li nġib ruħi tajjeb fil-klassi – nobdi u ma nirrispondix anke jekk ikolli raġun, li dejjem nagħmel kif jgħiduli nagħmel l-għalliema anke jekk ma naqbilx magħhom, li nieħu sehem fl-i*sports* u fil-kor tal-iskola, u fuq kollox li ma ninqabadx nitkellem bil-Malti u li kuljum nasal fil-ħin għall-quddiesa fis-sebgħa

u nofs ta' filgħodu għalkemm kont niġi minn Ħad-Dingli u kelli naqbad żewġ karozzi tal-linja għax ma kienx hemm *private* tal-iskola għal dawk l-inħawi.

Konna fl-aqwa tal-inkwiet bejn il-Gvern u l-Knisja. U għad ma konniex indipendenti mill-Ingilterra. Kienu bdew it-trattati u kien hemm ħafna taħwid. Il-Labour Party jipprotesta kontra l-aġir tal-Knisja; Borg Olivier jinnegozja mal-Ingliżi; Ganado jirraġuna li l-aħjar għar-*referendum* tal-indipendenza tqatta' l-vot bi protesta; u Mintoff jemmen u jisħaq li dak li ġab Borg Olivier mhux tajjeb biżżejjed. Sintendi fl-iskola konna npespsu bejnietna l-istudenti dwar dawn l-affarijiet u fil-privat konna dejjem nitkellmu bil-Malti. Imma dejjem minn taħt l-ilsien għax konna mwerwrin li ninqabdu nitkellmu bil-Malti u wkoll min jaf x'kienu jaħsbu fuqna jekk jindunaw li xi wħud minna kellna missirijietna jaħdmu t-tarzna u konna ma' Mintoff. Missieri kien ilu jaħdem it-tarzna ħajtu kollha u jien kont tifel waħdi u għalhekk seta' jibgħatni skola tal-Knisja. "Moħħok hemm, ibni, biex żgur ma jiġrilekx bħali," kien dejjem iwissni bħallikieku kien xi diżunur li wieħed jaf is-sengħa tajjeb. Ma kienx tal-iskola imma kien jaf jaqra u kien iħobb tassew jaqra. Il-gazzetti kien jikolhom, u dejjem kien aġġornat sewwa. Fuq kollox ma kienx jemmen dak kollu li jiktbu l-gazzetti anke dawk tal-partit. "Id-dinja hekk," kien ilissen minn taħt l-ilsien, "trid tmidd rasek għal għonq it-triq, tisma' kollox, u qabel temmen, tixtarr u tgħarbel."

Insomma l-iskola kont sejjer mhux ħażin. Mhux xi żiemel bħat-tifel tan-Nutar Galea jew ta' Grech tan-negozju. Kienu jagħtu l-impressjoni li jafu kollox. Min jaf forsi kienet biss maskra li tnixxi l-poter. Tajbin f'kollox kienu jgħidulhom l-għalliema lill-ġenituri tagħhom meta jiġu għalihom bil-Mercedes. U bl-aċċent li kellhom tal-Ingliż ma kontx tagħrafhom minn xi Ingliż. Imma kellhom xuxthom skura u nnukklata, u għajnejhom suwed tuta. Naħseb li kieku xtaqu li jkollhom għajnejhom koħol ċari u xuxthom safranija u lixxa. Forsi kienu wkoll jaħsbu li l-antenati tagħhom kienu xi barunijiet li ġew Malta mill-Ewropa ta' Fuq.

Il-klassi tagħna tal-Form 1A kienet fil-kantina tal-iskola. Konna eżatt tletin tifel fil-klassi kemxejn mudlama b'żewġ twieqi b'arkata u bil-ħadid bħallikieku konna ġo ħabs. Ma tantx kienet atmosfera li tispira t-tagħlim. Imma konna bi kwietna qisna sardin marsusin f'dawk il-bankijiet tal-injam qadim li spiss kien iniffed xi skalda f'sorm wieħed minna. Dak li jkun, jinħasad hekk kif ipoġġi bilqiegħda u jispiċċa bi skalda ta' xi tliet pulzieri mwaħħla ma' sormu. Sintendi

hekk kif jinħasad kien ilissen "Aħħ!" mingħajr ma jrid. U aħna kollha nibdew nidħqu għalkemm l-għada forsi kien imiss lilna. Il-klassi kienet l-aħħar waħda fil-kuritur twil u wiesa' mdawwal b'xi tubu 'l hawn u 'l hinn. Konna l-aktar klassi qrib il-loki. Kieku kellna vantaġġ għax malajr konna naslu meta konna nkunu maqsumin, imma rari konna nistgħu nħallu l-bieb tal-klassi miftuħ għax konna nistordu bir-riħa tal-ammonja. Imbagħad darba fil-gimgħa r-riħa tal-bewl kienet tonqos għax kienu jnaddfu l-lokijiet bil-Cresol. U xorta ma stajniex niftħu l-bieb għax dan kien jistordina daqs l-ammonja jew aktar. M'hemmx x'tagħmel. Għalkemm konna l-klassi taż-żwiemel, għax konna 1 A, xorta kellna nġarrbu din il-klassi/ħabs.

Ta' tfal li konna kien dejjem fi ħsiebna li ngħaddu ż-żmien b'xi għalliem li jkun xi ftit rieqed. Kellna diversi, fosthom l-għalliem tal-ġeografija li kien imlaqqam 'il-Yanke' għax kien studja Wisconsin u kellu aċċent Amerikan, u l-għalliem tal-matematika li kien imlaqqam 'ir-romblu' għax minnu, Alla jbierek kont toħroġ żewġt irġiel. Dan tal-aħħar kellu l-vizzju jwaħħal il-kumpass fuq il-mejda tiegħu u jippuntah lil min ikun irid isaqsi xi domanda. Insomma konna ngħadduha. Imma mas-Sur Jones l-għalliem tal-Ingliż ħadd ma kien jazzarda jiċċajta.

Is-Sur Jones kien Malti għalkemm kellu isem Ingliż. Kien għadu kif ġie lura minn Oxford fejn kien temm l-istudji tiegħu fil-letteratura Ingliża. Kien raġel twil u rqiq. Xagħru dejjem ippettnat pulit u jleqq bil-krema tax-xagħar. Dejjem liebes ġlekk iswed b'ingravata sewda u qmis bajda. Kien serju. Il-laqam tiegħu kien 'l-imdejjaq'. Qatt ma kien jidħaq u t-tfal kienu jibżgħu minnu speċjalment meta kien jagħtik dik il-ħarsa ta' wieħed miġnun. Xi wħud minna konna mistagħġbin kif ġie aċċettat biex jgħallem. Forsi għax kellu B.A. minn Oxford, u fuq kollox kellu aċċent Ingliż ippatentjat. U tassew kien jieħu vantaġġ b'dak l-aċċent. Anke meta ma jkun qed jgħid xejn speċjali, dak l-aċċent kien iġegħelna noqogħdu dejjem attenti kważi kważi nibżgħu nieħdu nifs ma jmurx iwaqqgħek għaċ-ċajt.

Is-Sur Jones kien sistematiku ħafna. Il-lezzjoni dejjem l-istess. L-ewwel jispjega xi punt tal-grammatika, imbagħad naqraw, imbagħad isaqsi xi domandi, imbagħad naħdmu xi eżerċizzju tal-grammatika fis-skiet. U hekk kienet tgħaddi tliet kwarti ta' lezzjoni. Fl-Ingliż kont sejjer mhux ħażin sakemm …

Kien jum bħall-oħrajn fl-iskola. U t-tieni lezzjoni filgħodu, jiġifieri dik ta' qabel il-*break* tal-għaxra u nofs kienet is-soltu klassi mas-Sur Jones. Għax l-Ingliż dejjem filgħodu kien ikun għax hekk ma konniex inkunu għajjenin u suppost nistgħu nikkonċentraw aktar. Konna wasalna għall-qari. Kulħadd fetaħ il-ktieb u bdejna mir-ringiela ta' quddiem naqraw ftit kull wieħed. Jiena kont fit-tieni bank u sakemm kien imiss lili dejjem kien ikun hemm xi tmienja oħra qabli. Imma kont trid toqgħod attent għax ma tkunx taf meta se jwaqqaf lil ta' qablek u jekk ma tkunx pront biex tkompli taqra jibagħtek 'il barra għax ma kontx attent. Il-vera kellu pedagoġija ingaġġanti li żgur tgħallem minn Oxford!

"Stop," lissen is-Sur Jones. *"Spiteri next."*

U lanqas tliet sekondi wara kont qomt bilwieqfa u bdejt naqra. Ma tantx kien eżerċizzju għal qalbi imma ftit ftit, kont qed nidra nqum bilwieqfa u naqra quddiem sħabi. Wara kollox kollha kemm aħna kellna ngħaddu minn dan il-martirju, allura aħjar tidrah.

Kont dħalt fl-ispirtu tal-istorja u għal darba kienet storja li għamlet sens, mhux bħall-istejjer l-oħra li konna qrajna mill-ktieb Ingliż li ma kien jagħmel xejn sens għalina għax il-kuntest dejjem kien fuq xi post fl-Ingilterra. Imma din l-istorja donnha kienet tgħodd għalina wkoll.

"And Stephen again . . ." kont qed naqra meta s-Sur Jones b'vuċi soda lissen: *"It is not 'agaiiin' but 'again', Spiteri."*

Ngħid is-sewwa ma kelli l-ebda idea x'kien qed jgħid. Mhux hekk qrajt jiena? Mhux l-istess kelma *"again"* lissint?

"Spiteri read the sentence again."

Ħadt nifs qasir u rġajt bdejt naqra. *"And Stephen again . . . ."*

Lanqas ilħaqt lissint il-kelma *"again"* li s-Sur Jones b'vuċi aktar għolja u aktar irritat nebaħ:

"Spiteri. It is not 'agaiiiiiiiiin' but 'again'."

Erġajt inħsadt għax ma fhimtx x'kont għamilt ħażin. Imma l-messaġġ tar-rabja kien ċar u jbeżża' lil kulħadd. L-għaraq beda jxoqq għalija u ħassejt it-taqtir tal-għaraq jiżżerżaq mal-ispina. Bdejt inħoss ukoll bħal rogħda ġewwa fija u saqajja bdew jirtogħdu bil-biża'. Imma l-aktar ħaġa li dejqitni kienet li ma nafx eżatt x'għamilt ħażin. Ħadd ma kien jazzarda jsaqsih mistoqsija jekk ma nifhmux xi ħaġa għax inkella kien jinsultak.

U b'subgħajh il-werrej għamilli sinjal biex nerġa' nkompli. Ħadt nifs qawwi u bil-mod u bir-rogħda rġajt bdejt naqra.

"And Stephen again ... ".

"Stop! Stop! Spiteri stop. How stupid can you be?! You do not know how to read. Forget it. You are a lost cause. Get ready for the dockyard! Sit down!" Hekk werżaq is-Sur Jones b'ħanġra daqsiex waqt li sabbat il-ktieb fuq il-mejda. Il-vuċi tiegħu bħal irbumbjat mal-kamra. U wara, skiet perfett.

U jiena b'mistħija poġġejt bilqiegħda. U wara li kkalma lissen:

"Buhagiar next. I am sure you will do a good job."

U Toni beda jaqra. Kont naħlef li l-istess kliem lissen, imma s-Sur Jones ma waqqfux. U f'qalbi lissint *"F'għoxx l-Ingliż!"*

Jum 25

Antoine Cassar

Il-qalb trid tiġbed 'l hawn. Is-saqajn 'l hemm.
U viċeversa. Ma jiftiehmu qatt.
Filli jaqbdu t-triq lejn l-ilqugħ tal-bosk,
filli jduru lejn il-bieraħ tax-xatt.
Kultant ma nafx għandix kontroll fuq ġismi
jew jienx marbut ma' ħjut f'idejn xi ħadd.
Kultant inkun irrid nibbies, ninġazza,
u naqa' silġa silġa sa ninħatt.

Jiem twal inwitti u nagħqad l-istess ċrieki
forma ta' tmienja tħaffer fil-ħamrija.
Tmienja fuq tmienja, klessidra mimduda
li fiha r-ramel jorqod l-isbaħ raqda.
Tmienja fuq tmienja, in-nuċċali għadu ġdid
mitluq fuq l-iskrivanija mutraba.
Tmienja fuq tmienja, il-manetti ma' jdejja
biex ma niżbaljax l-enneżimu żball.
Tmienja fuq tmienja, daqs l-ittri t'isimha
jiżfnu fost is-sħab sa s-sema jinħall.
Tmienja fuq tmienja, daqs saqajn il-brimba

tinseġ l-għanqbut fl-erba' kmamar tal-qalb,
daqs it-tentakli tal-qarnita mqabbda
ma' tifkira mhix tħallini ninqala'
mill-istess tmienja tħaffer tħaffer fl-art.

Tmienja fuq tmienja, l-età infinita
fejn għadni nistaħba wara l-prinjola
tixgħel bil-boċċi u bil-lellixiet,
imwerwer wisq biex naffaċċja 'l missieri
jidfen lil ommi tixher fit-tapit.

Swali tas-Solitudni

Sergio Grech

Telqitu bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa. Baqa' jgħum waħdu ma' tunnellata tifkiriet ...

L-ewwel darba li kienu quddiem il-vetrina tad-Dhalia, ix-xatt tal-Gżira, u tħajru jixtru *semi-detached house* l-Kappara, viċin l-ambaxxata tal-Federazzjoni Russa ...

L-ewwel darba li tagħtu l-aħbar li l-*period* ma ġiex u qatta' ġranet sħaħ jitlob il-ħniena tas-sema biex forsi jiġi, waqt li jisħet xortih għax fettillu jilgħab man-nar ...

Dakinhar li ħaditu magħha jixtri l-ħwejjeġ intimi mingħand Marks and Spencer u wiċċu beda jvarja fl-aħmar, fir-roża u fl-abjad bil-mistħija ...

Dakinhar li kien il-Mater Dei għax beda jinqatagħlu n-nifs u hi qagħdet tmellsu u taqralu l-poeżiji ta' mħabba ta' Pessoa li kienet għadha kemm xtrat xi jumejn qabel mingħand regettier fi Triq San Kristofru l-Belt wara x-xogħol ...

It-tazza wiski mdardra bi ftit misħun li kien ilegleg kuljum ma kinitx biżżejjed biex jinsieha. Ma' kull grokk kien itiegħem ċerta mluħa: l-imluħa tal-mewt.

Jgħid x'jgħid sinjali kien hemm minn qabel. Anke jekk hu qatt ma xamm xejn.

Lanqas dakinhar li riedet tidħol fil-fond miegħu ma ntebaħ. U meta tathielu bl-imgħarfa wkoll baqa' ma ntebaħx u kellha tkun diretta u tiffissa hi data u ħin biex ikunu ftit weħidhom u tgħidlu bil-vulkan li kienet lesta li tixgħel f'ħajtu jekk jilqagħha f'dinjitu.

Il-falliment tiegħu li kien jemmen fil-ħrejjef li l-imħabba tirbaħ fuq kollox u minkejja l-maltemp, il-konklużjoni se tkun sabiħa. Mhux hekk kienet taqralu ommu meta kien tfajjel qabel jimtedd għad-dinja tal-ħolm?

Meta għalqet il-bieb ta' barra biex ma terġax lura b'dik il-kalma klassika li toqtlok, b'mixja tixbah lil dik ta' kardinal kburi liebes il-*cappamagna* tiela' l-korsija tul katidral, ħasibha xi ċajta goffa. Xi kummiedja fjakka tal-1 ta' April.

Meta dalam sew u ħadd ma reġa' lura ntebaħ li ma kienet ċajta xejn.

Induna li ċ-ċavetta tagħha ħallietha warajha fuq is-*sottospecchio* bil-*key chain* b'kollox li kienu xtraw flimkien minn Golden Lane tal-Kastell ta' Praga. Dakinhar kienu xxarrbu tixriba tal-Bambin! U wara daru għal xulxin. Jinħabbu qishom l-ewwel darba.

Ħallietu waħdu u ma' pitkalija aċtu.

Ħallietu waħdu bi mnieħru miftuħ beraħ ifittex id-dħaħen tas-sigaretti tagħha li tant kien jobgħod u li kienu joqtluh u jikkargawlu l-ażma.

Ħallietu waħdu mal-mowbajl jistenna l-SMSs tagħha imma ħlief riklami u aħbarijiet li waslet l-elezzjoni ma kienx jirċievi.

F'ruħu kienet tbexxex kuljum tilja xita. Kienet tinżel bħal frosta li tgħawwar b'qilla. Tiknes u tkaxkar dak kollu li joħroġ għan-nofs. Tifqa' l-art watja. Tgħolli b'qilla t-tappieri. Tneżża' s-siġar folti. Timblokka l-mogħdijiet.

Ruħu kienet għatxana għar-rebbiegħa.

Telqet u magħha ħadet l-alfabett tiegħu. Ħatfa silenzju kienet taqa' fih wara li jiġbed il-bieb ta' barra wara jum xogħol qalb il-fajls sofor. Kien impjegat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni jaqla' l-kontijiet li baqgħu ma tħallsux. Xi drabi l-fajls kien iġibhom miegħu d-dar biex ikollu fiex jedha u ma joqgħodx jaħseb li hu kien wieħed minn dawk li martu ħalliet soddtu u marret tingarża ma' ħaddieħor, aktarx agħar minnu.

Lilu ħallietu bil-qrun u bil-ħsieb li min jaf kemm-il wieħed iktar kien hemm. Kemm-il wieħed daħħlitu fil-parapett, fis-salott u fil-kamra ta' ġewwa tagħha.

Xi mkien fil-memorja tiegħu kien hemm test ta' drammaturgu li ismu nsieh, li kien segwa t-teatru tad-Deporres ta' Tas-Sliema, iddedikat lill-'kornuti li bi qrunhom taqqbu s-soqfa'.

Bħalu ġralu ċ-Ċopper; ix-xufier tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Kien fih m'ogħla hawn u xorta għamlithielu. Biex taqgħad ma' min … ma' patri Dumnikan.

Hu ma kellux il-*guts* taċ-Ċopper idaħħal mara wara oħra flokha, u jinqeda biha, isabbatha ma' fejn jiġi, u jilgħabilha xi daqqtejn kif jaf hu jekk tirrifjuta li tiżfen il-mużika tiegħu.

Telqet u magħha sfrundat ruħu. Dakinhar li ħallietu, libes it-toga u ggradwa fis-solitudni. Ma ried lil ħadd. Ħlief lilha. Imma 'lilha' qatt ma ġiet lura.

Lilha kien jaraha kullimkien. Imqar fil-linji u d-disinn tal-madum. Fid-dellijiet ta' matul l-iljieli suwed ċappa. Qalb il-paġni tal-gazzetti. Fis-sett tal-kristall li kienu xtraw flimkien biċċa biċċa biex iżejnu l-vetrina tas-salott.

Kien jisma' leħinha fil-kanzunetti li kienet tħobb tkanta waqt it-tindif jew waqt is-sewqan addoċċ bil-karozza. Il-gass kien il-*forte* tagħha. Kienet taqtgħu minn ġewwa hi u għaddejja minn Tal-Barrani l-Ħadd kmieni waranofsinhar titmejjel bil-kamera.

Kien għadu jixtieqha tagħqad fil-garigori tiegħu. Fis-swali ta' ruħu. Fid-dinja tiegħu.

Fil-ksieħ ta' sodda mifruxa ta' tnejn kien jixxennaq għaliha, għas-sħana tagħha. Kultant kien ipinġi l-forma tagħha fuq il-liżar u jerġa' lura passejn meta jħażżeż il-frugħa ta' sidirha jew l-arkati tat-tempju tagħha. Jaħsel kemm jaħsel, ir-riħa ta' bellus tagħha baqa' jxommha fil-lożor u l-investi.

Il-kalmanti ma ħadmux fuqu. Ma nessewhx lilha. Il-psikjatra nesa l-punt kruċjali: mingħajrha kien miżbla sħiħa.

Telqet u magħha ħadet biċċa minnu. L-aqwa biċċa.

Il-Mewt is-Sesmoloġija

għal Doreen

Leanne Ellul

il-mewt, ruħi qalbi, tintraċċani qiegħda
fl-irqajja' tat-tempju li ħattejt fija
fl-inkwina ta' sidri tgħodd taħbit ardit
tiha n-nifs il-mewt u ħalliha ħa tħabbat
ħa ċċarratni dis-sesmoloġija
sal-ifned farka tas-sema, l-art u l-kullimkien ta' fija
t'riegħed dis-sesmoloġija trid tqaċċatni minn dad-djuq
ħa nduq il-melħ tal-art u nitgħammex b'dawl id-dinja
inħoss fija l-mewġa l-inxufija
il-komprensjoni l-ikkalibrar is-sikta
t-treddin l-inkejja ż-żelqa l-fetħa
il-kalkoliżmi r-rivelazzjoni
l-qasma d-dehxa s-sħana
il-ħasda s-salt il-malajr il-f'daqqa
trasgressiv dan iċ-ċaqliq, irreverenti
trasparenti daqs l-imħabba li tikkonsma
f'radda salib lewn il-bewsa assaltata
tisplodi tkun qisek tħossu l-ġewwa
sa ma jitqaċċat l-aħħar zokk u fl-aħħar
għerq inrodd lili li ġġibni
muta dis-sesmoloġija
qisni ta' għalija …

Esibizzjoni Maestuża

Noel Tanti

Kienet esibizzjoni maestuża. Adam ħassu kburi immens bi wliedu t-tewmin, Amar u Shams, u ma setax jieqaf iċapċap. Qam bilwieqfa dritt, sidru ppuppat, ħalqu mċarrat u bid-dmugħ jiżżerżaq mal-wardiet minfuħin ta' wiċċu. "Bravi! Bravi!" għajjat hekk kif il-pali ta' jdejh bdew jisomtu bl-intensità taċ-ċapċip. Min-naħa tagħhom, iż-żewġ subien kienu fis-seba' sema. Amar tbissem lil missieru u Shams xejjer lil ommu. Ritratt li tinkwadrah u tpoġġih fuq it-tavolina tas-salott. Adam ħaseb biex joħroġ il-mowbajl u jiġbdilhom wieħed imma l-purtiera stenbħet u satret il-palk taħt il-mewġ imdendel tal-bellus aħmar tqil kulur il-qroll.

Għajjien mejjet irid jisplodi bil-ferħ, Adam intelaq lura fuq is-sit, jilheġ qisu għadu kif lesta maratona. Maġenbu kien hemm Lilith. Ħares lejha minn wara lenti mdemmgħa, lemaħha mċajpra imma sabiħa. Ma' kull nifs beda jtiegħem il-fwieħa tagħha: minn ġo mnifsejh għal fuq is-saqaf ta' ħalqu għal fuq il-mitraħ ta' lsienu. Ftakar f'ilu, ilu ħafna, għall-ewwel li bdew jinnamraw, fl-iskappatelli tagħhom lil hinn mill-ħarsa qalila ta' nannitha li qatt ma fdatha ma' ħadd, fi żmien ieħor fejn dawn l-affarijiet kienu importanti daqskemm illum dehru futili. Kemm kienet sabiħa martu. U issa li hemm il-ħtieġa biex kollox jintemm, saret perfetta. Ma setax jaqla' għajnejh minn fuqha.

Lilith qabditu fil-fatt tbissmitlu b'mod kawt.

"Kollox orrajt?"

Mejjel rasu. "Iva. Iva."

"X'ġara?"

"Xejn."

Ried ibusha iżda minflok qam, skuża ruħu u ħalla t-teatru hekk kif il-purtiera tqila ħamra kulur il-qroll tbexxqet biex tagħti leħen lir-rappreżentazzjoni tat-tieni klassi.

Ħareġ mill-iskola, qabad karozza tal-linja u rħielha lejn id-dar. Waqaf żewġ *stages* qabel. Daħal għand *St Hesiod's Stationery* u xtara erba' laned *fuel* tal-*lighter*. Deffishom fil-but tal-ġlekk u hekk kif wasal id-dar xerred il-kontenut tagħhom tul l-appartament kollu: fl-istudju, fuq l-ixkafef tal-kotba, ġox-xtieli, fis-salott, fuq it-tavolina bir-ritratti tat-tieġ u l-magħmudija, fil-kċina, fil-kamra tas-sodda ta' wliedu, fil-kxaxen tal-ħwejjeġ, fis-senduq mimli memorji ta' safar u btajjel. L-aħħar ftit qatriet qattarhom fuq is-sodda matrimonjali.

Neħħa ċ-ċurkett tat-tieġ u poġġieh fuq il-komodina, maġenb il-kopja mgħaffġa t'*Orlando* li kien xtara mill-bażar tal-kappillan is-sajf li għadda. Kien f'nofsu, ktejjeb bilkemm fih mitejn paġna. Mhux se jlestih. Forsi jerġa' jaqbdu xi mkien ieħor, ifaqqas bih f'post ieħor. Darb'oħra jixtrih minn ħanut. Forsi jkompli minn fejn ħalla jew inkella jerġa' jibdieh u jħossu eċitat li qed jaqra ktieb mill-bidu. Min jaf?

Ir-riħa aspra tal-*fuel* kienet tinxtamm ma' kullimkien. Mingħajr ma rifes imkien umdu, irħielha lejn il-bieb ta' barra. Ta titwila aħħarija bla ma ħalla n-nostalġija taljenah. Minn ġol-but tal-qalziet ħareġ kaxxa żgħira. Fetaħha. Ħakkek sulfarina mal-fosfru tal-ġenb u qabbadha. Bil-fjamma f'idu, Adam ħassu eċitat daqskemm kien hu u jara 'l uliedu jirreċtaw fuq il-palk. Din id-darba l-protagonista tal-ispettaklu kien hu. L-istilla ta' din l-esibizzjoni maestuża ma kienet ħadd ħliefu. Ħajtu, familtu kienu r-rappreżentazzjoni tiegħu. Ħadem il-parti tiegħu bir-reqqa; intelaq fiha b'ruħu u b'ġismu. Kien l-aħjar xogħol li qatt għamel. Però issa xtaq is-siparju; dan il-palk partikolari ma ridux iktar u allura telaq is-sulfarina fl-art u għalaq il-bieb. Sema' n-nar ilebleb ħafif hekk kif immaġina n-nirien iserrpu minn kamra għal oħra, jibilgħu kollox u kullimkien. Adam telaq, ma stenniex applaws.

Reġa' sab ruħu fuq *stage*. Dam ftit jistenna u meta fl-aħħar waslet il-karozza u rikibha, fil-bogħod seta' jisma' l-istorbju urġenti tal-*fire engines*.

Waqaf ħdejn ix-xatt. Ħares lejn l-arloġġ. Id-disgħa u nofs u seba' minuti. Tard għan-nies tal-post, kmieni wisq għall-fatati. Il-bajja kienet vojta u anke t-triq dehret abbandunata. Il-lejl kien kwiet. L-uniku ħoss kien tal-mewġ għażżien imelles ir-ramel. Ma kienx hemm qamar u ma kienx hemm stilel: kullimkien iswed faħma. Is-sema u l-baħar kienu wieħed, bużżieqa sewda li ċ-ċentru tagħha, għalissa, kien Adam.

Niżel fuq ir-ramel u neża' ħwejġu. Kien hemm żiffa ġentili u minkejja d-dehxa, kollox kien tajjeb, kollox kien qed jagħmel sens. Beda riesaq lejn il-baħar. Passejh, rotob, ħallew il-marki fir-ramel, qishom dawk il-*posters* reliġjużi li jispjegawlek kif inti m'intix waħdek, kif hemm il-Kristu miegħek iġorrok fuq spallejh. Adam tbissem. Il-piż tiegħu hu kien neħħieh. Xogħlu għamlu u issa jeħtieġ li joħroġ mix-xena, jagħti ċans lin-nies li tant iħobb biex jagħmlu xi ħaġa b'ħajjithom u ma jkunu jafulu xejn. Ħlief forsi xi ftit gratitudni talli għamel dan il-pass. Le. Lanqas din ma ried. Le. Xejn.

Moħħu ried ikompli jberren iżda Adam irreżista l-impuls li jifformola ħsibijietu. Il-loġika u r-raġuni issa kienu irrilevanti. Iċ-ċiklu kien komplut. L-eżistenza tiegħu ma kinitx iktar meħtieġa u kien wasal iż-żmien li jmur xi mkien ieħor. Avolja martu kienet imbikkma, tħares mit-triq lejn in-nirien jixxalaw fl-appartament tagħhom, tgħannaq 'l uliedha u mwerwra għax forsi r-raġel tagħha jinsab hemm ġew.

Imbagħad jifhmu, ħaseb Adam.

L-ilma laħaqlu għonqu. Adam intelaq. It-temperatura ta' ġismu tgħarrset ma' dik tal-baħar u ħassu komdu. Għam bil-mod, bil-galbu, 'il barra, lejn il-vojt assolut tad-dlam, bl-għarfien li dak li qed jagħmel huwa neċessarju, u li kien se jwassal għal tmiem u bidu ġdid.

Linja

Bernice Saliba

jekk tgħid li l-ħajja ċirku tkun qed tigdeb,
għaliex ħajja ta' bniedem tibda u tispiċċa bħal linja

ma tafx kemm hi twila, kemm hi qasira
ma tafx x'ħa jwaqqafha,
bħal lapes li tinkisirlu l-ponta
jew lapes li jiċċara u jgħib hekk kif jgħaddi ż-żmien
il-linja tieqaf ħesrem,

il-ħajja mhijiex ċirku għaliex tibda u tintemm,
bla ma tavża lil ħadd, xejn,
tħalli l-vojt warajha, bħalma tħalli linja li ttemm l-istorja

u għalkemm tipprova temmen li l-ħajja tkompli,
taf li dan xejn mhu minnu
għax bħal trejqa li ma tinfidx, lura minnha ma tistax tmur

u li kieku l-ħajja ċirku tibqa' teżisti, imma l-ħajja tiegħek trejqa
lil hinn tmur, imma lil hawn ma terġax tiġi,

u għalkemm kollox nippruvaw nużaw biex innaqqsu l-biża' –
allat, reliġjonijiet, superstizzjonijiet –
xejn ma jneħħi l-fatt li l-biża' se jibq'hemm

għax ħadd ma jrid li jgħib jew jisparixxi ħesrem,
ħadd ma jrid li jgħix bil-vojt li jħallu linji paralleli oħra,
ħadd ma jrid jaqbad triq li ma tħallikx tmur lura,

iżda lil hinn iva, lil hawn le

Il-Pjanist tal-Kunċerti

Lawrence Ancilleri

Poġġa bilqiegħda. Kien ilu ma jiftħu. Kif inkixfet it-tastiera ħass dik l-emozzjoni ta' dakinhar li fetħu għall-ewwel darba. Dakinhar kien għad għandu ħames snin biss. In-noti suwed u bojod għalih kienu qishom sellum mimdud.

"Għalfejn żebgħuhom suwed dawn, pa?" staqsa lil missieru hekk kif ir-reffiegħa telqu 'l barra wara li poġġew il-pjanu fl-aktar post prominenti tal-kamra tas-salott.

"Dawk ibiddlu l-ħoss tan-noti bojod," kienet it-tweġiba xotta xotta. "U issa oqgħod attent meta tibda bl-ewwel lezzjonijiet. Ara kif tpoġġi saqajk ix-xellugija quddiemu. Bil-ħadid li għandek ma' saqajk tista' toborxu. Dak mhux ta' injam ordinarju. Dak tal-ġewż." Kompla jwissih.

Il-familja kienet issa kollha miġbura tħares u tifli dak il-pjanu jleqq ileqq ... is-simbolu tal-ġid li reġa' beda dieħel fid-djar u l-appartamenti l-ġodda għaxar snin wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

"Ħadd mill-antenati tagħna qatt ma kellu pjanu!" esklama missieru. "Nistgħu ngħidu li ktibna paġna ġdida fl-istorja tar-razza. Mur ġib lil missieri jarah! Kompla b'ton ta' kburija waqt li mesaħ traba fantażma minn fuqu.

"Xtrajtlek il-pjanu biex 'il quddiem tkun tista' xorta taqla' x'tiekol minn bilqiegħda" kompla jfissirlu. "Mhux se nħallu marda żżommok milli taqla' x'tiekol. Il-pjanu se jkun is-salvazzjoni tiegħek u fl-istess ħin il-familja se jkollha pjanist famuż u li kapaċi jaqla' ħafna flus."

Miċ-ċokon ħass it-toqol ta' ħolma li issa kellu kulħadd.

Issa reġa' melles ħafif ħafif in-noti suwed u bojod. Ftakar fis-sigħat twal li qatta' jaħdem fuq l-iskali ... l-arpeġġi ... u mitt eżerċizzju ieħor biex is-swaba' ta' jdejh jinħallu u jkunu jistgħu jlaħħqu ma' kull kwalità ta' mużika li kien se jkun jista' jdoqq.

Il-Hanon, il-Bertini, il-Gzerni kienu l-kotba li kien jifli nota b'nota waqt li sħabu kienu jkunu jiflu u jpartu bejniethom il-*Beano* u d-*Dandy*, il-*comics* ta' dak iż-żmien.

Fit-tpartit lilu kienu jwarrbuh. Min kien se jpartat mal-kotba tiegħu? Min kien irid joqgħod jinħela jiddeċifra tikek suwed u bojod li meta tħares lejhom ma tara xejn?

Beża' li minn naħa qed jitwarrab minn sħabu u minn oħra qed jinfatam bil-mod il-mod f'dinja misterjuża li ma tarahiex, imma tħossha waħdek. Tħossha fis-silenzju ta' moħħok u tisma' x'għandek miktub hekk kif tibda tagħfas in-noti b'dawk is-swaba' ħfief ħfief. Swaba' li bla rażan jinfirxu ma' dik it-tastiera f'sakra ta' dellirju biex jaħkmu dinja tal-ġenn. Dinja ta' ħsejjes li jossessjonawk, jistorduk, iġennuk u jwaħħduk ma' kompożituri u pjanisti ta' stoffa u li ma jmutu qatt.

Issa kien iddakkar sew. Ma' kull żerniq erħilu jiftaħ dak il-pjanu li tant sar iħobb biex jibda jħoll dawk is-swaba' li kienu se jagħmluh il-pjanist tal-kunċerti. Biex tagħqad xi ħadd kien qallu li missier Mozart kien iqajjem lil ibnu fl-erbgħa ta'filgħodu biex jistudja! U dan meta Mozart kien għad għandu erba' snin. Ma riedx jaħli ħin. Huwa diġà kellu sitta!

"Tantx tagħfas il-pedala tal-lemin tal-pjanu." Kien ta' spiss jisma' lil ommu twissih. "Din iġġiegħel il-ħoss tal-pjanu jogħla u jvenven. Il-ġirien ikunu għadhom ma qamux. Ma rridx naqbad kwistjonijiet magħhom. Mhux aħjar tagħfas il-pedala tax-xellug biex tbaxxi l-ħoss?" staqsietu darba waqt li nsiet li ma setax iniżżilha kif ġieb u laħaq b'dik is-sieq ipparalizzata.

Dan il-fatt ma tantx kien idejqu. Kien jaf li l-pedala tax-xellug kienet tintuża rari ħafna fil-partituri tal-mużika.

Qalulu wkoll li Beethoven kien kiteb l-ewwel xogħol tiegħu meta kellu biss sitt snin. Ix-xorti riedet li missieru issa daħħal il-*pick up* u fuq insistenza tiegħu ġiegħel lil missieru jixtri dawk id-diski suwed kbar biex ikun jista' jisma' l-mużika ta' Mozart u Beethoven. Din il-mużika flimkien

mal-kanzunetti romantiċi ta' Nat King Cole (li missieru kien tant iħobb), kienet tibqa' tidwi f'widnejh u saħansitra jibqa' jismagħha anke waqt li kien ikun rieqed.

Meta kien jipprova jitkellem ma' sħabu fuq il-mużika ma kinux jifhmuh. Dak kien żmien li l-ħwienet tax-xorb ta' Bormla kienu qed idaħħlu l-*jukeboxes* u kulħadd kien jieqaf quddiemhom biex jaraw it-Teddy Boys jiżfnu għall-mużika mqanqla tar-Rock 'n' Roll. Elvis, Little Richard u Jerry Lee Lewis kienu r-rejiet tal-mużika tal-klassi tal-ħaddiema. Kienu biss ta' Singletone, ta' Tabone u ta' Drago li bagħtu lil uliedhom miegħu biex jistudjaw il-pjanu u l-mużika klassika ...

"Dik mużika tax-xjuħ u tibagħtek torqod," kien spiss jinbxu James, it-tifel ta' Rosie ta' ħdejhom. U ma' James ma riedx iħaqqaqha għax ta' spiss kien ipartat miegħu s-suldati taċ-ċomb li kienu jixtru mingħand Aaronne li kellu ħanut is-suq. Beża' li jinqata' minn sħabu u d-diskors fuq pjanu, Beethoven u Mozart ħallieh għal mal-għalliema mara, li missieru, b'tant sagrifiċċju, kien iġiblu d-dar kull ġimgħa.

Imm'issa beda joħlom li se jkun xi Chopin ieħor. Kull sena beda jagħti l-eżamijiet u jgħaddi b'marki għoljin. Dawn kien jagħmilhom f'villa tas-sinjuri f'Ħal Balzan fejn il-palazz tal-Gran Mastru u quddiem il-Villa ta' Strickland. Kull darba li kien imur hemm kien iħossu qed jidħol f'dinja oħra.

"X'differenza mill-appartamenti ta' Bormla, pa!" darba qal lil missieru.

"Għax qed tistagħġeb?" irrispondieh missieru mbaqbaq. "Qabel il-gwerra aħna fi djar ta' tmintax-il kamra konna ngħixu ... bħal dawk li fadal fi Strada Santa Margerita. Ma kinux Hitler u Mussolini! Dawk mhux biss kissrulna djarna bix-xita ta' bombi li tefgħulna, imma barra li qatluli lil missieri meta kelli biss sittax-il sena, faqqruna wkoll. Irridu ġenerazzjoni oħra biex nerġgħu nieħdu r-ruħ," qallu bi kliem profetiku.

Issa fehem għaliex f'daru ma kienx hemm l-għamara bħal tal-villa fejn kien jagħmel l-eżamijiet. Fehem ukoll li l-għamara tal-abjad t'ommu kienet is-sinjal li l-flus żejda tal-familja kienu jmorru għax-xiri tal-pjanu bin-nifs u għall-ispejjeż tat-tagħlim. Stinka iżjed, u l-istudji issa laħqu livell għoli. Ta' kuljum kien iqatta' minn erbgħa sa ħames sigħat jissielet ma' dik it-tastiera. Daħaq meta darba qabbel subgħajh, li kienu jagħfsu mijiet ta' noti f'minuta b'dik il-ħeffa kollha bħal leħħa ta' berqa, mas-swaba' bla ħajja ta' sieqa

x-xellugija. Swaba' li qatt ma ċċaqalqu ġo sieq maħkuma mill-poljo sa minn meta kellu sentejn.

"Wasallek il-mument tal-prova!" qaltlu darba minnhom l-għalliema tiegħu. "L-eżamijiet kollha għaddejthom b'marki għoljin. Issa trid tidħol għall-konkors li jekk tirbħu takkwista borża ta' studju li tqabbdek it-triq għal pjanist tal-kunċerti".

Il-mument mistenni tal-konkors wasal u flimkien mal-aqwa pjanisti kkompeta għall-premju. Għal ġimgħa sħiħa tqabdu bejniethom waqt li daqqew bċejjeċ varji tal-aqwa kompożituri.

L-ispettaturi xxalaw b'mużika li varjat minn notturni, kunċerti għall-pjanu, bċejjeċ minn sinfoniji u kull kwalità ta' forom mużikali miktubin għall-pjanu. Il-biċċiet li daqqew għażluhom il-kontestanti stess. Fl-aħħar ġurnata l-ġurija ħarġet bil-verdett tagħha.

Issomma meta flimkien mal-isem tal-pjanist imsemmi ssemma ismu wkoll. Bilkemm ried jemmen! Ġew indaqs fl-ewwel post! Il-ġurija għalhekk qatgħatha li jagħmlulhom l-aħħar test biex jaraw min minnhom se joħroġ rebbieħ. Din id-darba però l-ġurija għażlet hija stess il-biċċa mużikali li kellhom idoqqu. Kien jaf li f'mumenti bħal dawk l-inqas żball kien se jitfgħek il-baħar.

Il-pjanist tant imsemmi daqq l-ewwel u hekk kif spiċċa jdoqq il-biċċa li tawh, is-sala nfexxet f'ċapċip li jtarrax.

Issa kien imissu hu. Ħa postu fuq il-banketta u, bħal kull pjanist professjonali, żamm lilu nnifsu dritt b'idejh it-tnejn lesti fuq it-tastiera. Inklina ruħu ftit 'il quddiem u b'siequ l-leminija merfugħa bil-lest fuq il-pedala tal-*forte* stenna biex iġibulu l-biċċa mużikali misterjuża li għażlulu biex idoqq.

Ma kienx se jiddejjaq jekk iġibulu xi biċċa mużika li qatt ma daqq qabel. Is-sigħat ta' studju li qatta' għal snin sħaħ kienu biżżejjed biex subgħajh idoqqu kulma jaraw.

Poġġewlu l-mużika quddiemu u bl-akbar bravura beda għaddej minn paġna għal oħra qisu żiffa riħ. Hekk kif wasal biex jaqleb għall-aħħar paġna kien ċert li ssupera 'l-pjanist l-ieħor.

Iżda hekk kif qalleb il-paġna, inħasad. Fil-biċċa li tawh, b'kumbinazzjoni jew mhux, kellu frażi rari li ried bilfors juża l-pedala li tbaxxi l-ħoss tal-pjanu ... il-pedala tax-xellug!

Siequ x-xellugija tbandlet 'il quddiem biex tlaħħaq mas-swaba't'idu li kienu diġà ħakmu n-noti miktuba. Ipprova jisforza 'l isfel dik is-sieq bla muskoli u għal frazzjoni ta' sekonda ma rnexxilux. Għal ftit sekondi l-ħoss li ried jinstema' baxx instema' għoli. Dawk preżenti fl-udjenza ma ndunawx bl-iżball imma l-ġurija esperta ma kellhiex ħniena ... il-premju rebħu l-pjanist l-ieħor!

Kien il-mument tat-tmiem ta' ħolma. Id-diżappunt kien aktar milli felaħ. Fil-fixkla li kien, mar lura d-dar, fetaħ il-pjanu u daqq b'solennità liema bħalha l-biċċa mużika li Beethoven kien kiteb eżatt qabel ma miet. Hekk kif spiċċa għalqu u minn dakinhar sal-lum qatt ma mess il-pjanu aktar.

Kien qabad karriera oħra. Sar għalliem.

Issa reġa' ħares lejn it-tastiera u għall-ewwel darba f'ħamsin sena reġa' xxennaq biex ikun il-pjanist tal-kunċerti. Medd is-swaba' t'idu, issa kollha tikmix, fuq dawk in-noti kiesħa u jiżolqu, u minn ġo dak il-pjanu bdiet ħierġa mużika li tgħaxxqek.

Ix-xjuħ tal-*home* dlonk daru miegħu u ma ridux jemmnu x'qed jisimgħu. Minn ġo nofshom ħareġ James ta' Rosie – dak li miegħu kien ipartat is-suldati taċ-ċomb u dak li darba qallu li l-mużika klassika hija għax-xjuħ u li traqqdek. Hu wkoll kien miegħu fid-dar tax-xjuħ.

"Mela int taf iddoqq daqshekk? Isa ħej, għandna pjanist tal-kunċerti fid-dar tagħna!" qal kollu mistagħġeb.

Kompla jdoqq qisu ma sema' xejn. Bexxaq kemm kemm għajnejh biex iżomm id-demgħa li riedet tiżloq għal fuq ħaddejh u b'noti kultant daqsxejn stunati kompla l-kunċert li qatt ma ta.

Dawk ta' madwaru bħal dawk ta' dak il-konkors tant snin ilu ma ndunawx bl-iżbalji. Tbissima feġġet fuq fommu u waqt li ħares lejn James qallu:

"James veru li issa xjuħ, imma nispera li issa ma nraqqdekx!"

B'dedika lil William Ancilleri,
missier l-aktar serju u ta' eżempju.

Für Elise: l-Eku

Beverly Agius

Ħarist f'għajnejn in-ninfa li wellidna
fuq snien il-pjanu ftit żmien ilu.

Għajnejha kbar jiċċassaw lejn il-kordi. Ma
jitkellmux. Jittawlu mdejqa lejn il-futur
indeċiż, ma jħarisx. Tilef il-bakketta
imma joħloq serenata war'oħra.

Idejha – idejk,
idejha – idejja.
Idejna ...
            jilagħbu b'xulxin,
            ma' xulxin:

            karta, ġebla jew imqass?

Bil-versi f'idejja
nqasqaslek poeżija
u nwaħħalha
ma' dil-kakofonija
f'nofsna f'nofsna.

Fik,
l-arpeġġ mibdul mifxul.
Iħaffef-jaħrab 'l-Eku 'l-Elise
u jħallini b'ħarsti 'l isfel,

negħreq f'għa(r)dir-tek
għax ma nifhimx in-noti ħfief
ħierġa jiżfnu minn għajnejk,
jitgelglu f'għajnejja.

F'għajnejna, l-eku ta' ninfi ġeblin.

Qed Tasal Mnejn Titlaq

Glen Calleja

trid teħles ħafif;
il-kliem li tagħżel, tagħżilhom muti
tagħżilhom għall-kitba fejn tista' tiffantasizza:
li d-dqiqiet tad-diżabitat
li ssaltan fuqhom
tiswija biżżejjed għall-istorja

però għidli li ma temminx
lilek innifsek. aħfer 'l alla li ttradietek
miegħek innifsek bil-lealtà ta' mara
bi lsienha maqtugħ. taħfirlix
jekk nibqa' nilgħabha tat-trux nirkantalek 'il dik
u 'l-oħra bid-daħqa.

F'Salib il-Kwiekeb

Stephen Lughermo

Kien se jsabbat il-bieb. Imma issa dara. Dara jikkontrolla ruħu anke fl-eqqel tar-rabja. It-tisbit kien iħallih għaliha. Lilu qatt ma kkalmah, anzi. Ħareġ fuq l-għatba u xeħet ħarstu 'l hemm u 'l hawn ifittex 'il fejn se jiġbed. Laqtitu mill-ewwel, tħares lejh mill-għoli b'dak id-denb imdawwal f'għamla ta' triq bi tliet karreġġjati. Kien raha bosta drabi żżejjen il-villa tal-kantuniera iżda llum, f'dan ix-xejn tal-madwar, kienet donnha qed tiddandan quddiemu aktar mis-soltu, tistiednu jterraq magħha.

Ħa nsegwi l-kewkba, ħaseb b'nofs tbissima. Dan l-aħħar qatt ma kien jirnexxilu jitbissem iktar minn hekk. Nesa meta kienet l-aħħar darba li daħaq u issa anke sempliċi tbissima kienet ta' strapazz żejjed għall-muskoli għażżiena ta' wiċċu. Kollox nofs ħeġġa, kollox imqanżaħ. Lanqas id-daħq u ċ-ċajt ta' wliedu ma kien għadu jferrħu. Tul bosta ljieli mqajjem jew skantat quddiem it-televixin kien ipprova jistaqsi lilu nnifsu kif u meta sab ruħu f'din iċ-ċella bla ħitan, priġunier liberu, imxekkel f'ħelsien li jifga.

"X'ninkwieta, ninkwieta!! Tgħid mhux hekk? Nibqa' għaddej b'ħajti *no matter what*," kien jiftaħar ma' sħabu meta xi wieħed minnhom kien jiftaħ qalbu magħhom dwar xi biċċa inkwiet. Illum kliem bħal dak itellagħlu l-istonku. Kemm kien jiflaħ ikun giddieb u fanfarun dak iż-żmien? Kemm kien iblah u *naive*? Kemm kien ... ferħan.

Waqaf ħesrem. Issa mdawwal sewwa mid-dija tal-kewkba fuq rasu. Il-kesħa tax-xitwa bikrija ma kienx qed iħossha. Kien u għadu jbaqbaq minn ġewwa iżda ma kienx se jdum wisq. Wara kollox, il-proċess issa kien jafu bl-amment: jitwieled b'ħarsa biċ-ċiera, jikber f'nefħa ċkejkna jew nofs ta' kelma u jiżviluppa fi krexxendo ta' botti u risposti, tisbit ta' bibien tal-kmamar tat-tfal, għajjat, twerżiq, passi ħfief f'direzzjonijiet opposti sakemm imut fi skiet perfett. Imbagħad l-awtopsja personali ta' tbaqbiq intern: hi fir-renju tagħha tal-kamra tas-sodda u hu żingaru mixħut fid-dalma tas-salott inkella b'rasu mserrħa fuq l-iskrivanija tal-istudju jew imsakkar fil-kamra tal-banju. Hemmhekk f'vivisezzjoni tal-argument jilħaq il-quċċata tar-rabja li bil-ħin tissaffa f'niket irqiq li, bħaċ-ċpar, jinżel fuqu qajl qajl u jħallih f'baħħ ta' mistoqsijiet.

Illum iż-żingaru ta' ġo fih kien ħadu lil hinn mill-kmamar tas-soltu. Malli dawret denbha u telqet tħaffef lejn il-kamra tas-sodda, ħass xi ħaġa tiġbdu lejn il-bieb ta' barra. Mhux soltu joħroġ. Li jaqbeż l-għatba tal-bieb kien ifisser li ħarab, li ċeda, li ammetta li tilef l-argument. U ma kienx tilfu. Lanqas illum. Iżda s-sejħa tal-arja kiesħa ta' barra kienet qawwija wisq. Forsi għax dan ma kienx lejl bħall-oħrajn. Tgħid indunat li ħareġ? Tgħid issa tmur tgħawwi lit-tfal kontrih? Tgħid aħjar baqa' ġewwa?

Naqqas il-pass u tefa' ħarstu lura. Għamel ħiltu biex jiffoka fuq id-dar imbiegħda iżda għajnejh ġrew mill-ġdid għal fuq il-kewkba li, deċiża u nkejjuża, kienet għadha tindika t-triq opposta. Minn wara l-kantuniera tfaċċat mara b'żewġ subien żgħar warajha.

"Ejja, ħaffu għax diġà qegħdin tard," semagħha tgħid hi u tqarreb lejh. Issa seta' jaraha aħjar. Ma kellhiex iktar minn tletin, xagħarha ssettjat, nuċċali tal-aħħar moda u lbies tal-okkażjonijiet speċjali. Ħalliet warajha fwieħa li ssaħħrek, il-ħoss tat-takkuna titbiegħed u ż-żewġ subien, aktarx tewmin, ikaxkru saqajhom u jiċċassaw lejh. Ilkoll, purċissjoni waħda, isegwu d-direzzjoni mogħtija mill-kewkba.

Malli għaddew, ta daqqa t'għajn oħra lejn id-dar. Ħass l-ewwel tingiża ta' wġigħ ta' ras. Xejn ġdid. Tarġa oħra fil-garigor li kien qed jitla' dejjem aktar ta' spiss. Le, ma riedx imur lura għalissa. Daħħal idu fil-but tal-ġakketta, għaddas rasu u reġa' qabad triqtu. Triqtu? Jew it-triq tal-kewkba? Jew kien biss qed isegwi l-fwieħa tal-mara biż-żewġ subien? Il-ħoss tat-takkuna issa bilkemm

kien jinstema' imma l-figura tagħha, iddur kull ftit passi u ġġebbed lit-tfal, kienet għadha kultant tiddawwal mill-bozoz ta' xi dar imżejna.

Kien ilu ma jgħaddi minn hawn. Għax-xogħol kull filgħodu kien jgħaddi minn triq imwarrba biex jevita t-traffiku. Filgħaxija, kien jiġi lura min-naħa tal-kunsill, wara li jkun għadda ftit għand ommu. Mill-bqija ma kien imur imkien u din it-triq, għalkemm daqshekk viċin daru, kienet saret għalih inutli daqs xi trejqa f'pajjiż imbiegħed.

"Kemm inbidel hawn," gemgem minn taħt l-ilsien hu u jħares lejn blokk appartamenti li kien tela' flok il-garaxx ta' Salvu l-mastrudaxxa. Ftakar f'dakinhar li sħabu kienu serqulu xi injam biex jagħmlu ħuġġieġa f'roqgħa xagħri fil-qrib.

"Jien se noqgħod hawn barra, għassa. Jekk ikun ġej xi ħadd insaffrilkom waħda," jiftakru jgħid. Kienet skuża tajba li taħbi l-biża' tiegħu waqt li żżommu parti mill-grupp. Dakinhar ma kellux għalfejn isaffar. Il-pjan kien irnexxa. Il-ħuġġieġa kienu għamluha. Iżda iktar minnha, f'moħħu baqgħet stampata l-ħuġġieġa ta' qilla fuq wiċċ missieru malli sar jaf x'kienu għamlu.

"Kemm-il darba se ngħidlek? Ma tismax waħda minni!" Il-leħen ħasdu. Fuq il-bankina l-oħra, il-mara tal-fwieħa kienet qed tfarfar wieħed mis-subien waqt li tiġbor ġlekk ċkejken mill-art. "Ara kif sirt. Se twaqqagħli wiċċi l-art."

"*Sorrryyyy*," instemgħet il-vuċi mbikkija tat-tifel. Rasu bilkemm kienet tidher. Baxxuta u midfuna taħt xalla ikbar minnu, kienet qed tagħmel minn kollox biex taħrab it-twiddib tal-mara.

Ftit lil hinn, it-tifel l-ieħor kien wasal f'salib it-toroq. Ta ħarsa lura bis-serqa, imbagħad inkiss inkiss għeb wara l-kantuniera. Ma damx ma reġa' tfaċċa. "Hawn qegħdin! Sibniehom, sibniehom," għajjat waqt li ġera lejn l-oħrajn. Ma' dan il-kliem, ras ħuh żbukkat mill-ġdid minn qiegħ ix-xalla u, bil-ġiri, dar hu wkoll mal-kantuniera bil-mara tipprova tlaħħaq miegħu.

Kien se jibqa' sejjer, mitluf jiskopri raħal li bidel wiċċu mingħajr m'avżah. Iżda l-kurżità għelbitu. Forsi fuq hekk, martu kellha raġun. Minn dejjem kienet tgħajru kurjuż. Sa minn meta kienu għadhom maħbubin friski l-Università, moħħhom iktar f'xulxin milli fl-*assignments* u t-teżijiet li kienu jagħmlu. Dak iż-żmien kienet tgħajru biċ-ċajt. Dak iż-żmien, kull tgħajjira kienet ċajta u hu kien jitbissem. Jidħaq, saħansitra. Bħal dakinhar f'dak il-katidral fl-Italja fejn biex jara kull pittura, kull statwa u disinn arkitettoniku kien spiċċa daħal, u ssakkar,

fiż-żona riservata għall-patrijiet. Dak kien wieħed mill-ewwel vjaġġi li għamlu flimkien. Kienu marru wara l-eżamijiet tal-aħħar, ftit xhur qabel iggradwaw. Kienu għamlu ġimgħat sħaħ jgħoddu l-ġranet għall-jum tat-tluq. Illum, tlettax-il sena, disa' snin ta' żwieġ u żewġt itfal wara, is-safar kien biss intermezz li għal ġimgħa jew tnejn iċaqalqu mill-ħabs ta' daru għal ċella f'lukanda.

"Ma nafx, Mark," kien qal xi jumejn ilu lil sieħbu fil-kċina biswit l-uffiċċju. "Naħseb kieku jkolli nħares lura, is-snin li fihom konna vera ferħanin kienu biss dawk l-erbgħa ta' qabel iż-żwieġ. U mhux kollha, lanqas."

Kienu bilwieqfa jserrħu mal-friġġ, igawdu l-aħħar ftit minuti tal-*break*. Ma' Mark kien iħossu komdu jiftaħ qalbu. Forsi għax ilhom jafu 'l xulxin jew għax minkejja li iżgħar fl-età kien donnu fehem il-ħajja ħafna aħjar minnu u m'għamilx l-iżball tiegħu. "Imbagħad għamilna l-ewwel ftit xhur tal-*honeymoon* u daqshekk. Minn dak iż-żmien 'l hawn gdiedem biss. Emminni, kultant noħlom li tiġi xi darba fuqi u tgħidli li hemm raġel ieħor, li qed taqlibhieli ..."

It-tingiż f'rasu issa kien sar damdim. Kien damdim ritmiku li jagħfas fuq moħħu f'għamla ta' melodija odjuża. Ħassu kważi jistordi imma ma beżax. Kien imdorri. Is-soltu, però, kien ikun mixħut fis-salott jew fuq l-iskrivanija tal-istudju. Illum kien jinsab hawn, fi triq issa battala, għax anke l-mara tal-fwieħa u s-subien kienu għebu. Mexa hu wkoll lejn il-kantuniera. Ma' kull pass l-uġigħ kien qed isir dejjem aktar insapportabbli u d-damdim ritmiku beda jitwaħħad u, ftit ftit, jinbidel f'mużika stramba.

Dar il-kantuniera. Fit-tarf tat-triq lemaħ dwal donnhom jiżfnu mal-melodija titbandal f'moħħu. Milli jidher anke għajnejh kienu qed jgħadduh biż-żmien. Tal-mara u ż-żewġ subien ma kien hemm l-ebda sinjal. *Daħlu f'xi dar*, ħaseb waqt li ssokta jqarreb lejn id-dwal żeffiena. Il-melodija issa kienet qawwija biżżejjed u f'ħin bla waqt stħajjel li qed jagħraf xi kliem ...

Ħallu... tajru n-ngħas
Ragħajja nġabru għall- ...

L-għanja għarafha. Kien semagħha kemm-il darba fi tfulitu l-Mużew u ġieli sema' liż-żgħir ikantaha wara xi nofstanhar provi mal-kor tal-iskola. Reġa' waqaf, jipprova jiffoka fuq id-dwal u jfittex li jagħmel sens mid-damdim u l-mużika ...

Aħbar tajba riesqa 'l hawn
Kollha ferħ bla qatra mrar.

Issa ma kellux dubju. Il-mużika kienet ġejja mit-tarf tat-triq. Ladarba serraħ moħħu li ma kienx qed jhewden, mexa b'pass deċiż bit-tama li ma jdumx ma jaqta' l-kurżità. Il-ħoss kien dejjem aktar ċar u l-'Gloooorja' mġebbda ħassha bħal donnha tikkalmah xi ftit mid-damdim ta' ġo rasu. Ma kienx iktar minn ħamsin metru bogħod u d-dehra quddiemu bdiet, fl-aħħar, tagħmel sens. Id-dawl żeffien issa kien ħa l-forma ta' fanali u standardi miżmuma fl-idejn minn tfal skjerati maż-żewġ naħat tat-triq. Fin-nofs, xi rġiel kienu jpassu 'l fuq u 'l isfel jaċċertaw li ħadd ma jiżvija mis-serbut imdaqqas.

Wasal fit-tarf tal-bankina eżatt malli erba' subien ftit ikbar fl-età kienu qed iġorru l-maxtura bil-bambin. Warajhom, raġel imbaċċaċ kien għadu jkanta b'garġi daqsiex waqt li jimbotta *loudspeakers* li ilhom li għamlu żmienhom. Jagħlqu kollox, imbagħad, taħlita ta' anzjani u koppji żgħażagħ imxerrda 'l hawn u 'l hinn mal-wisa' tat-triq f'diżorganizzazzjoni li tistona mar-riġment ċkejken miexi quddiem. Fin-nisa anzjani, imberflin sew fil-kowtijiet u x-xalel, l-imbaċċaċ kien qed isib l-akkumpanjament mixtieq għall-kant u t-talb. Mill-ġenituri ma kienx qed isib l-istess appoġġ. Ħafna minnhom kienu mitlufa fid-diskors jew fil-mowbajls. Il-bqija medhija jiġbdu ritratt wara l-ieħor ta' wliedhom iġorru xi standard jew jerfgħu l-bambin. Ma' dawn lemaħ lill-mara tal-fwieħa tħaffef fuq il-bankina, tfittex l-aħjar post biex bl-istess ritratt iżżomm tifkira taż-żewġ subien.

Għal ftit, baqa' hemm josserva l-purċissjoni donnu xi turist li għadu kemm skopra l-eżistenza tagħha. Ma kienx hekk. Xi darba hu wkoll kien parti minn dak ix-xenarju. Hu wkoll kien tfajjel fir-ringiela dritta, ferħan li jġorr fanal u, snin wara, kburi li ta sehmu fl-irfigħ tal-bambin. Għal ftit ħassu jgħir għaż-żewġ subien. Ħadd qatt ma kien ġie jiġri warajh b'kamera dak iż-żmien. Lanqas kellu għalfejn jippoża u jitbissem bil-fanal f'idu jew isemma' leħnu fil-kant għal waqt xi *video.*

Imbagħad ftakar fiha. F'Sabrina. Kien f'dik il-ħabta li beda jsir jafha. Ma kinitx tiġbidlu ritratti imma ħadd daqsu ma kien ikun jaf li qiegħda hemm, timxi miegħu ftit 'il bogħod. Ħadd daqsu ma kien jitlewwem ma' sħabu biex iġorr l-ikbar standard meta jgħaddu minn quddiem darha. Hu jfittex għajnejha

bil-moħbi ta' missierha u hi tħarislu minn taħt u titbissem bis-serqa. Tbissima li kien jibqa' jdawwar f'moħħu għal ġranet u ġimgħat sħaħ sakemm forsi jerġa' jduqha waqt li jkun tiela' għat-tqarbin fil-quddies tal-Ħadd, inkella fil-festa tar-raħal jew fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Għal sentejn sħaħ, ħajtu kienet iddur mal-kalendarju reliġjuż. B'ardur spiritwali li kien iħasseb lil ommu, ma kienx ifalli attività waħda. Sa dakinhar li, fil-festa, Sabrina kienet ħarġet għall-ewwel darba waħedha ma' sħabha. Imbagħad kien ġie l-ġelat taċ-ċikkulata, it-togħma tiegħu fuq xufftejha ... u l-kalendarju tal-Knisja ssakkar darba għal dejjem fil-kamra tal-imbarazz.

Is-skiet ħasdu. Ftit lil hinn l-imbaċċaċ kien temm l-innu tiegħu u beda jgedwed xi talb maħtuf. Mitluf fi ħsibijietu lanqas kien intebaħ li l-purċissjoni kienet għaddiet. Baqa' hemm jiċċassa lejn it-tarmak li ftit ftit donnu beda jieħu fattizzi familjari: għajnejn imqarba kienu qed jittawlu minn wara xagħar kannella twil li bi nkejja kien jikxef u jostor tbissima żagħżugħa fuq wiċċ bla rtokk. Minnufih id-dehra bħallikieku ħadet il-ħajja u quddiemu ġriet sensiela ta' ritratti-tifkiriet bi protaganista waħdanija. Id-damdim f'moħħu issa kien ħa sura oħra, b'ritmu differenti. Sabrina ... Sabrina. Tliet snin moħħ ir-riħ. Sabrina ... Sabrina. Kienu għadhom tfal dak iż-żmien. Sabrina ... Sabrina. Kien spiċċa kollox malajr wisq. Sabrina ... Sabrina. Kif kellha titlaq b'dak il-mod? Sabrina ... Sabrina. Skont facebook kienet ġiet lura. Sabrina ... Sabrina. Kien ilu ma jiktbilha xi kumment fuq xi ritratt. Sabrina ... Sabrina. Ma kinitx toqgħod wisq 'il bogħod minn hawn. Sabrina ... Sabri...

Maħkuma mid-damdim, riġlejh kaxkruh 'il bogħod mill-purċissjoni. Qasam it-triq u daħal fi trejqa bi ftit djar li r-residenti tagħha kienu jieħdu ħsieb iżejnuha bi pjanti mdaqqsa. Dawn it-trejqiet kienu l-għaxqa tiegħu fi tfulitu. In-nies ta' barra r-raħal kienu jaħsbuhom sqaqien inutli li ma jinfdu mkien. Għalih u għal sħabu, madankollu, kienu territorju ta' logħob, ġiri bir-roti u r-rotta magħżula meta (kważi kuljum) ikunu tard għall-iskola. Minkejja li kienu għaddew snin twal mill-aħħar darba li daħal fih, il-labirint ta' trejqiet ma fixklux. Il-kesħa fina kienet qed tinfidlu mill-ġakketta li kien tefa' fuq kollox qabel ħareġ mid-dar. Mexa tul żewġ trejqiet u żbokka fit-triq prinċipali.

"M'iniex 'il bogħod," qal lilu nnifsu. "L-ewwel jew it-tieni triq fuq ix-xellug." Bid-damdim ta' moħħu jiddettalu r-ritmu, daħal fl-ewwel triq. Ta daqqa t'għajn, jipprova jilmaħ dik il-faċċata b'żewġ kolonni li tant sigħat

kien qatta' jistenna quddiemha. Hu kien dejjem puntwali imma hi qatt ma kienet tkun lesta. "Dik marda tat-tfajliet," kienet tgħidlu. Dak iż-żmien kien għadu ma jafhiex. Illum tgħallimha sew u tgħallem li mhijiex l-unika waħda.

Il-kolonni ma kienu jidhru mkien. Daħallu d-dubju li d-dar twaqqgħet jew li biddlu l-faċċata tagħha. Iżda malajr tajjar il-ħsieb. "Mela fl-oħra," aċċerta ruħu hekk kif dar lura lejn it-triq prinċipali. Id-damdim kien reġa' beda jitħallat mal-mużika. Din id-darba, madankollu, il-logħob ta' moħħu ma kienx se jgħaddih biż-żmien. Għaraf leħen l-imbaċċaċ iżarżar dejjem iżjed fil-qrib.

Sab il-purċissjoni ma' wiċċu eżatt malli ħareġ fit-triq ewlenija. Id-damdim kien għadu jħeġġu jissokta fit-tiftix tad-dar tal-kolonni. Iżda tifirdu mid-destinazzjoni mixtieqa, issa kienet tfaċċat xmara ta' tfal, ġenituri-fotografi, anzjani devoti u kantanti stunati. Waqaf ma' xifer ix-xmara, jittawwal lejn il-miraġġ tax-xatt l-ieħor. Il-kurrent ta' tfal kien qed ikarkar quddiemu b'pass kajman. Fl-uċuħ torja taċ-ċkejknin lemaħ wiċċ Michael. Għaliex ibnu ma kienx ma' dawn is-subien ikanta l-innijiet tal-Milied u jinbex lil sħabu? Għaliex ma kienx fir-ringiela magħhom iġorr fanal imdawwal bħalhom? Minflok, kien fid-dlam ta' daru jisma' l-gideb t'ommu u jagħfas id oħtu ż-żgħira.

"Ara dik l-*istar* kemm hi kbira," sema' leħen fil-qrib. Dawwar ħarstu minnufih u minn bejn il-fanali lemaħ seba' ċkejken jipponta 'l fuq. Imdendla ma' gallarija tal-ġebel, kewkba enormi kienet qed tieħu gost toħloq u taħbi dellijiet ta' kull daqs bit-teptip bla heda tagħha. Mingħajr ma ried, ftakar fl-oħra li kien ra daqs nofs siegħa qabel. Bħalma għamlet mar-ragħajja ta' Betlem, dik kienet wasslitu biswit il-maxtura ta' Ġesù Bambin. Iżda kienet ukoll firxitlu quddiemu t-triq tat-tifkiriet li għoddha poġġietu fuq l-għatba ta' Sabrina. Issa din il-kewkba tteptep kienet qed turih id-direzzjoni opposta li ma twassal imkien għajr għad-dar tal-gdiedem u t-tisbit tal-bibien, id-dar tal-għajjat u s-silenzju, id-dar ta' Michael u Kristina ...

Kien f'salib it-toroq. Ikaxkru saqajhom, l-aħħar anzjani għajjiena kienu qed jagħlqu l-purċissjoni. Ix-xmara ta' tfal issa kienet nixfet u, lil hinn minnha, id-dar tal-kolonni ma kinitx għadha miraġġ. Mar-ritmu mgħaġġel tat-taħbit ta' qalbu, id-damdim kien għadu jsejjaħ dak l-isem tal-imgħoddi. Ma' kull taħbita, ma' kull damdima, minn taħt il-għajn kien qed jilmaħ it-teptip għammiexi tal-kewkba titqabad fi sfida tas-sensi li kienet qed tifnih.

Ġibed nifs 'il ġewwa u beda miexi b'ħeffa kbira. Ladarba ma kellux iktar bżonn ta' kwiekeb, baqa' b'rasu mgħaddsa sakemm wasal. Meta reġa' għollieha, għajnejh waqgħu fuq il-kolonni. Kienu kolonni rqaq biswit il-koxxa tal-bieb li kienu swewh ħafna flus u ġiri, imma dak iż-żmien kien jagħmel kollox biex jikkuntentaha. *U għadni sal-lum,* donnu tlewwem miegħu nnifsu waqt li ħares lejn l-arloġġ. It-tmienja u kwart. Kwarta ċans biex ibiddel għall-festin tal-Milied għand il-kunjata.

Ħareġ iċ-ċavetta u daħal inkiss inkiss. Id-dlam u s-skiet tal-kuritur ħasshom iwennsuh. Ma kellux aptit aktar argumenti. *Baqgħet f'kamritha bit-tfal,* ħaseb sodisfatt li kien fadallu kwarta oħra miegħu nnifsu. Tela' t-taraġ fuq ponot subgħajh u waqaf quddiem il-gwardarobba. Mingħajr wisq ħsieb, ħataf ġlekk, qmis u qalziet u mexa lejn il-mera. Kien diġà qed jaqfel l-ewwel buttuni xħin lemaħ karta ċkejkna mwaħħla mal-ġenb tal-ħġieġa quddiemu. Fuqha erba' kelmiet imħarbxa b'kaligrafija ta' riċetta tat-tabib:

Mort għall-party t'ommi. M & K miegħi.
Ma nħossx li hemm postok ... il-Milied festa tal-familja.

Għajnejh ġrew minn fuq il-karta għall-figura riflessa faċċata tiegħu. Imbagħad reġa' ħall il-buttuni u mexa lejn il-*laptop*. Ilu ma jiktbilha xi kumment lil Sabrina ...

Leħen tal-Imħabba

Murat Shubert

Għasfur tat-taħrik
ġibidni lejn xbiekek
u leħen tal-imħabba
sejjaħli f'għajnejk.
Jekk il-lejl jitfi l-istilel tiegħu,
il-lanterna minn għajnejk
issir imnajjar fi triqti.

Ja għasfur it-taħrik,
ħenn għalija, sikket
għanjitek.
Jekk tqajjem ġewwa fija l-midfun
nagħtik rigal,
bħal Ġesù lill-Insara.

Għax l-imħabba mhix sidt l-għabid,
l-imħabba ħelliesa.
Ja għasfur it-taħrik,
għaliex tgħanni l-għanja tal-imħabba?

Leħinha jsakkarni.

Bint l-Irjieħ

John A. Bonello

Ix-xemx kienet baxxa u ħamra fil-bjuda tas-sema. Na'Żir bin Na'Rar radd ħajr lil An u Ki għaż-żiffa li xi kultant bdiet tinħass tilgħab ma' wiċċu, ambaxxatriċi ta' tmiem is-sajf. Ħares lejn Ka'fern, bilqiegħda faċċata tiegħu, u għal darb'oħra stagħġeb kif il-mexxej Lembi kien jissaporti t-tarbux f'rasu.

Minbarra huma t-tnejn kien hemm ukoll Magreb, il-mexxej tan-Naárien, ġens jgħix lil hinn mill-fliegu tan-Nar, f'art salvaġġa li ħafna kienu jqisu ta' ġmiel kbir. Hu u jħares lejhom, Na'Żir kien konxju mid-differenzi ta' bejniethom.

Ka'fern, ġgant ħdejhom, twil u rqiq, b'dik it-tpinġija ħadra fuq ġildtu bajdanija tispikka, xagħru mqaxxar kollu taħt it-tarbux. Għajnejh, kbar u ħodor, kienu jitkellmu aktar minn fommu. Kien ġej mix-Xmiel, l-art fit-Tramuntana mbiegħda, post kiesaħ u żorr. In-nies li jgħixu hemm kienu jissejħu Lembi, u kienu bierda daqs l-art li sawrithom.

Magreb, imbagħad, kien qsajjar u oħxon, imma b'saħħtu, u għajnejh suwed jixhdu l-qilla li kien magħruf għaliha l-ġens tan-Naàrien. Kienu nies somor, b'xuxthom sewda dlam.

Na'żir innifsu ma kienx twil lanqas, iżda rqiq. Kien wild l-Art tan-Nofs, dik li xi darba kienet il-qofol tal-ħajja fid-dinja t'Ur. Fi mgħoddi minsi, l-Ewwel Nies ġew minn xi mkien mhux magħruf u għammru f'dik l-art. Bnew bliet kbar u toroq twal, tellgħu binjiet li baqgħu jissemmew u mqades mill-isbaħ f'isem An u Ki, l-allat tagħhom, li meta telqu mid-dinja ħallew



It-tliet saltniet ta' Ur: is-Saltna tan-Naàr, is-Saltna tax-Xmiel, u s-Saltna tan-Nofs

warajhom għajnejhom fis-sema biex iħarsu 'l uliedhom. Na'żir kien jaf li l-Lembi jqisu lilhom infushom id-dixxendenti diretti tal-Ewwel Nies, li kellhom ħafna tradizzjonijiet, stejjer u leġġendi dwar l-antenati tagħhom. Forsi kien minħabba dawn l-affarijiet li l-Lembi ħarbu lil hinn mix-Xagħra l-Kbira, iżolaw ruħhom u dejjem żammew 'il bogħod kemm min-Naàrien kif ukoll minn niesu. Li kien jaf fiċ-ċert kien li l-Ewwel Nies telqu bħalma ġew, imkeffna fil-misteru, u issa ftit li xejn kien fadal minn dak li bnew. Dawk li ġew warajhom qerdu kważi kollox.

Id-dellijiet tat-tliet mexxejja twalu waqt li ħarsu lejn xulxin, iqisu u jwieżnu wieħed 'il-ieħor. Dik kienet laqgħa storika; l-għan ewlieni tagħha li tgħaqqad il-ġnus kollha ta' Ur u forsi jispiċċa l-għaks u l-ġlied darba għal dejjem. Forsi jirnexxilhom jimxu 'l quddiem – *flimkien*.

Il-post li ltaqgħu fih kien fil-għoli, qalb il-muntanji tal-Imnara, katina kbira ta' għoljiet li jaqsmu l-Art tan-Nofs mix-Xagħra l-Kbira. Fuq dik l-għolja, li l-Lembi kienu jsejħu 'Bint l-Irjieħ', kien hemm fdalijiet ta' maqdes. It-tliet irġiel telgħu hemm fuq waħedhom, b'nieshom jibqgħu jistennew isfel nett, kif kienet it-tradizzjoni sa mill-eqdem żminijiet. Kien post kwiet, sabiħ, minn fejn wieħed seta' jilmaħ ix-Xagħra l-Kbira lejn it-Tramuntana, il-fliegu u l-art tan-Nàar lejn il-Punent, u l-art tan-nofs lejn il-Lvant. Fil-bogħod 'il bogħod lejn in-Nofsinhar, par għajnejn tajbin setgħu saħansitra jaqbdu ħjiel tal-għoljiet suwed ta' Dahar il-Qabru, fil-kontinent imbiegħed u misterjuż ta' Qibla.

Dik il-laqgħa kienet frott il-ħsibijiet u t-tħabrik ta' Na'Żir. Kif kien diġà fissrilhom fil-bidu tal-laqgħa, jekk it-tliet ġnus jgħinu lil xulxin, igawdi kulħadd. Kollha kellhom xi ħaġa x'joffru 'l xulxin. Il-Lembi kienu nies għorrief ħafna, ħassieba kbar, magħrufin għat-tkabbir tal-bunna, iż-Żerriegħa tal-Allat, li tagħti saħħa barranija lill-bniedem li jeħodha. Min-naħa tagħhom, in-nies ta' Na'Żir kienu bdiewa mill-aqwa, jaħdmu l-art għammiela u jirgħu l-bhejjem tagħhom madwar ix-xmara Qattara, filwaqt li n-Naàrien kienu sajjieda u baħħara mill-iprem, jinqalgħu ferm fil-bini ta' bċejjeċ tal-baħar. Taħlita ta' ħiliet u ċans ta' negozju. *Flimkien*.

L-ewwel, iżda, kellhom bżonn xi ħaġa biex tgħaqqadhom. Xi ħaġa li xxejjen id-differenzi u tkun il-pedament tal-ħbiberija ta' bejniethom. Biex it-tliet ġnus jibdew jaraw l-affarijiet mill-istess lenti. U f'moħħu Na'Żir kien ħejja pjan kif jikkonvinċi liż-żewġ mexxejja l-oħra biex jgħinuh.

"... u sabiex inwettqu dan kollu, aħna t-tlieta rridu nagħmlu vjaġġ," ħabbrilhom Na'Żir.

Magreb daħaq.

"Vjaġġ? Jien, int u Ka'Fern?" Il-mod kif qalha wera kemm kien ħsieb stramb.

"Aħna t-tlieta waħedna," wieġbu Na'Żir. "Jekk se nieħdu lil xi ħadd magħna rridu nkunu nafdawhom. U rridu ngħidulhom li dan huwa vjaġġ perikoluż."

"Fejn?" staqsa Ka'Fern. Leħnu kien stramb, jidher li mhux imdorri jitkellem bl-ilsien komuni. Il-Lembi kienu għadhom jitħaddtu bi lsien l-Ewwel Nies.

"Ħa neħodkom Qibla."

Magreb qam bilwieqfa qisu mingħul, għajnejh jixegħlu u jtajru x-xrar. Anke Ka'Fern, li rari juri emozzjoni, deher imriegħex. Minkejja d-differenzi tat-tliet razez, f'ħaġa waħda kienu jaqblu kollha – fit-twemmin tagħhom. It-tlieta li huma kienu jemmnu f'An u Ki, l-aħwa allat tal-Ewwel Nies.

"F'art il-Qabru?! Din dagħwa kbira," tmasħan Magreb. "Tafha l-liġi Na'Żir! Tafha daqsna. Ħadd ma jista' jmur f'dik l-art jekk mhux meta jħoss l-Emtwieq."

L-Emtwieq, is-sejħa li kull wieħed u waħda minnhom kien se jħoss meta jkun il-waqt. Meta s-sejħa tasal, dak li jkun ried jitlaq kollox minn idejh, jinsa lil qrabatu, lil ħbiebu, lill-għeżież tiegħu u jaqbad it-triq lejn l-aħħar destinazzjoni ta' ħajtu biex jaqsam il-Fliegu ta' Qibla u jmidd saqajh f'art il-Qabru. X'jiġri f'Qibla ħadd ma kien jaf, għax ħadd qatt ma mar lura. Stejjer kien hemm kemm trid, ħafna minnhom maħsuba biex ibeżżgħu liż-żgħar, għalkemm anke l-kbar kienu jfesfsuhom, biss minn taħt l-ilsien.

"S'issa l-ħsibijiet tiegħek kienu jagħmlu sens," qallu l-mexxej Lembi, u dak li ma qalx kien ċar ukoll.

Na'Żir baqa' kalm; ma qal xejn. Ir-reazzjonijiet kienu mistennija. Il-ħsieb biss li jagħmlu vjaġġ fl-art fejn setgħu jmorru biss l-imsejħa kien fih innifsu sagrileġġ kbir. Att li jmur kontra r-rieda ta' An u Ki. Ksur ta' regoli antikissimi, ta' liġijiet mhux miktuba. Żamm fommu magħluq, apposta, biex jagħti ċans lill-mexxejja l-oħra jaħsbu u jomogħdu kliemu. Wara ftit, Magreb reġa' poġġa.

"U għaliex trid li mmorru hemm flimkien?" staqsa Magreb, l-għadab f'leħnu għadu ċar.

Dik kienet il-mistoqsija li ried jisma'.

"Għax naf fiċ-ċert li hemmhekk se nsibu dak li għandna bżonn biex noħolqu t-tliet saltniet ta' Ur. Is-Saltna tan-Naàr, is-Saltna tax-Xmiel, u s-Saltna tan-Nofs."

"It-tliet saltniet ta' Ur?" irrepeta l-mexxej ta' Naàr.

Ka'fern ma qal xejn. Għajnejh iżda kienu donnhom bidlu lewnhom, u minflok ħodor dehru jkanġu fl-isfar skur.

"Ma tistgħux tiċħdu l-problemi fl-artijiet tagħkom. Kemm int, Magreb, u anke int, Ka'fern, tħabbtu wiċċkom mal-istess problemi li nħabbat wiċċi magħhom jien. Naf x'jien ngħid. Faqar, ġuħ, tbatija, mard, li mbagħad iwasslu għal irvellijiet, serq u qtil. Jien irrid nirbaħ dawn il-kunflitti. U bit-talb biss mhux biżżejjed. An u Ki ħalquna, sawruna, u se jsejħulna lura meta jkun il-waqt. Iżda sadanittant, irridu nkunu aħna li nieħdu ħsieb tagħna nfusna. Jien nemmen li jekk noħolqu tliet saltniet, jekk jirnexxilna ngħaqqdu lill-qtajja' mxerrda 'l hawn u 'l hinn f'saltna li tagħti ordni u kenn lil niesna, ingawdu kollha kemm aħna. U bejnietna, bejn it-tliet saltniet tagħna, nistgħu nibdew kummerċ li jġib aktar ġid u jmexxi l-affarijiet 'il quddiem."

"U dan kollu, din il-viżjoni tiegħek, x'għandha x'taqsam ma' dal-vjaġġ li tridna nagħmlu?" staqsa Magreb, li deher kurjuż, iżda kawt. "X'hemm f'Dahar il-Qabru li jista' jgħinna nwettqu dan kollu?"

"Teżor tant kbir li mqar bi kwart minnu nistgħu nibdew inwettqu din il-ħolma flimkien. U jien konvint li l-allat tagħna mhux se jikkundannawna għal dan. Wara kollox, l-għan tagħna huwa wieħed nobbli."

Din id-darba kien Ka'fern li qam bilwieqfa. Iżda ma tħadditx mill-ewwel. B'idejh wara dahru mexa sat-tarf tal-fdalijiet tal-maqdes li kienu fih, u ħares lejn ix-xemx, issa baxxa max-xefaq. L-oħrajn ma qalu xejn. Ħarsu lejh, jistennew.

Wara ftit reġa' mexa lejhom, iżda ma poġġiex. Minn ħżiemu ħareġ kaxxa ċkejkna ta' injam interzjat, fetaħha, u offra lit-tnejn l-oħra. Ġo fiha kien hemm tliet żerrigħat tal-bunna, l-ikel tal-allat, frott l-art tax-Xmiel. L-oħrajn ħadu waħda kull wieħed. It-tielet waħda ħadha Ka'fern u poġġieha ġo ħalqu. Fis-skiet, fl-aħħar ftit raġġi tax-xemx, daqu t-togħma tal-bunna, u ssiġillaw patt li kien se jibdel l-istorja ta' Ur għal dejjem.

Prostituta

Victor Fenech

Il-prostituta anzjana ["Skużi,
ħaddiema fl-industrija tas-sess"]
isserraħ minkbejha fuq ħoġor it-tieqa,
ir-rfigħ ta' sidirha stedina miftuħa.

Dal-aħħar nixfulha l-klijenti:
żmenijiet ftit imgħarrqin – u
ż-żgħażagħ moderni
mis-sess mhumiex neqsin.

Dana tafu l-prostituta – tibqa'
tistenna-tittama fit-tieqa,
tisħet destinha ... tiftakar
f'tarbija li mietet fin-nieqa.

Meta l-lejl ikun daħal,
u bla hedu nfiħ ir-riħ,
tirtira f'sodditha
bil-Qalb ta' Ġesù u d-Duluri
fuq rasha,
trodd is-salib u tittanta tistrieħ.

Il-Mara tal-Velu

Anaïs Nin

Lejla minnhom George mar f'bar Żvediż li kien iħobb, u poġġa ma' mejda ħalli jgħaddi lejla bil-kwiet. Mal-mejda ta' ħdejh innota koppja eleganti u sabiħa: ir-raġel deher kunfidenti u liebes pulit, u l-mara liebsa l-iswed, b'velu fuq wiċċha liemagħ u b'ġojjelli bi lwien imżewqa u leqqiena. Tbissmulu t-tnejn li huma. Ma kienu qed jgħidu xejn, donnhom żewġt iħbieb antiki li ma kellhomx bżonn jitħaddtu.

Dawn it-tlieta kienu qed josservaw x'kien għaddej fil-bar – koppji jixorbu flimkien, mara tixrob weħidha, raġel ifittex l-avventura – u kollha dehru kellhom l-istess ħsibijiet.

Fl-aħħar ir-raġel liebes pulit qabad jitkellem ma' George, li issa seta' josserva 'l-mara aħjar u raha saħansitra isbaħ. Iżda hekk kif stenna li se tidħol fid-diskursata, hija qalet xi żewġ kelmiet 'il seħibha li George ma qabadx, tbissmet waħda u telqet ħelu ħelu. George ħassu frustrat. Il-gost tal-lejla kien tgħarraqlu kollu. Terġa', x'jonfoq kellu xi ftit dollari biss, u ma setax jistieden lir-raġel jixrob miegħu biex forsi jitkixxef xi ftit iżjed dwar din il-mara. Iżda oħroġ il-għaġeb, ir-raġel dar lejh u staqsieh: "Trid nixorbu xi ħaġa?"

George aċċetta. It-taħdita tagħhom bdiet mill-esperjenzi fil-lukandi tan-naħa t'isfel ta' Franza u ntemmet bl-istqarrija ta' George li kellu bżonn il-flus daqs il-ħobż. It-tweġiba tal-ieħor tatu x'jifhem li seta' jaqlagħhom bla taħbit ta' xejn. Iżda kif u x'fatta ma qallux. Ħallieh jistqarr xi ftit iżjed.

George kellu dgħufija komuni ma' bosta rġiel oħra; meta kien ikun f'burdata lablieba, erħilu jirrakkonta l-bravuri tiegħu. Kien jagħmel dan bi kliem intriganti. Tah x'jifhem illi appena jmidd saqajh fit-triq kien isib ma' wiċċu xi avventura, u li xi lejla jew mara interessanti ma kienu jonqsu qatt.

L-ieħor qagħad jisimgħu, imbissem.

Kif George waqaf jitkellem, l-ieħor qal, "Proprju dak li stennejt minnek malli rajtek. Inti r-raġel li qed infittex. Jien qiegħed f'basla delikata ħafna. Xi ħaġa vera unika. Ma nafx jekk qattx kellek ħafna x'taqsam ma' nisa diffiċli, nevrotiċi. Le, hux? Ħeqq, jien iva imma. Niġbidhom forsi. Bħalissa qiegħed f'sitwazzjoni kkumplikata, u ma nafx kif se noħroġ minnha. Għandi bżonn l-għajnuna tiegħek. Għedt li għandek bżonn il-flus. Ara, għandi idea kif tista' ddawwar kemxa. Ismagħni sew. Hemm mara tat-tajjeb u sabiħa immens – 'qas difett wieħed m'għandha difatti. Irġiel jadurawha tista' ssib kemm jogħġobha; tista' tiżżewweġ 'il min trid din. Imma nzertat għandha xi ħaġa perversa fin-natura tagħha – tagħmel biss għal dak illi mhux magħruf."

"Mhux kulħadd iħobb dak li mhux magħruf?" qal George, u ħsiebu dlonk mar fi vjaġġi, f'laqgħat mhux mistennija, f'sitwazzjonijiet mhux tas-soltu.

"Le, le, mhux kif jogħġob lilha imma. Jinteressaha biss raġel li qatt ma tkun ratu qabel u li qatt ma tkun se terġa' tara. U għal raġel bħal dan tasal tagħmel minn kollox."

George kien imlebleb biex jistaqsi jekk dil-mara kinitx dik li qabel kienet mal-mejda tagħhom. Iżda m'azzardax. Ir-raġel deher pjuttost skomdu jirrakkonta dil-istorja, iżda kien bħalkieku ma kellux għażla. Kompla jgħid, "Qed nieħu ħsieb il-kuntentizza ta' dil-mara. Għaliha nagħmel kollox. Ħajti ddedikajtha biex nissodisfa l-kapriċċi tagħha."

"Nifhmek," qal George. "Naf, anke jien inħossni hekk ma' waħda bħal dik."

"Issa," qal l-istranġier eleganti, "jekk trid tiġi miegħi, għandek imnejn issolvi l-problemi tal-flus għal ġimgħa, u forsi tissodisfa, b'ċikka, il-kilba l'għandek għall-avventura."

George ħmar bil-pjaċir. Ħarġu mill-bar flimkien. Ir-raġel sejjaħ taxi, u kif daħlu fiha lil George newwillu ħamsin dollaru. Imbagħad qallu li kellu l-obbligu jgħammadlu għajnejh, għaliex la kellu jara d-dar fejn kien sejjer u lanqas it-triq, għax dil-esperjenza ma kellu jerġa' jgħaddi minnha qatt u qatt."

George nħakem minn kurżità liema bħalha, ossessjonat b'viżjonijiet ta' dik il-mara li kien ra fil-bar, dak fommha liemagħ u għajnejha jħeġġu wara l-velu bdew ifeġġu quddiem għajnejh f'kull mument. Xagħarha kien laqtu b'mod partikulari. Kien jogħġbu x-xagħar folt li jtaqqal il-wiċċ, piż grazzjuż, imfewwaħ, rikk. Kien waħda mill-passjonijiet tiegħu.

Il-vjaġġ ma kienx twil wisq. George baxxa rasu bil-ħlewwa għall-misteru kollu. Il-faxxa tneħħietlu minn quddiem għajnejh qabel ħareġ mit-taxi ħalli ma jagħtix f'għajn ix-xufier jew il-purtier, iżda l-istranġier kien ħasibha sew minn qabel li jħalli l-leħħa tad-dwal tal-intrata tgħammex 'il George għalkollox. Fil-fatt ma seta' jara xejn għajr dwal jiddu u mirja.

Ittieħed f'wieħed mill-iżjed interni lussużi li qatt kien ra – kollu abjad u mimli mirja, bi pjanti eżotiċi, b'għamara raffinata miksija bid-damask u b'tapit tant artab li l-passi tagħhom ma nstemgħux. Iddaħħal minn kamra għal oħra, kull waħda b'titfija differenti fil-kulur, u kollha mirja, tant li George spiċċa tilef kull sens ta' perspettiva. Fl-aħħar waslu fil-kamra aħħarija. George leheġ waħda żgħira.

Sab ruħu f'kamra tas-sodda, b'sodda mgħammra b'baldakkin u mqiegħda fuq bradella. Kien hemm pelliċċi mal-art u purtieri bojod donnhom jarmu l-fwar imdendlin mat-twieqi, u mirja u iżjed mirja. Kien kuntent li seta' jġerragħ dat-titnijat bla tmiem tiegħu nnifsu, kopji infiniti ta' raġel sabiħ, li l-misteru tas-sitwazzjoni ħaġġiġlu ħerqa ta' stennija u viġilanza li bħalha ma kien ħass qatt. X'seta' jfisser dan kollu? Lanqas biss kellu ħin jistaqsi lilu nnifsu.

Daħlet fil-kamra dik il-mara li kienet fil-bar, u malli daħlet, ir-raġel li kien ġabu f'dal-post għosfor.

Il-libsa kienet bidlitha. Issa kellha libsa twila tas-satin mill-isbaħ li kienet tħallilha spallejha mikxufa, u kienet miżmuma bi frill. George kien qiegħed iħoss li dil-libsa kienet se taqgħalha mal-iċken taħrika, tiżżerżaq minn fuqha għal mal-art bħal xi għant liemagħ ta' xabla, biex minn taħtha tfeġġ ġilditha tlellex, li kienet tleqq bħas-satin u lixxa sa tarf is-swaba'.

Kellu jitrażżan. Kien għadu ma jistax jemmen li din il-mara sabiħa kienet qed toffri lilha nnifisha lilu, lil stranġier ma tafux minn Adam.

Ħassu wkoll jistħi. X'riedet minnu? X'kienet qed tfittex? Tgħid kellha xi xewqa mhux maqtugħa?

Kellu biss lejl wieħed biex joffrilha d-doni amorużi kollha tiegħu. Ma kien se jerġa' jaraha qatt. Seta' jseħħlu li jaqta' s-sigriet tan-natura tagħha u jasal jippossediha iżjed minn darba? Staqsa f'qalbu kemm-il raġel kien daħal f'din il-kamra.

Ġmiel dil-mara kien tal-għaġeb. Fih kellu xi ħaġa mis-satin u mill-bellus. Għajnejha kienu skuri u umdi, fommha kien qed jilma, ġilditha kienet qed tarmi lura d-dawl. Ġisimha kien proporzjonat b'mod perfett. Kellha l-linji inċiżivi ta' mara żnella mlaqqgħa ma' ċerta maturità provokanti.

L-irquqija ta' qaddha kienet tagħti 'l sidirha prominenza saħansitra akbar. Daharha kien bħal ta' żeffiena, u kull mossa kienet tirkaċċalha r-rikkezza ta' ġenbejha. Tbissmitlu. Fommha kien artab, mimli, nofsu miftuħ. George resaq lejha u poġġa ħalqu fuq spallejha għerja. Xejn ma seta' jkun iżjed artab mill-ġilda tagħha. X'leblieba kellu biex iżerżaq 'l isfel dik il-libsa fraġli minn spallejha ħalli jisporġi dak is-sider li kien qed jibbozza s-satin! Kemm kienet kbira t-tentazzjoni li jneżżagħha minnufih!

Iżda George ħass li din il-mara ma kinitx ta' min jittrattaha daqshekk bil-ħatfa, li magħha ħtiġulu s-sottilezza u ċerta ħila. Qatt qabel ma kien ikkalkula daqshekk bid-dimis kull mossa li jagħmel b'tant qies u galbu. Deher riżolut li minn dal-mument jagħmel assedju twil, u ġaladarba l-mara ma wrietu l-ebda ħjiel ta' għaġla, qagħad jitnikker ma' spallejha għerja u jxammem fir-riħa ħafifa u għaxxieqa li bdiet ħierġa minn ġisimha.

Seta' jaħkimha fid-daqqa u l-ħin, tant kien qawwi l-faxxinu li bdiet tixħet, iżda qabelxejn riedha tagħmel xi sinjali, ried jaraha mqanqla, mhux ratba u mitruħa bħal xi biċċa xama' taħt subgħajh.

Il-mara kellha kalma ma titwemminx, ubbidjenti iżda bierda. Fuq ġilditha mank tkexkixa waħda, u fommha, għad li kien imbexxaq għall-bews, ma kien jixhed l-ebda ħrara.

Kienu bilwieqfa biswit is-sodda, fis-skiet. George żerżaq idejh mal-kurvi tas-satin ta' ġisimha, qisu biex jibda jsir midħla tiegħu. Il-mara ma tħarrkitx. Niżel bil-mod il-mod għarkopptejh huwa u jbewwes u jmelles f'ġisimha. Subgħajh ħassew illi taħt il-libsa l-mara kienet għarwiena ħuta. Ħadha sa tarf is-sodda u poġġieha bilqiegħda. Neħħielha ż-żarbun, u żamm saqajha f'idejh.

Tbissmitlu, b'mod ħelu u webbieli. George bisilha saqajha, u jdejh ġrew mal-piegi tal-libsa twila, huma u jħossu l-imlusa ta' riġlejha sa koxxtejha.

Telqitlu riġlejha f'idejh u żammithom marsusa ma' sidru, waqt li jdejh qabdu telgħin u neżlin ma' riġlejha minn taħt il-libsa. Jekk ġilditha kienet tant mielsa f'riġlejha, mela min jaf kif kellha tkun qrib il-parti tagħha, hemmhekk, fejn is-soltu tkun l-iżjed mielsa? Koxxtejha kienu marsusin ma'xulxin, ma setax ikompli jiskopri aktar. Qam bilwieqfa u tbaxxa lejha ħalli jbusha u jmiddha. Hija u tintelaq fetħitlu kemm kemm riġlejha.

George ġerra jdejh tul ġisimha kollu, bħal donnu biex ikebbislu kull parti bil-mess, u qagħad imellisha u jmellisha minn spallejha sa saqajha, qabel ma ttanta jinfilsa id minnhom bejn riġlejha, li issa kienu iktar miftuħa, tant li għoddu seta' jilħqilha l-parti tagħha.

Bil-bews tiegħu xagħarha tħabblilha kollu, u l-libsa waqgħetilha minn spallejha u nkixfulha daqsxejn biżlejha. Kompla jniżżilhielha b'ħalqu, biex kixef dawk il-biżlejn li kien stenna, xewwieqa, sodi, b'ġilda mill-ifjen, bil-ponot ħomor dagħmi bħal ta' mara żagħżugħa.

Il-passività tagħha għoddha qabbditu aptit iweġġagħha ħalli forsi jasal iqanqalha b'xi mod. It-tmellis kien qed iħarrem lilu, iżda mhux lilha. Ma' subgħajh, il-parti tagħha kienet tinħass friska u ratba, doċli iżda mingħajr ħrara.

George beda jmaħħaħ li l-misteru ta'din il-mara kien proprju n-nuqqas tagħha li titqanqal. Iżda ma setax ikun. Kien iwiegħed tant senswalità dak il-ġisem, b'dik il-ġilda hekk sensittiva u b'dak il-fomm daqstant mimli! Ma setax ikun li ma kienet tħoss xejn. Issa kien qed imellisha bla hedu, bħalkieku f'ħolma, qisu bla għaġla ta' xejn, jistenna l-fjamma tagħha titkebbes ġo fiha.

Madwarhom mirja biss, itennu l-immaġni tal-mara mitluqa fuq is-sodda, bil-libsa mniżżla taħt sidirha, b'saqajha l-ġmiel tagħhom għerja mdendlin mis-sodda, b'riġlejha kemm kemm miftuħa taħt il-libsa.

Ħtieġlu jċarrtilha l-libsa, kollha kemm hi, jintefa' fis-sodda magħha, iħoss ġisimha kollu ma' tiegħu. Qabad iġebbdilha l-libsa 'l isfel, u hi għenitu. Ġisimha xiref qisu dak ta' Venere tielgħa mill-baħar. Għollieha għalbiex imiddha kollha kemm hi fis-sodda, b'ħalqu l-ħin kollu jbewwes f'kull parti ta' ġisimha.

Imbagħad ġrat xi ħaġa stramba. Xħin tbaxxa biex jgħaxxaq għajnejh bil-ġmiel tal-parti tagħha, bil-qawwa ta' ħmuritu, il-mara triegħdet, u George għoddu beka bil-ferħ.

Lissnet minn taħt l-ilsien: "Neħħi ħwejġek."

Neża'. Għarwien, is-setgħa li kellu kien jagħrafha aħjar. Kien iħossu iżjed komdu għarwien milli mlibbes għax dari kien atleta, għawwiem, kien jimxi fit-tul u jitla' l-muntanji. Kien jaf li seta' jagħtiha pjaċir.

Ħarset lejh.

Tgħid għoġobha? Meta tbaxxa għal fuqha kienet iżjed lesta għalih jew le? Ma setax jgħid. Armajn tant sar jixtieqha li ma felaħx jistenna iżjed biex imissha bil-ponta tal-parti tiegħu. Iżda waqqfitu. Riedet tmisshulu u żżegħellu bih. U dan bdiet tagħmlu b'tant ħerqa li sab ruħu bil-warrani tagħha kollu ma' wiċċu, u seta' jitpaxxa jbusha u jħejjimha kemm xtaq.

Issa nħakem mill-kilba li jiskopri u jħasses kull irkejna ta' ġisimha. Feraq l-intrata tal-parti tagħha b'żewġt iswaba' u qagħad ipaxxi għajnejh b'ġilditha mleqqna, bit-tnixxija fina tal-għasel, bil-pil jitfelfel madwar subgħajh. Ħalqu sarlu aktar miklub, bħalkieku kien sar organu sesswali fih innifsu, talment kapaċi jgawdi 'l dil-mara li kemm-il darba kien se jibqa' jżiegħel f'laħamha bi lsienu, kellu mnejn jilħaq xi għoġba li bħalha żgur ma kienet iġġarrbet qatt. Huwa u jgiddem f'laħamha b'din it-taħsisa skwiżita, reġa' ħass fiha dik it-tregħida ta' pjaċir. Allura mexxieha 'l bogħod mill-parti tiegħu għax beża' li setgħet iġġarrab il-pjaċir kollu li setgħet bil-bews biss u li b'hekk tinsteraqlu s-sensazzjoni li jħossu ġo fiha. Donnu t-tnejn kienu saru miġwieħa daqs nagħma għat-togħma tal-laħam, u issa ħalqu u ħalqha ddewbu wieħed fl-ieħor, ifittxu l-ilsna leblieba.

Issa anke demmha kien tħaġġeġ. Deher li bil-lajma tiegħu wasal ikebbisha, fl-aħħar. Għajnejha bdew jisirġu jgħajtu, ħalqha ma setax jinqala' minn fuq ġismu. U fl-aħħar ir-raġel ħatafha, u l-mara offrietlu lilha nnifisha, hija u tiftaħ ix-xofftejn tal-parti tagħha b'dawk is-swaba' ħlejja, donnha ma tiflaħx tistenna iżjed. Iżda anke f'dal-waqt waħħruh il-pjaċir tagħhom, u qagħdet tħossu ġo fiha fis-skiet, imħaxkna miegħu.

Imbagħad il-mara ppuntat lejn il-mera u qalet, daħqana, "Ara ħi, haw' qisna m'aħna naħxu xej', jien qisni qiegħda poġġuta fuq irkopptejk biss, u int, ja brikkun l'int, int kont qed iddaħħalhuli l-ħin kollu, u qed titriegħed

ukoll! Daqshekk, ma niflaħx għaliha iżjed din, dil-farsa li m'hemm xejn ġo fija. Qed teqridni din. Iċċaqlaq issa, ċaqlaq!"

Intefgħet fuqu ħalli tkun tista' tiżżeffinlu mejt mal-pene ddrizzat, u minn diż-żifna erotika nisslet fiha għaxqa li ġegħlitha twerżaq. U fl-istess waqt berqa t'estasi leħħet tul ġisem George.

* * * * *

Minkejja l-intensità ta' din in-nejka, meta wasal biex jitlaq, il-mara la staqsietu x'jismu u lanqas biex jerġa' jżurha. Tatu bewsa ħafifa fuq xofftejh kważi muġugħa u bagħtitu 'l hemm. It-tifkiriet ta' dan il-lejl ossessjonawh tul xhur sħaħ, u din l-esperjenza ma seta' jerġa' jtenniha mal-ebda mara oħra.

Jum minnhom iltaqa' ma' ħabib li kien għadu kif tħallas flus tajba ta' xi artikli, u stiednu jixrob xi ħaġa miegħu. Irrakkonta 'l George l-istorja spettakolari ta' xena li kien ra. Kien qiegħed iberbaq flusu f'bar meta avviċinah raġel tassew partikulari u ssuġġerielu mod pjaċevoli kif jgħaddi siegħa żmien – jiġifieri li joqgħod josserva xena straordinarja ta' sess – u billi l-ħabib ta' George nzerta kien nemmies minn qaddisu, laqa' dil-proposta minnufih. Ittieħed ġo dar misterjuża, f'appartament lussuż, fejn moħbi f'kamra mudlama kien qagħad jara waħda ninfomanijaka tinħexa ma' raġel tabilħaqq imgħammar u felħan.

Qalb George għamlet tikk. "Iddeskrivha 'l din," qal.

Sieħbu ddeskriva dik il-mara li kien ħexa George, saħansitra sal-libsa tas-satin. Semma wkoll is-sodda bil-baldakkin, il-mirja, u l-bqija. Biex jara dal-ispettaklu sieħeb George kien ħallas mitt dollaru, iżda kien tassew vallapena għax dam għaddej sigħat twal.

Povru George. Għajnu għokritu min-nisa tul xhur sħaħ. Ma setax jgħoddhom b'minnhom dil-ħjiena u dar-reċtar kollu. Spiċċa ffissat bl-idea li kull mara li kienet tistiednu għandha kien ikollha spettatur mistoħbi wara l-purtiera.

Traduzzjoni ta' Kevin Saliba

Il-Kitbiet Akkademiċi

Il-Lingwaġġ tat-Tfal:
Studju tat-Taħdit ta' Tifla ta' Sitt Snin

Dorianne Bartolo

Din il-kitba hija bbażata fuq ir-riżultati tat-teżi għall-grad tal-B.A. fil-Malti li ksibt fl-2014. Isem it-tifla mhux l-isem proprju tagħha, sabiex tiġi mħarsa l-identità tagħha. It-traskrizzjonijiet kollha jidhru fit-teżi stess.

L-Introduzzjoni

L-istudju li għamilt jiffoka fuq it-taħdit ta' tifla Maltija ta' sitt snin u jinkludi t-taħlit bejn il-Malti u l-Ingliż fil-lingwaġġ tagħha. Barra minn hekk, janalizza l-ħakma li għandha t-tifla fuq il-partijiet tad-diskors f'dik li hi l-inflessjoni tagħhom. L-istudju janalizza t-taħdit tat-tifla miegħi, ma' tfal tamparha, u mal-qraba tagħha: il-ġenituri, ħuha tarbija, in-nanniet, u l-kuġini. Minn dan joħorġu d-differenzi jew ix-xebh fit-tip ta' lingwaġġ li tuża Justine skont ma' min tkun qed titkellem. Kemm il-kliem Malti kif ukoll dak Ingliż hu analizzat minħabba li t-tnejn li huma f'daqqa jsawru l-lingwaġġ ta' din it-tifla. L-istudju se jiffoka wkoll fuq l-iżvilupp li għandha Justine fil-Malti u xi epsressjonijiet li tuża li juru l-ħakma tajba li għandha tal-lingwa.

It-tifla hija kelliema nattiva Maltija, jiġifieri l-lingwa materna tagħha hija l-Malti, u ilni preżenti għat-taħdit tagħha minn meta twieldet. Minħabba dan, dak li tgħid illum il-ġurnata nista' nara minn fejn beda u kemm ilha tħaddmu

fil-lingwaġġ tagħha. It-tifla għandha għarfien tajjeb ħafna kemm tal-Malti kif ukoll tal-Ingliż. Taf titħaddet kważi bl-istess kompetenza biż-żewġ lingwi u taf taqra u tikteb it-tnejn li huma kważi fuq l-istess livell. Normalment it-taħdit tagħha jsir bil-Malti ħlief meta tkun qed tilgħab waħedha jew ma' xi ħadd ieħor bil-pupi u bil-kompjuter. Ma nistax neskludi li meta tkun qed titkellem bil-Malti ma tagħmilx użu ta'kliem Ingliż anke meta għal dan il-kliem għandna kliem bil-Malti.

L-għan ta' dan l-istudju hu li nagħti ħarsa mill-qrib lejn il-mod ta' kif Justine tkompli t-taħdita ma' ħaddieħor permezz ta' xi mistoqsijiet li tpoġġi jew xi rimarki li tgħaddi biex turi li qed tieħu interess f'dak li qed jgħid jew jagħmel il-kelliem l-ieħor. Piaget jgħid li m'hemmx mod aħjar ta' kif tista' tinterpreta l-loġika ta' tifel jew tifla jekk mhux bl-istudju tal-mistoqsijiet spontanji (165). Justine ssaqsi ħafna mistoqsijiet fit-taħdit tagħha u xi drabi jkun diffiċli li wieħed isib risposta addattata għalihom. Fil-fatt, Piaget jgħid li t-tfal isaqsu l-mistoqsijiet daqslikieku dejjem ikun hemm tweġiba għalihom għaliex ma jifhmux li hemm l-ovvju u li hemm ċerti esperjenzi li jiġru għaliex m'hemmx mod ieħor (187). Mit-taħdit analizzajt xi aspetti differenti fil-lingwaġġ tat-tifla, bħall-istruttura tas-sentenza, l-intonazzjoni, u l-mistoqsijiet fit-taħdit, li jgħinu biex ikun hemm kontinwità fid-diskors. B'analiżi li tittratta dawn l-elementi tat-taħdit ta' Justine, stajt nevalwa l-kapaċitajiet tagħha fil-lingwaġġ li tuża.

1. Il-Metodoloġija

Għażilt li nagħmel l-istudju tiegħi fuq *micro level* u nanalizza t-taħdit ta' Justine. Saru ħafna studji li ffukaw fuq gruppi ta' tfal li l-età tagħhom tvarja minn xi 3 snin sa 10 snin iżda waqt ir-riċerka tiegħi ma sibtx studju Malti li jiffoka fuq tifla waħda Maltija ta' sitt snin. Għal din ir-raġuni, xtaqt nagħmel studju ddettaljat fuq Justine biex nikkumparah ma' dak li rriżulta fi studji oħra li ttrattaw tfal b'etajiet differenti.

L-għażla tas-suġġett li ridt niffoka fuqu, jiġifieri l-lingwaġġ tat-tfal, telqet minn ideat li kelli dwar it-taħdit ta' Justine. Fit-taħdit tagħha bdejt ninnota ċerti karatteristiċi li xtaqt nanalizzahom sew biex nara għaliex kienu qed jingħadu b'dak il-mod. Ridt nibda niġbor id-*data* meħtieġa, nanalizzaha

u ninterpretaha. Fil-każ tiegħi, l-informazzjoni ma setgħetx tibda tinġabar mingħajr l-approvazzjoni mill-bord tal-etika sew minħabba li l-istudju kien se jsir ma' tifla minuri u anke minħabba li kont se nikseb informazzjoni dwarha u dwar dawk li tkun qed titkellem magħhom. Għaldaqstant, kelli nħejji għadd ta' formoli, għal Justine stess u għall-ġenituri tagħha, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż li jispjegaw b'mod ċar l-għan tal-istudju ladarba tiġi aċċettata l-proposta.

Ladarba l-formoli ġew aċċettati mill-bord, riedu jiġu aċċettati wkoll mill-ġenituri tat-tifla minħabba li l-kelma aħħarija kellha tkun tagħhom. Kemm il-ġenituri tat-tifla kif ukoll it-tifla stess setgħu jieqfu milli jkomplu jipparteċipaw f'dan l-istudju fiż-żmien li xtaqu. Ma stajtx nobbligahom li jibqgħu jagħtu sehemhom jekk huma għal xi raġuni jew oħra jkunu ħassew il-ħtieġa li jieqfu. Madankollu, ma kellix din il-problema u stajt inkompli nistħarreġ id-diskors tat-tifla mingħajr waqfien.

Permezz tar-rekordings għandi xhieda ta' dak li ġieli qalet it-tifla f'kuntesti diversi ma' persuni differenti. Ma kienx faċli biex ikolli rekording ta' kulma ninnota li qalet it-tifla. Ġieli kont inkun preżenti meta tgħid xi ħaġa partikolari iżda ma nkunx qed nirrekordjaha. Għaldaqstant, kelli l-possibbiltà li nniżżel bil-miktub dak li nkun innutajt xorta waħda sabiex l-analiżi tiegħi tkun aktar iddettaljata u jkolli d-*data* kollha meħtieġa. Ma kellix qasam partikolari wieħed li ridt li jkolli evidenza għalih biss. Ħadt ħsieb ukoll li nfassal pjan tal-istudju; dan beda jitfassal mir-rekordings li bdejt nagħmel u ħsibt li jkun interessanti jekk nitfa'ħarsti b'mod partikolari fuq in-nom, il-verb u l-intonazzjoni fit-taħdit tat-tifla.

2. L-Analiżi

David Crystal josserva li meta tgħid 'lingwa' tkun qed tirreferi għall-mod ta' kif titkellem, tikteb u anke tuża l-lingwa tas-sinjali fejn meħtieġ. Is-sistema lingwistika tal-mod kif kelliem juża l-lingwa tiegħu f'xi żmien u post partikolari tissejjaħ l-'idjolett'. F'lingwa ssib ukoll il-varjetajiet li jissawru fil-linwaġġ tal-individwu mingħajr tagħlim (265).

Justine tuża l-*code-switching* il-ħin kollu. Studjużi bħal Albert Borg jirreferu għalih bħala Malti Ingliż imħallat (1980). Dan iseħħ meta l-kelliem iħallat bejn

il-Malti u l-Ingliż fit-taħdit tiegħu b'mod bejn wieħed u ieħor inkonxju. Illum il-ġurnata dan jidher li żdied minħabba l-influwenza tal-mezzi tax-xandir. Minn dak li osservajt, rajt li hija titkellem l-aktar bl-Ingliż meta tkun qed tilgħab waħedha bil-pupi jew b'xi apparat elettroniku. Minkejja li fil-maġġoranza tad-drabi meta tilgħab waħedha titkellem bl-Ingliż, meta tkun qed tilgħab għandi, tibda tgedwed bil-Malti. Dan jista' jkun minħabba li l-logħob li tuża d-dar tagħna huwa differenti minn dak li tuża d-dar tagħhom għaliex għandna ssib logħob bħall-ħadida tal-mogħdija tat-tfal, pupi li kont nilgħab bihom jien u ħwejjeġ tal-pupi li tkun tista' tlibbishomlhom. Għalhekk naħseb li l-lingwaġġ tagħha tassoċjah ma' dak li tkun qed tilgħab bih f'dak il-ħin.

L-irwoli tagħha meta tkun qed tilgħab id-dar tagħna jkunu differenti mill-irwoli li jkollha meta tilgħab id-dar tagħha. Id-dar tagħna tinterpreta l-irwoli ta' omm li qed tagħmel ix-xogħol tad-dar jew li qed tieħu ħsieb lit-tfal, filwaqt li fid-dar tagħha normalment tinterpreta l-irwoli ta' tifla f'taħdit ma' tfal oħra tamparha. Mhux dejjem kien faċli nirrekordjaha meta tkun id-dar tagħna u tkun qed tilgħab u titkellem. Dan għaliex iżżomm il-vuċi tagħha baxxa, u iktar milli toħloq konverżazzjoni ċara, tibda tgħid xi kliem minn taħt l-ilsien.

Fl-istudju li għamilt irriżulta li Justine kapaċi tiddjaloga mal-membri kollha tal-familja, u naħseb li taf tiddistingwi sew bejn il-kapaċitajiet li għandhom fil-lingwi l-kelliema l-oħra. L-addattament li tagħmel it-tifla hi u titkellem ma' xi ħadd li taf jidher ċar sew mit-traskrizzjonijiet u sew mill-osservazzjonijiet li ħadt nota tagħhom. Meta ssaqsiha biex tirrepeti dak li tkun għadha kemm qalet, tirrepeti kliemha bil-Malti jekk tkun qalitu bl-Ingliż, u viċeversa, jew inkella tifforma sentenza oħra simili għal dik li tkun għadha kemm qalet. Normalment, tagħmel hekk meta taħseb li wieħed ma jkunx fehem dak li qalet bil-lingwa li tkun tkellmet biha oriġinarjament, u mhux għax taħseb li l-kelliem l-ieħor ma semagħhiex.

L-espressjonijiet

Espressjoni li smajtha tgħidha darba biss hija: "Ara kif xegħlu għajnejha!" Din l-espressjoni qalitha meta konna qegħdin naqraw ktieb flimkien u rat stampa ta' mara b'għajnejha kbar u miftuħin bl-istagħġib. Din l-espressjoni sabiħa qalitha ftit jiem wara li għalqet sitt snin, u turi kemm it-tifla qed tuża espressjonijiet Maltin f'waqthom u kif meħtieġ, minn età żgħira u mingħajr

ħafna sforz ta' tagħlim. Din l-espressjoni t-tifla qalitha minn jeddha mingħajr ħadd ma taha suġġeriment ta' x'għandha tgħid jew tirrimarka hi u tara l-istampa fil-ktieb.

Il-verbi

Il-maġġoranza tal-verbi li tuża huma fil-binja l-korretta u għandhom qbil fil-ġens kif xieraq. Madankollu, il-verb 'għallem' tikkonjugah b'mod partikolari. Għandi biss evidenza waħda rrekordjata ta' meta dan il-verb ġie użat kif xieraq fi traskrizzjoni 8, linja 30 meta t-tifla qalet: "Taf x'tgħallimna l-*I.T.*?" (8:30). Il-verb "tgħallimna" hawnhekk qed ifisser '*learned*' bl-Ingliż. L-evidenza l-oħra li għandi mhijiex irrekordjata iżda għandi nota bil-miktub. Il-verb 'għallem' fit-tlissiniet "Hekk tgħallmitni l-*mummy*," "Mhux in-nannu tgħallimni ta!" u "Tgħallimtu xi ħaġa lil Thomas" qed jirreferi għall-verb bl-Ingliż '*to learn*,' iżda l-verb fit-tlissina "Taf x'tgħallmitna tal-MUSEUM?" qed jirreferi għall-verb bl-Ingliż '*to teach*.' It-tifla mhijiex tagħmel distinzjoni bil-Malti bejn il-verb 'għallem' (*to teach*) tat-tieni forma, u l-verb 'tgħallem' (*to learn*) tal-ħames forma, u qed tuża forma waħda biss biex tfisser xi ħaġa differenti.

L-intonazzjoni

It-tlissiniet li tifforma Justine jistgħu jiġu kkategorizzati fi tliet taqsimiet prinċipali: dawk li huma mlissna bil-Malti b'intonazzjoni u pronunzja Maltija; dawk li huma mlissna b'Ingliż Malti; u dawk li huma mlissna bl-Ingliż b'intonazzjoni u pronunzja Ingliża. Ma sibtx tlissiniet bil-Malti li ngħadu b'intonazzjoni jew pronunzja Ingliża, u dan, fil-fehma tiegħi, ikompli juri kemm għandha għarfien b'saħħtu tal-lingwa Maltija. Fit-tlissiniet tinħoloq distinzjoni fit-tonalità bejn is-sentenzi bil-Malti u s-sentenzi bl-Ingliż li tgħid it-tifla. Ma tużax l-istess tonalità u pronunzja għaż-żewġ lingwi kif jagħmlu ħafna kelliema nattivi Maltin: fenomenu li s'issa għadu ma ġiex studjat fid-dettall. Il-maġġoranza tat-tlissiniet li għandi fl-evidenza li rnexxieli nikseb huma bil-Malti b'intonazzjoni u pronunzja Maltija, ngħidu aħna, "Issa nsejt daqskemm għamilt ħafna ħafna" (2:2) u "In-numri ma tantx nafhom" (2:11).

Wieħed jista' jqabbel it-tlissiniet bil-Malti u dawk bl-Ingliż biex minnhom toħroġ distinzjoni fl-intonazzjoni. Tlissina li turi mistoqsija bil-Malti bħal "Għalfejn jagħmillek hekk is-siġġu?" (2:37) tista' tiġi mqabbla ma' tlissina bl-

Ingliż iżda b'intonazzjoni Maltija, *"I love you Justine?"* (2:32) u ma' mistoqsija bl-Ingliż u b'intonazzjoni Ingliża, *"Where did you get that?"* (1:13). Il-mistoqsija li ħadt minn traskrizzjoni 2 hija bl-Ingliż bħalma hi l-mistoqsija li ħadt minn traskrizzjoni 1, iżda l-intonazzjoni tagħhom hija differenti għaliex din tal-aħħar għandha intonazzjoni Ingliża.

It-tielet rekording huwa mimli bi tlissiniet bl-Ingliż bħal *"I don't know."*; *"She's never gonna come."*; u *"We have cars. We have toy cars."* Dawn it-tlissiniet li għażilt urew l-intonazzjoni tajba li qed tagħmel it-tifla bl-Ingliż. Huwa kemxejn diffiċli għalija biex nuri bil-kitba eżatt kif seħħet l-intonazzjoni peress li m'iniex imħarrġa biex nagħmel dan. Madankollu, l-idea li Justine tuża intonazzjoni Ingliża meta qed titkellem bl-Ingliż ġiet ikkonfermata wkoll mit-tutur tiegħi wara li sema' siltiet mir-rekordings; hu wkoll intebaħ b'din id-differenza fl-intonazzjoni li tagħmel it-tifla minn kelliema oħra Maltin, inkluż jiena.

Wasalt għal din il-konklużjoni hekk kif bdejt ninnota li meta Justine titkellem bl-Ingliż ma jkunx hemm l-istess intonazzjoni bħalma jkun hemm meta titkellem bil-Malti. F'żewġ tlissiniet twal, waħda bl-Ingliż u l-oħra bil-Malti, hemm differenza fl-intonazzjoni. Fi traskrizzjoni 2 it-tifla tgħid: *"I'll turn it around, I'll paint the sky, house, ground, flowers, balloons. I'll paint the world! Ah I like it."* (2:35) *"I'll turn it around"* biss għandha intonazzjoni u pronunzja Maltija. Alexandra Vella tgħid li hija pjuttost ċara li l-aċċent fil-kliem Malti Ingliżizzat jaqa' fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar fil-kliem kompost u anke f'xi frażijiet (85). Ftit qabel, Justine tkellmet bil-Malti u minn dak li smajt jinħass li hemm differenza f'kif tlissen il-kliem bil-Malti għal kif tlissen il-kliem bl-Ingliż. Is-sentenza l-oħra bil-Malti mill-istess traskrizzjoni wkoll qiegħda f'forma ta' lista bħas-sentenza bl-Ingliż t'hawn fuq, iżda l-intonazzjoni hija differenti: "Niftakar li għamilt 'Aqsam f'sillabi,' 'L-artiklu' ... le, 'L-artiklu' m'għamilniehx. U l-kuluri hekk isfar, aħdar ... u n-numri hekk wieħed, tnejn." (2:8).

Il-pronunzja

L-influwenza mill-Ingliż f'Justine ma tinħassx biss fl-intonazzjoni iżda wkoll fil-pronunzja ta' xi kliem meta tkun qed tlissen sentenza bl-Ingliż stess bħal *"It's here!"* (9:22), jew meta tkun qed tlissen sentenza bil-Malti imma jkollha xi

kelma bl-Ingliż. Eżempju għal tal-aħħar jidher meta ssaqsi "X'inhu *activity?*" (5:9). Hemm differenza bejn il-mod ta' kif tlissen *"activity"* in-nanna għall-mod ta' kif tlissen *"activity"* it-tifla. Tinstema' wkoll distinzjoni ċara ħafna fil-pronunzja ta' *"animals"* u "annimali" fit-tlissina "Niktbu animals hawn u nagħżlu annimal" (8:31). Fi tlissina minn rekording 8 nstemgħet ċara ħafna l-influwenza li jħallu l-filmati fuq YouTube fuq Justine fil-mod ta' kif tlissen l-Ingliż, *"Must be Santa!"* (8:72). *"Santa"* qalitha eżatt kif bdiet tgħidha tal-filmat. Minbarra dawn it-tlissiniet qosra hemm is-sentenza twila li semmejt aktar qabel minn traskrizzjoni 2. Fil-fehma tiegħi, il-pronunzja tajba tal-kliem *"flowers," "balloons"* u *"world"* fit-tlissina (2:35) għenu biex ikun hemm l-intonazzjoni Ingliża.

Il-Konklużjoni

Fl-analiżi ħarġu għadd ta' karatteristiċi partikolari li jsawru l-lingwaġġ ta' Justine. Irriżulta li Justine tagħmel użu mill-*code-switching* il-ħin kollu, għalhekk l-analiżi kellha ssir kemm fuq il-Malti użat mit-tifla kif ukoll fuq l-Ingliż, minħabba li t-tnejn f'daqqa huma dejjem preżenti fit-taħdit tagħha. Xi drabi tuża kliem minn tal-lingwa l-oħra biex tesprimi ruħha aħjar jew inkella tuża kelma bil-lingwa l-oħra li ma tkunx qed titkellem biha għaliex tkun taf lilha biss.

Ħareġ ukoll li hija ġieli tagħmel distinzjoni bejn meta titkellem bil-Malti u meta titkellem bl-Ingliż. Irriżulta li xi drabi tagħmel intonazzjoni Ingliża tajba ħafna ta' tlissiniet bl-Ingliż. Madankollu, ma sibt l-ebda eżempju meta din l-intonazzjoni dehret li teffettwa tlissiniet bil-Malti. Dan jixhed kemm Justine għandha ħakma tajba taż-żewġ lingwi. Minħabba li ġieli tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ lingwi u ġieli le, ma nistax nasal għall-konklużjoni li Justine tqis dawn iż-żewġ lingwi bħala żewġ sistemi separati. Dan il-fenomenu interessani ħafna għaliex qed isir minn xi ħadd żgħir f'età li għadu mhuwiex konxju ta' din id-differenza fil-lingwi. Dan il-fenomenu qed iseħħ fuq bażi fonoloġika u t-tifla qed tapplika dak li tisma' fit-taħdit tagħha. Madankollu, fl-istudju tagħha Ruth Delceppo sabet li kelliem Malti fil-bidu li jiltaqa' mal-lingwa Ingliża juża sistema fonoloġika li mhijiex differenti mis-sistema li juża għal-lingwa nattiva tiegħu. Iktar milli jkun hemm qtugħ bejn il-Malti u l-Ingliż, it-tifel li osservat Delceppo

japplika dak li jkun żviluppa fil-lingwa nattiva tiegħu għat-tieni lingwa li jitgħallem (144). Fil-każ ta' Justine, dan ma jseħħx fit-tlissiniet kollha li tgħid bl-Ingliż.

Aktar riċerka

Minħabba li l-istudju analizza tifla waħda biss, ma setgħux isiru ġeneralizzazzjonijiet. Il-konklużjonijiet dejjem kellhom jibqgħu bbażati fuq Justine. Din il-'problema' titkellem dwarha Catherine Tanti wkoll fir-riċerka tagħha dwar l-iżvilupp fil-qari tat-tfal u tgħid li huwa importanti li wieħed jikkunsidra li l-istudju ma'tifla waħda biss illimita l-opportunità li tikkumpara u tikkuntrasta mal-iżvilupp ta'tfal oħra. Minbarra dan, fl-istudju tagħha semmiet li intervisti mal-għalliema tal-*kindergarten* tat-tifla kienu jkunu utli għaliex b'hekk kienet tkun taf kif kienet tirreaġixxi għall-qari meta kienet iżgħar (1999).

Għad trid issir iktar riċerka dwar l-intonazzjoni, u xi karatteristiċi oħrajn li sibt sabiex wieħed jara humiex komuni fost ħafna kelliema jew jekk għadux fenomenu pjuttost ġdid fost ftit kelliema. Biex wieħed jiskopri dan, is-*sample* għandu jkun ta' ħafna iktar parteċipanti b'xi varjabbli komuni bħall-età, il-lokalità, l-iskola jew istituzzjoni simili, u li bejn wieħed u ieħor ikollhom l-istess livell ta' għarfien fl-Ingliż.

Waħda mit-traskrizzjonijiet li semmejt f'dan l-istudju:

Il-kodiċi tan-nies li ġew irrekordjati f'din it-traskrizzjoni:

3 Justine, it-tifla li għamilt l-istudju magħha
J Jiena, l-awtriċi tat-teżi

Għażla mir-rekording li saret fil-11.09.13

Traskrizzjoni 2: Konverżazzjoni li saret bejni u bejn it-tifla.

3 X'*revision* għamilt?
J Issa nsejt daqskemm għamilt ħafna ħafna.
3 Imma x'għamilt? Malti? Ingliż?

J Malti.
3 U x'għamilt?
J Insejt.
3 U ejja.
J Niftakar li għamilt 'Aqsam f'Sillabi', 'L-Artiklu'... le 'L-Artiklu' m'għamilniehx.
U l-kuluri hekk isfar, aħdar ... u n-numri hekk wieħed, tnejn.
3 Tajjeb.
3 U issa x'ħa toqgħod tagħmel?
J In-numri ma tantx nafhom.
3 X'ma tafx?
J Hekk wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa, sitta.
3 Ħamsa.
J Ħamsa.
3 U taf tiktibhom?
J Le.
J Bl-amment?
3 Issa llum nitgħallmuhom.
3 U issa x'ħa tagħmel?
J Qed inpenġi *rainbow*.
3 Taf x'jgħidulha *rainbow* bil-Malti?
J Le.
3 Qawsalla.
J Qawsalla?
3 Mm.
J Għalfejn tajtni lapes?
3 Biex jekk trid tikteb bih.
J U minflok ktibt, għamilt ir-*rainbow* bil-lapes. Kemm ġiet sabiħa!
(pawsa)
J Dik tiftakar meta kont għamilthielek jiena?
(Qed turini tpinġija li kienet għamlet hi.)
3 Eħe.
J *I love you Justine* (Qed taqra.)
J Jiġifieri *from me* ... għax inħobbok.
(pawsa)

J Issa tgħid ... jew *I know*!

J *I'll turn it around, I'll paint the sky, house, ground, flowers, balloons. I'll paint the world!*

J *Ah I like it.*
(pawsa)

J Għalfejn jagħmillek hekk is-siġġu?
(Bdiet timbuttah ftit b'idejha biex turini kif jagħmel.)

J Tiegħek jiġrilu hekk?

J Għalfejn jagħmlulu hekk?

3 Biex tkun komda fuqu.

J Biex toqgħod hekk?
(Urietni kif toqgħod b'mod komdu fuq is-siġġu.)

J Hemmhekk konna l-quddies ta!
(Qed tħares lejn sett ta' ritratti li għandna fil-kamra fejn konna.)

3 X'quddiesa?

J Quddiesa *Gozo*. Bdejt nibża'.

J Ara hemmhekk kemm kont żgħira, żgħira, żgħira!
Ah my favourite part!
(Qed titkellem bejnha u bejn ruħha.)

J Ara jien ngħum. Hemmhekk mingħajr *muscles*. Ngħum minn *side* għal *side*, minn *side* għal *side* sat-taraġ.

Il-Biblijografija

Bartolo, Dorianne. *Il-Lingwaġġ tat-tfal: Studju tat-taħdit ta' tifla ta' sitt snin.* Malta: U ta' Malta, 2014. Stampat.

Borg, Albert. *Language and Socialization in developing Malta.* Malta: U ta' Malta, 1980. Stampat.

Crystal, David. *A Dictionary of Linguistics and Phonetics.* 6th ed. Oxford, UK: Blackwell, 2008. Stampat.

Delceppo, Ruth. *The Acquisition of English Phonology by the Maltese Child.* Malta: U ta' Malta, 1986. Stampat.

Piaget, Jean. *The language and thought of the child.* London and New York: Routledge, 2002. Stampat.

Tanti, Catherine. *The literacy development of a Maltese six-year-old child. A case study.* U ta' Malta, 1999. Stampat.

Vella, Alexandra. *Prosodic Structure and Intonation in Maltese and its Influence on Maltese English.* U of Edinburgh, 1994. Stampat.

Il-Metafora Kunċettwali fil-Malti:
Analiżi ta' Kliem mill-Qasam tal-Pjanti bil-Korpus Malti

Maria Debono

Introduzzjoni

F'dan l-istudju nanalizza kliem mill-qasam tal-pjanti. L-ewwel pass ikun li nara jekk kelma partikolari hix qed tintuża b'mod metaforiku jew b'mod letterali skont il-kuntest. L-interess ta' dan l-istudju hu b'mod speċjali f'dawk il-kuntesti li fihom hemm użu metaforiku. Meta fir-riżultati nsib kuntest metaforiku, nara x'tip ta' metafora qiegħda tiġi mħaddma u nanalizza bir-reqqa l-metafora kunċettwali. Dan nagħmlu billi noħroġ b'aktar metafori bl-istess kunċett mill-istess qasam, jiġifieri dak tal-pjanti. Dan l-istudju jipprova jara r-restrizzjonijiet tal-lingwa li jinħolqu f'moħħ il-kelliem meta juża kelma b'mod metaforiku, u hu għalhekk li l-istudju tal-metafora jissejjaħ studju konjittiv.

Minħabba li għad m'hawnx studji fit-tul tal-metafora kunċettwali fil-Malti, ibbażajt ħafna mill-ħsieb u mir-riċerka tiegħi fuq l-istudji ta' George Lakoff u Mark Johnson, b'mod speċifiku l-istudju li beda kollox: 'Metaphors we live by'. Wara li nagħti ħarsa lejn il-letteratura fuq il-metafora kunċettwali u l-użi differenti li joffri l-MLRS, il-Korpus Malti, ngħaddi biex nirriċerka l-kelmiet, kuntest kuntest. Fl-aħħar niġbor l-informazzjoni kollha u niddiskuti r-riżultati li nkun ksibt, u mit-tabelli u l-persentaġġi nara liema metafori kunċettwali joħorġu mill-analiżi. L-MLRS kien l-għodda prinċipali li bih stajt nagħmel ir-riċerka tiegħi.

1. Il-metafora

Qabel ma nibda niddiskuti l-metafora kunċettwali, hu ideali li wieħed jagħraf il-karatteristiċi ta' metafora. Oliver Friggieri jiddefinixxi metafora bħala "figura tat-taħdit li fiha, kelma jew frażi hi identifikata ma' xi ħaġa li loġikament, jew skont is-sens letterali, m'għandhiex relazzjoni mal-kelma jew mal-frażi" (448). Iżda, il-metafora hija terminu wiesa' għal għadd ta' termini oħra. Ngħidu aħna, il-metafora animistika "il-ġwienaħ tal-ajruplan", minbarra li tagħti xejriet animati lill-ajruplan li hu inanimat, hi wkoll metafora mejta, minħabba li l-użu ta' kuljum naqqsilha l-kreattività u għalhekk m'għadhiex ħajja. Bl-istess mod, il-metafora sinestetika "għajnejh ikellmuni" hi kemm metafora mejta, għax hi espressjoni komuni, u anke metafora sinestetika, għax qed tlaqqa' żewġ sensi f'daqqa: is-sens tal-ħars mas-sens tas-smigħ.

L-eżempji ta' metafori li jagħtu Lakoff u Johnson huma metafori mejta. Dan hu minħabba li jużaw metafori li "ngħixu bihom" biex juru kif il-bniedem jaħseb permezz ta' kunċetti. B'hekk, jekk wieħed jagħsar il-ħsieb ta' dawn l-istudjużi, jista' jgħid li l-metafori kunċettwali iħallu effett fil-komunikazzjoni tagħna ma' ħaddieħor, kif naħsbuha u kif naġixxu.

Iżda mhux kull metafora mejta hi metafora kunċettwali. Jekk nieħdu l-eżempju li jużaw Lakoff u Johnson stess, "*time is money*" (7-9), naraw li:

"iż-żmien huwa flus"

(1) Jekk tixtri dan il-prodott, **tiffranka** ħafna ħin.
(2) Aqta' fil-qasir għax qed **taħlili** l-ħin, u l-ħin **prezzjuż**.
(3) **Spiċċawli** l-erba' snin tal-garanzija.
(4) M'initix qed **tuża** ħinek sew.
(5) **Qassam** il-ħin b'mod aktar matur.
(6) L-erba' sigħat ta' studju **swewli** ħafna lbieraħ.
(7) Ejja **ninvestu** aktar ħin għal dal-proġett.

F'dawn l-eżempji naraw li bħalma l-flus jiswew, tista' tinvestihom, tqassamhom, taħlihom, u jispiċċawlek, hekk ukoll il-ħin. Madankollu, wieħed ma jistax jaddatta kull kelma mir-reġistru tal-flus u jimmetaforizzaha biex joħloq metafora

kunċettwali għaż-żmien. Sentenzi bħal dawn t'isfel, f'ċertu sens qegħdin juru metafora kreattiva, jiġifieri metafora li qed tinħoloq ġdida u mhux metafora mejta, għax mhumiex espressjonijiet ta' kuljum li nsibu fil-lingwa:

(8) **Infaqt** siegħa l-Belt dalgħodu.
(9) **Xtrajt** sentejn mat-tfajla.
(10) **Iddepożitajt** xi ħin ma' oħti.
(11) **Investejt** erba' snin nafu.

Mhux kull kelma li hi espressjoni metaforika tikkorrispondi ma' użu biex tirreferi, f'dan il-każ, għaż-żmien. Ngħidu aħna, għalkemm jintuża l-istess verb f'sentenzi (7) u (11), sentenza (11) mhix meqjusa bħala metafora kunċettwali, waqt li sentenza (7) hi.

L-erba' eżempji msemmija li ma jingħadux fil-Malti (8)-(11), jista' jkun li jiġu tradotti f'lingwi oħra u jkunu assolutament naturali fil-lingwa partikolari. Fil-fatt, ċerti metafori kunċettwali huma universali. Skont Lakoff u Johnson, dan hu minnu minħabba l-mod ta' kif jaħsibha l-bniedem, huma komuni għall-umanità, u jġibu eżempju bil-metafori t'orjentazzjoni. Jispjegaw kif kunċetti ċentrali jaħdmu skont il-funzjoni tal-ġisem – 'il fuq u 'l isfel, 'il quddiem u lura, 'il barra u 'l ġewwa, u l-bqija (56-56). Jiġifieri, fil-Malti:

"il-ferħ ifisser 'il fuq"

(12) Kont se **ntir** bil-ferħ.
(13) B'kelma **ttellagħni m'ogħla** s-sema.
(14) Tant kemm kont kuntenta li **qbiżt** bil-ferħ u ħassejtni **fis-seba' sema**.
(15) **Tellajtni l-ġenna** b'din l-aħbar.

Min-naħa l-oħra:

"id-dwejjaq ifisser 'l isfel"

(16) Kellu geddum **sal-art** għax tilef il-logħba.
(17) Hemm bżonn nagħmlu moħħna hemm, għax sejrin **għan-niżla**.
(18) **Waqajt** għaċ-ċajt quddiem in-nies.

(19) **Waqqagħli** wiċċi l-art b'li beda jagħmel.
(20) **Waqqajtni** ħażin.

Għal dawn il-metafori nsibu espressjonijiet simili fl-Ingliż, bl-istess kunċett li t-tajjeb jiġi mxebbah ma'xi ħaġa 'l fuq, u l-ħażin għandu sens ta' gravità (Lakoff u Johnson 16-17). Din il-kunċettwalità hi evidenti wkoll f'lingwi oħra magħrufa.

F'metafora kunċettwali, għalqa semantika partikolari tingħaqad ma' għalqa semantika oħra u jinħoloq xebh li b'xi mod jew ieħor jikkorrispondu maż-żewġ reġistri. Fil-fatt, Lakoff iqis li metafora kunċettwali tinftiehem minħabba li jsir qbil b'mappjaturi (*mappings*) minn għalqa semantika għal oħra (206-207). Għalqa semantika minnhom tissejjaħ sfera sors (*source domain*), waqt li l-oħra tissejjaħ l-isfera mira (*target domain*) (Lakoff u Johnson 252). Dawn jistgħu jaħdmu wkoll bil-kontra, jiġifieri minn sfera mira wieħed imur għall-isfera sors. Dan l-argument qiegħda nivviżwalizzah f'Tabella 1, fejn l-isfera A tirrappreżenta l-għalqa semantika tal-flus, jiġifieri l-isfera sors, waqt li l-isfera B tirrappreżenta l-għalqa semantika taż-żmien, jiġifieri l-isfera mira. L-ittra Ċ turi x-xebh li jinħoloq bejn iż-żewġ sferi, u b'riżultat tinħoloq il-metafora kunċettwali. It-tabella turi wkoll li mhux kull kelma f'reġistru partikolari tista' tintuża biex tinħoloq il-kunċettwalità.



Tabella 1: l-isferi

2. Il-korpus

F'din it-taqsima nagħti definizzjoni ta' x'inhu korpus u għala hu bżonjuż għall-istudju tal-lingwa. Dan iwassalni biex nintroduċi l-għodda li użajt għall-analiżi, u nfiehem xi funzjonijiet li toffri. Fil-parti tal-metodoloġija nispjega fid-dettall il-funzjonijiet tal-Korpus Malti li użajt għal din l-analiżi.

Crystal jirreferi għall-korpus bħala kollezzjoni ta' testi li biha wieħed jista' jivverifika ipotesi dwar lingwa (Crystal 77). Alice Deignan tiddefinixxi korpus f'iktar dettall billi tagħti definizzjoni ta' korpus lingwistiku, jiġifieri l-ġabra ta' testi bl-użu ta' programmi varji tal-kompjuter (Deignan, Metaphor and Corpus Linguistics 76).

L-iktar funzjoni bażika ta' korpus hi li tingħata l-frekwenza ta' kelma, jiġifieri kemm-il darba kelma tinstab fil-korpus. Din il-funzjoni tixbah ir-riżultat ta' tiftixa f'paġna tat-tiftix (bħal Google). Il-Korpus Malti jista' jagħti kuntesti differenti tal-kelma, u għalhekk jagħmilha faċli biex l-istudjużi jaraw kif kelma qiegħda ġġib ruħha f'kuntesti differenti.

Fost it-tipi differenti ta' korpora, wieħed isib il-korpus miftuħ (*open corpus*), bħalma hu l-MLRS. Hi prattikabbli li s-sottokorpora tal-korpus ikunu bilanċjati fin-numru, għaliex iktar ma test ikun aċċessibbli, iktar ikun possibbli biex kelma tinstab f'kuntesti differenti. L-MLRS fih seba' sottokorpora, fosthom testi akkademiċi, dibatitti parlamentari, liġi, bloggs u l-bqija. Dan ifisser li kelma tista' tiġi studjata f'testi partikolari minflok fil-korpus kollu. Ngħidu aħna, jekk wieħed jara l-kuntesti tal-verb *ħa* fis-sottokorpus ta' test legali, jaf ikollu tifsiriet differenti mis-sottokorpus f'test ta' bloggs jew siti mill-internet, u tingħaraf id-differenza semantika bejn *ħa ġurament* u *ħa lil xi ħadd biċ-ċajt*.

Fl-MLRS wieħed jista' jara wkoll differenza fit-tifsira ta' sinonimi. Għalkemm żewġ kelmiet ikunu sinonimi, xorta jġibu ruħhom b'mod differenti. Albert Gatt iġib l-eżempju bejn żgħir u ċkejken; il-kollokazzjonijiet li jinstabu għaż-żewġ kelmiet ivarjaw. Mod tajjeb kif wieħed jiddistingwi bejn iż-żewġ kelmet hi skont l-imġiba tagħhom (Gatt, *l-aċċent* 6).

Leanne Ellul tistudja s-sinonimi b'iktar dettall. Tosserva li *ħieles* u *liberu* ġejjin mill-Għarbi u mit-Taljan, rispettivament. Iżda, is-sinonimu *indipendenti*, li bħal *liberu* ġej mit-Taljan, xorta jaġixxi b'mod differenti (Ellul 15). Iż-żewġ sinonimi

li jagħżel Gatt, ġejjin it-tnejn mill-Għarbi, u xorta jinnota mġiba differenti bejniethom (3 ta' Ġunju 2011).

Permezz tal-użu tal-MLRS, Ellul turi li hu diffiċli ħafna biex żewġ kelmiet ikunu sinonimi assoluti, għax ħafna drabi se jkun hemm kuntest fejn kelma toqgħod bl-iktar mod naturali, waqt li s-sinonima tagħha tidher stramba. Għodod bħall-korpora huma għalhekk importanti, għax jippreservaw il-komponenti li diġà għandha lingwa, jiġifieri l-kliem, il-grammatika u l-letteratura. (Gatt, Rosner u Pace 33).

3. Il-metodoloġija

Minbarra li din l-analiżi hi bbażata fuq il-metafora kunċettwali ta' Lakoff u Johnson, hi mnebbħa wkoll mill-istudju ta' Deignan (2005). Fil-fatt, użajt xi metodi u funzjonijiet li tuża hi għall-analiżi tiegħi, skont kif jaħdem l-MLRS.

Fl-analiżi għażilt żewġ verbi – *nibet* u *żera'* bl-inflessjonijiet tagħhom – u żewġ nomi – *għeruq* u *frott*, u s-singular tagħhom. L-għażla tan-nomi turi ċ-ċiklu ta' ħajja ta' żerriegħa – il-bidu meta tinżera', jikbru l-għeruq, u tinbet il-pjanta, biex fl-aħħar tagħmel il-frott.

Qabel ma saret ir-riċerka tajt ħarsa lejn *Il-Miklem Malti* ta' Erin Serracino-Inglott u *Dizzjunarju Malti-Ingliż* ta' Ġużè Aquilina, biex nara d-definizzjonijiet li jagħtu għall-kliem li fittixt, u rajt liema definizzjoni hi l-iktar frekwenti. Fuq kollox, ridt nara jekk il-korpus ikollux definizzjonijiet ġodda li mhux imniżżla fid-dizzjunarji attwali.

Għal kull kelma analizzajt il-100 jew il-50 kuntest wieħed wieħed. Ħassejt li 50 kuntest għas-singular kien biżżejjed għall-fini biex nara d-differenza fl-għadd u noħroġ b'konklużjonijiet daqslikieku ħadt iktar kuntesti. L-ewwel pass kien biex bħala kelliema nattiva tal-Malti, nikkonkludi jekk il-kuntest kienx metaforiku jew le. Meta l-kuntest kien metaforiku, analizzajt x'tip ta' metafora kienet, u ladarba ħassejt li l-metafora kunċettwali kienet preżenti, identifikajt kunċett biex nara jekk hemmx iktar metafori li jidħlu f'dik il-kunċettwalità partikolari.

Ir-riżultati rajthom permezz tal-buttuna *Show in random order*, biex it-testi jkunu varjati, u mhux kollha mill-istess sottokorpus (ara Tabella 2). Meta kelli bżonn nara iktar mill-kuntest biex nifhem aħjar jekk kelma hix qed tintuża letteralment



Your query "[*inbet,*inbtu,nibet,nibt*,*nbit*]" returned 1,648 matches in 1,430 different texts (in 124,727,981 words [142,397 texts]; frequency: 13.21 instances per million words) [0.068 seconds - retrieved from cache]

|< << >> >| Show Page: 1 Line View Show in random order New query Go!

No	Filename	Solution 1 to 50	Page 1 / 33	
1	acad14	25) . Huwa jkompli jargumenta li b' konsegwenza tal- injoranza jistgħu	jinbtu	ħafna perikli soċjali u li Vassalli fehem li '
2	acad19	tieni nofs tas- seklu tmintax (1715 - 1760) , li	nibet	l- Illuminiżmu ; Moviment li ġab bidla radi
3	acad21	kienu ġa bdew jidħru fi Franza u f' artijiet oħra . Għalhekk	nibtet	din ix- xewqa li jara lil Malta bħala nazzjo
4	acad50	proġetti li ffinanzja l- WB servew biex fil- pajjiżi li gawdew minnhom	nibet	mudell ekonomiku neo - liberali , fejn il- k
5	acad52	soċjali mhijiex xi ħaġa ġdida , anzi , kienet il- mod kif	nibtu	gruppi ta' għajnuna reċiproka , koperattiv

Tabella 2: Din il-funzjoni tintuża biex it-testi jkunu varjati



Tabella 3: Din il-funzjoni tintuża biex tara aktar kuntest



Tabella 4: Din il-funzjoni tintuża biex tara l-kollokazzjonijiet tat-tiftixa

jew metaforikament, għafast il-buttuna *more context* (ara Tabella 3). Biex nivverifika l-metafori kunċettwali, għafast fuq *collocations*, biex b'hekk rajt il-kliem l-iktar frekwenti li jinstab mal-verb jew man-nom li nkun fittixt (ara Tabella 4).

Biex infittex kelma bl-inflessjonijiet tagħha użajt l-*asterisk* (*) u l-punt interrogattiv (?). L-*asterisk* użajtha qabel jew wara kelma biex ngħarraf il-korpus li rrid is-sekwenza li tiġi qabel jew wara l-parti tal-kelma, jiġifieri meta nikteb żraj*, nistenna li jitilgħu kliem bħal *żrajtu*, *żrajniehom*, *żrajthomlhom* u l-bqija. Il-punt interrogattiv użajtu biex infittex kwalunkwe ittra jew karattru li jista' jitqiegħed. Jiġifieri f'?żra?? mhux se jitla' kliem bħal *Iżraeljani*, imma jitla' kliem bħal Iżrael.

4. L-analiżi

Bħalma diġà għidt, kien hemm referiment kontinwu waqt u wara l-analiżi għad-dizzjunarji tal-Malti. Dan għenni nagħraf id-definizzjoni letterali u d-definizzjonijiet metaforiċi eżistenti. Fis-sentenzi li ġejjin nuri l-istruzzjoni li ktibt fl-MLRS biex jitilgħu r-riżultati:

Għall-verb *nibet*:
[*inbet, *inbtu, nibit*, nibet, nibt*, *nbit*]
Għall-verb *żera'*:
[?iżra*, *iżirgħ*, żera*, żraj*, żergħ*, żeragħ*]

In-nomi fittixthom separatament; is-singular għalih u l-plural għalih.

Il-verb *nibet* mill-ewwel beda jagħti iktar riżultati metaforiċi milli letterali. Fil-fatt, irriżulta li 78% mir-riżultat f'*nibet* kienu metafori kunċettwali. Il-metafori kunċettwali li ħarġu mill-kelmiet iduru bejn wieħed u ieħor mal-istess idea. Fosthom, kien hemm IR-RELAZZJONI HI PJANTA, L-IDEA HI PJANTA, u L-EMOZZJONI/SENTIMENT HI PJANTA. Il-kollokazzjonijiet ma' *nibet* taw aktar evidenza ta' dan, minħabba li nstabu 90 frekwenza għall-kollokazzjoni *idea*, 46 frekwenza għall-prepożizzjoni *bejn* (li qed turi relazzjoni), 43 frekwenza għal ħbiberija, u oħrajn. Tant kemm din il-metafora kunċettwali titħaddem, li meta fittixt il-verb żera', telgħu wkoll maġġoranza b'metafora kunċettwali komuni, fil-fatt f'żera' l-metafora kunċettwali L-EMOZZJONI/IS-SENTIMENT

HI/HU PJANTA kienet evidenti. Eżempji ta' din il-metafora kunċettwali kienu *jekk ngħidu x'qalu u d-dubji li żergħu nsibu li ntqal ...*, u *l-iswed fuq l-abjad jista' jaqrah kulħadd u jibqgħu jiżirgħu l-inċertezza bil-gideb ...*

Ir-riżultati l-oħra ta'dawn iż-żewġ verbi qsamthom f'kategoriji oħra, ngħidu aħna f'idjomi jew f'metafori kreattivi li ma jikklassifikawx bħala metafori kunċettwali. L-idjoma *dak li tiżra' taħsad* kienet evidenti ħafna fir-riżultati, tant li nstabu 17% tal-idjoma f'*żera'*. L-użu letterali ta' *nibet* kien ta' 6%, waqt li ta' *żera'* kien 13%. Meta dawn in-numri huma mqabbla man-numru ta' kuntesti li fittixt, dan jista' jitqies bħala persentaġġ baxx ħafna għall-kuntesti letterali.

In-nomi taw riżultati interessanti ħafna minħabba li kien hemm differenza fl-għadd. Fil-fatt, fi *frott* instab 53% ta'metafora kunċettwali, waqt li fi *frotta* ma nstabx kuntest wieħed fejn kien ta'metafora kunċettwali. Iżda, min-naħa l-oħra, għan-nom *għerq* u *għeruq*, it-tnejn kellhom riżultati ta' metafori kunċettwali. Fil-fatt, f'*għeruq* instabu 76% ta' użu metaforiku, waqt li fis-singular instabu 66% metafora kunċettwali, jiġifieri 33 kuntest minn 50. Fl-ewwel studju tiegħi (2014) ikkonkludejt li għal dan in-nom ma hemmx metafora kunċettwali u niżżiltha bħala metafora mejta biss. Din kienet waħda mid-diffikultajiet tiegħi – biex naqta' linja jekk kelma tidħolx f'kunċettwalità jew le. Wara li għaddew xi xhur, ħarist lejn ir-riżultati u ħassejt li dawk il-kuntesti li għidt li huma metafori mejta, kienu ħafna minnhom jidħlu kexxun għat-tliet metafori kunċettwali li ddiskutejt f'*nibet*, u għalhekk l-istudju ta' issa qed jagħti konklużjoni differenti.

L-iktar metafora kunċettwali fissa u komuni fl-erba' kelmiet kienet IR-RELAZZJONI HI PJANTA. Din il-metafora kunċettwali kienet kostanti fl-erba'



Tabella 5

kelmiet li fittixt, jiġifieri bl-iktar waħda fissa: IR-RELAZZJONI HI PJANTA. L-erba' kelmiet jgħaqqdu l-mappjaturi bejn l-għalqa semantika tal-pjanti, u l-għalqa semantika ta' relazzjoni f'ħafna mill-kuntesti. L-A f'Tabella 5 tirrappreżenta l-għalqa semantika li hemm fir-reġistru ta' *relazzjoni*; B tirrappreżenta l-għalqa semantika li hemm fir-reġistru tal-pjanti; u Ċ tirrappreżenta dawk il-kelmiet li permezz tal-immappjar bejn iż-żewġ sferi, tinħoloq il-metafora kunċettwali:

Waħda mill-kurżitajiet tal-lingwa f'din l-analiżi kienet kif is-singular f'*għerq* kellu riżultati ta' metafora kunċettwali, waqt li fi *frotta* ma kellux. Madankollu fil-kelma *frott* kien hemm metafora kunċettwali. Jista' jkun li minħabba li *frott* huwa kollettiv jeffettwa kif kelma ġġib ruħha f'kuntest metaforiku, jew hija biss kumbinazzjoni ta' kif kelma tiżviluppa mill-kelliema tal-lingwa?

Matul l-istudju l-kollokazzjonijiet baqgħu jagħtu evidenza sħiħa tal-metafora. Ngħidu aħna, in-nom *frotta*, li f'50 kuntest ma nstabitx metafora kunċettwali waħda, il-kollokazzjonijiet tagħha rriżultaw artikli *il-*, u *mill-* b'189 frekwenza u 23 frekwenza rispettivament. Dan ifisser li ma kienx hemm kelmiet li jagħtu lill-kelma *frotta* kuntest metaforiku partikolari, waqt li fi *frott*, pereżempju, jinstabu kollokazzjonijiet bħal *ħidma*, *tħalli* u *naħsdu*.

Mal-kuntesti kien hemm każijiet ta' analoġiji bibliċi, (ngħidu aħna tal-frotta pprojbita li tissemma fil-Ġenesi), jew l-użu ta' idjomi, bħalma nstab f'*għeruq* b'6 kuntesti, (*għeruq u xniexel*). It-tabella 6 t'hawn isfel turi aħjar kif qassamt ir-riżultati li sibt, skont il-metafora kunċettwali, it-tifsira letterali, u xi drabi *oħrajn*. L-*oħrajn* tirreferi għal dawk il-każijiet fejn kelli dubju jekk għandhiex tkun tifsira metaforika jew tifsira letterali, u kultant kienet diffiċli li taqta' linja bejn it-tnejn. Madankollu, il-kuntesti ta' *oħrajn* kienu negliġibbli.

nibet [*inbet, *inbtu, nibit* nibet, nibt*, *nbit*]	**żera' [?iżra*, *iżirgħ*, żera*, żraj*, żergħ*, żeragħ*]**
78 metafora kunċettwali	54 metafora kunċettwali
4 metafora kreattiva	17 idjoma
6 użu letterali	9 metafora mejta
2 oħrajn	7 metafora kreattiva
	13 użu letterali

Tabella 6: Il-verb

frott (100 kuntest)	frotta (50 kuntest)
53 metafora kunċettwali	4 metafora kreattiva
7 metafora kreattiva	2 similitudni
1 similitudni	2 analoġija
1 analoġija	42 użu letterali
36, 2 użu letterali	

Tabella 7: *frott, frotta*

għeruq (100 kuntest)	għerq (50 kuntest)
76 metafora kunċettwali	33 metafora kunċettwali
6 metafora mejta	1 ewfemiżmu
3 metafora kreattiva	7, 7, 3, 2 letterali
10, 3 użu letterali	2 oħrajn

Tabella 8: *għeruq, għerq*

Mal-analiżi tar-riżultati kien hemm referiment kontinwu għad-definizzjonijiet li jagħtu ż-żewġ dizzjunarji li semmejt. Minbarra li hemm każijiet fejn iż-żewġ dizzjunarji ma jaqblux fit-tifsir, u ma hemmx ordni liema definizzjoni tingħata l-ewwel, il-korpus tani lok għal definizzjonijiet oħra li jew ma kinux jeżistu fi żmien li nbena d-dizzjunarju, jew il-lessikografu nesiehom. Ngħidu aħna, il-kuntest figurattiv ta' *nibet* (il-ħolqien ta' xi ħaġa ġdida), għalkemm Serracino-Inglott jagħti *feġġ*, ħassejt li qed jagħti sinonimu u mhux definizzjoni. Ma jispjegax li mħabba, relazzjoni jew ħbiberija tista' tinbet.

Bl-istess mod, id-dizzjunarju ta' Serracino-Inglott jeskludi l-verb *nibet* f'kuntest ta' mibegħda jew ta' ħolqien ta' idea ġdida. Madankollu, Serracino-Inglott iżid il-verb *naître*, li hu verb Franċiż bit-tifsira *twieled* (291-292). Għalkemm dawn jaf ikunu sinonimi f'xi kuntesti, xorta mhumiex sinonimi assoluti. Tista' *titwieled* imħabba ġdida, bħalma tista' *tinbet* imħabba ġdida, iżda tarbija tista' *titwieled*, imma ma tistax *tinbet*.

Konklużjoni

L-ewwel taqsima ta' dan l-istudju fiehmet fid-dettall il-metafora kunċettwali. Wara dan, ħarist lejn xi funzjonijiet tal-MLRS biex b'hekk stajt nintroduċi l-metodoloġija tal-analiżi. Fl-aħħar nett, din l-analiżi wriet kif iġibu ruħhom żewġ verbi u żewġ nomi, kemm mill-aspett letterali kif ukoll mill-aspett metaforiku. Il-ħsieb ewlieni ta' kull kuntest analizzat kien jekk il-kelma hix metaforika jew le, u jekk tkun metaforika, rajt x'kunċettwalità ħarġet minnha. L-ipotesi tal-metafora kunċettwali ġiet imsaħħa bil-kollokazzjonijiet tal-kelmiet. Dan l-istudju wera bis-sħiħ tliet metafori kunċettwali li huma: IR-RELAZZJONI HI PJANTA, L-IDEA HI PJANTA, u L-EMOZZJONI/SENTIMENT HI PJANTA.

Dan l-istudju jagħti ftuħ għal aktar analiżi permezz tal-korpus. Pereżempju, jistgħu jiġu studjati l-gradi ta' modalità permezz ta' kuntesti differenti. Jistgħu wkoll, kif rajna, jiġu analizzati kelmiet speċifiċi, kemm f'kuntesti metaforiċi kif ukoll f'kuntesti letterali. B'dan, wieħed ikun jista' jibni dizzjunarju aktar mirqum. Il-korpora jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira għal-lingwisti, u għal-lessikografi, kif ukoll għall-kelliema nattivi tal-lingwa li jixtiequ jaraw kif tintuża kelma.

Il-Biblijografija

Crystal, David. *A Dictionary of Linguistcs and Phonetics.* Oxford: Basil Blackwell, 1985. Stampat.

Deignan, Alice. *Metaphor and Corpus Linguistics.* Amsterdam: John Benjamins, 2005. Stampat.

Debono, Maria. *Il-metafora kunċettwali fil-Malti: analiżi bil-korpus ta' kliem mill-qasam tal-pjanti.* Teżi tal-B.A. U ta' Malta, 2014. Stampat.

Ellul, Leanne. "Ħieles, liberu u indipendenti", *l-aċċent* 11 (Marzu 2014): 15-18. Internet. 15 ta' Lulju 2015.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji.* It-tielet ed. P.E.G., 2010. Stampat.

Gatt, Albert. "Il-Malti, ir-riżorsi diġitali u t-traduzzjoni", *l-aċċent* 10 (Ott. 2013): 4-8. Internet. 15 ta' Lulju 2015.

Gatt, Albert, Mike Rosner, u Gordon Pace. "Mind Your Language", *Think.* Marzu 2014. Stampat.

—. *Maltese in the digital age developing electronic resources.* L-Istitut tal-Lingwistika tal-Università ta' Malta. 3 ta' Ġunju 2011. Powerpoint fuq l-internet. 15 ta' Lulju 2015.

Lakoff, George. "Contemporary theory of metaphor." *Metaphor and Thought.* Cambridge: Cambridge UP, 1993. Stampat.

Lakoff, George, and Mark Johnson. *Metaphors we live by.* London: U ta' Chicago, 2003. Stampat.

Serracino-Inglott, Erin. *Il-Miklem Malti (Is-Sitt Volum).* Malta: Klabb Kotba Maltin, 1979. Stampat.

Brajmla Ruxxana u Għasfur Kaħlani: Il-Mediterranjetà f'*Mappa tal-Mediterran* ta' Antoine Cassar

Dorianne Bonello

Antoine Cassar jirreferi għall-Mediterran bħala "*the comfort of a womb, a fertile basin, the cradle of civilisation*" (Cassar, 'mhuxfisimna'), ideat li jieħdu sura simbolika fil-poeżija 'Mappa tal-Mediterran'. Kif jixhed il-vers "Il-Baħar tan-Nofs, skont imnejn tħares" (Mappa 4), il-bidu ta' dan ix-xogħol jitlaq mill-immaġinazzjoni tal-kittieb li ma jirristrinġix ruħu għall-mod konvenzjonali ta' kif inhi mpinġija l-mappa, u minflok jaraha minn perspettivi differenti. Hu u jdawwar il-mappa biex jaraha minn angoli differenti, Cassar jimmaġina l-forma ta' dan ir-reġjun bħala fetu, dgħajsa, katavru, u għasfur, xbihat f'perspettivi differenti u xi drabi kuntrastanti, miġbura f'baħar wieħed (Cassar, 'mhuxfisimna'). F'dan l-istudju se niffoka fuq xi aspetti li jintisġu flimkien biex isawru din il-poeżija, fosthom il-ħxejjex, il-pjanti, l-annimali, in-nies u dak li jgħaqqadhom, il-miti, u r-reliġjon.

1. Baħar Żejtni

Qabelxejn, l-attività fil-Mediterran hija evidenti mill-elementi tax-xemx, il-baħar, ir-ramel, il-bajjiet u bosta gżejjer żgħar li jagħmlu l-baħar żona kkulurita; Matvejević jgħid li dawn il-karatteristiċi ma jonqsux mil-letteratura Mediterranja (Matvejević 12). F'"Mappa tal-Mediterran', Cassar jagħti importanza

lill-aspett viżiv u jissuġġerixxi diversi xejriet animati jew imlewna li jgħammru fil-Mediterran bħall-"brajmla ruxxana" (1), "l-iljunfant pigmew" (2), "it-tonn tax-xewka kaħla" (3), u "ż-żiemel tal-baħar" (5). Dawn il-kuluri jkomplu jsaħħu l-idea tal-Mediterran bħala benniena tal-ħajja. Minbarra l-aspett kromatiku ta' dawn il-ħlejjaq, il-ħajja fil-Mediterran tidher fil-baħar innifsu permezz tal-metafora estiża tal-fetu. Bl-immaġinazzjoni u t-teknika tiegħu, Cassar jumanizza l-Mediterran filwaqt li jevoka numru ta' karatteristiċi tal-istess baħar. Skont Azzopardi, din "l-immaġni tal-baħar" bħala parti mill-pajsaġġ Malti u r-realtà Mediterranja, ma tistax tonqos "mill-moħħ ta'xi ħadd li hu konxjament Malti" (Azzopardi 53). Fil-każ ta' Cassar u kittieba oħra, ngħidu aħna, Adrian Grima u Norbert Bugeja, jidher li hemm kuxjenza tar-realtà Mediterranja, iżda xi ngħidu għall-kittieba ta' qabel is-snin sebgħin meta l-Mediterranjetà kważi kważi ma tissemma qatt? Dawn allura ma jissejħux Maltin? Dan id-diskors, iżda, jeħtieġ diskussjoni separata.

Minbarra l-annimali li jmissu mal-baħar, il-karattru tal-Mediterran jinvolvi diversi ħxejjex li wħud minnhom jissemmew fil-poeżija ta' Cassar. Minkejja li mhumiex għalkollox Mediterranji, dawn il-ħxejjex sabu posthom u kisbu l-importanza tagħhom f'dan ir-reġjun. Id-dielja, iż-żebbuġ u l-qamħ huma fost il-veġetazzjoni li għal Fernand Braudel jikkontribwixxu għall-ħajja bbilanċjata tal-Mediterran (Scerri 19). Cassar jagħti valur lill-pjanta taż-żebbuġ tant li tibda tissemma mill-bidu u tibqa' tidwi sal-aħħar, filwaqt li l-"għasfur kaħlani" (Mappa 16) rappreżentazzjoni oħra tal-Mediterran, jispiċċa "bit-togħma rqiqa taż-żebbuġ/toqtor ġol-ħawsla" (16). Fost il-pjanti li jsemmi, Cassar jirreferi wkoll għall-"qamħ tal-ħobż" u l-"qamħ tal-għalf" (6), pjanta li d-domanda għaliha hija kbira minħabba l-ħtieġa tagħha fil-ħajjiet tan-nies u l-annimali fil-Mediterran. Il-bżonn tal-ħobż fil-kultura Mediterranja jitkellem fuqu Matvejević, li jirreferi għall-Mediterran bħala "t-triq tal-ħobż," proprju għax il-ħobż kellu l-bidu tiegħu f'dan ir-reġjun (Scerri 19). Skontu, it-tradizzjoni tal-ħobż hija komuni l-iktar fil-gżejjer tal-Mediterran, u għalhekk tista' titqies bħala l-mod ewlieni ta' kif dawn is-soċjetajiet Mediterranji jaqdu wieħed mill-bżonnijiet bażiċi tagħhom.

Antoine Cassar jiddeskrivi kif il-pjanta tal-qamħ flimkien mal-"kittien u xgħir" fost oħrajn, sabu l-għeruq tagħhom bis-saħħa tan-"nanna ħafja, b'ċulqana kaħla" li ħawlet fl-art għammiela (Mappa 6). Din ix-xbieha femminili hija n-"nissiela" ta' dawn il-pjanti li għandhom valur għall-għajxien tal-bniedem

(7). Fin-nanniet u l-għelieqi, flimkien mat-tempji, ix-xtut u x-xemx f'Malta, Ebejer jara l-"*Female Mediterranja*" u jgħid li dawn il-karatteristiċi huma ta'ġens femminili minħabba "*the special Mediterranean grace in the walk of many of our women*" (Ebejer 38). Il-poeta donnu jrid joħloq analoġija bejn in-nanna biż-żrieragħ f'idejha u l-Mediterran li fih innifsu huwa fetu. "Iż-żrieragħ tal-manna" li tiżra' n-nanna huma tal-Mesopotamja (Mappa 6), reġjun li llum il-ġurnata huwa magħruf bħala l-Iraq u li huwa mgħammar b'żewġ xmajjar, it-Tigris u l-Ewfrate. L-isem Mesopotamja ġej mill-Grieg u jfisser "l-art bejn ix-xmajjar," bl-implikazzjoni ta'art fertili (Oakes 4). In-nanna li għandha rabta mal-qedem qiegħda tnissel il-ġnus, u għax hija marbuta mal-qedem, il-ġnus li twieldu lin-"nanna nissiela nsewha" (Mappa 7). B'dawn ix-xbihat, Cassar jeleva l-idea li minkejja li l-ġnus tal-lum għandhom l-għeruq tagħhom fil-passat, ma jafu xejn dwar in-nisel tagħhom.

2. Baħar Rasu Iebsa

Il-Mediterran, li fl-ewwel nofs tal-poeżija tispikka fih il-ħajja, jidher li hu kkaratterizzat ukoll minn elementi ta'konfużjoni u periklu li saħansitra jwasslu għall-mewt. F'poeżija oħra minn tiegħu li ġġib l-isem ta''Atlas', Cassar jirreferi għall-Mediterran u jgħid li l-għajn moħbija ta' Malta, li tinsab taħt l-art, "minn xibka għal xibka tgħum/forsi ssib ftit tal-wisa'." Bħalma l-għajn tinqabad fix-xibka, hekk ukoll, f''Mappa tal-Mediterran', id-"dgħajsa b'kabina mgħaffġa" kapaċi tisfa' vittma tal-inċidenti li jseħħu fil-baħar (10). Għaldaqstant, il-Mediterran huwa rrappreżentat bħala baħar li fih l-attività u l-ħajja jiltaqgħu max-xewqat ta' ħajjiet "maqbudin fil-kurrenti" (14), xewqat li mhux bilfors isiru realtà u għalhekk il-baħar isir ukoll baċin mortwarju. Meta Cassar jirreferi għad-dgħajsa fuq il-baħar li waslet qrib l-art, idaħħal l-idjoma mill-mitoloġija Griega "bejn Xilla u Karibdi" (11), li biha jimplika żewġ affarijiet: li d-dgħajsa tinsab bejn Sqallija u l-Italja, u li qiegħda fil-periklu. Fil-mit Grieg, Xilla u Karibdi huma żewġ mostri tal-baħar, żewġ forzi ħżiena, li fil-poeżija qed iduru mal-"merċa ġdida," l-immigranti li qed jippruvaw jilħqu l-art permezz ta' dgħajsa mqabbla ma' "landa sardin" (10-11). Cassar juri li ħlejjaq oħra wkoll jisfgħu vittma fil-Mediterran bħalma jiġri lill-"għasfur kaħlani" li jinqabad fix-xbiek tas-sajjieda

u jispiċċa jissielet bit-tama li jinħall mill-għoqda (16). Fuq livell metaforiku, il-Mediterran qiegħed imut għax kull darba li tintilef ħajja ta' bniedem jew annimal f'dan il-baħar, ikun qed jitlef biċċa minnu.

3. Il-Vjaġġ taż-Żmien

Sakemm jasal biex isemmi l-"katavru mixrub" (15), Cassar jirrakkonta f'versi t-tiġrib fil-Mediterran minn żmien ir-Ram, iż-żmien qasir ta' transizzjoni bejn iż-żmien Neolitiku u żmien il-Bronż. Il-ħila ta' Cassar li juri t-tul taż-żmien bħal donnu jinġabar fi ftit versi tispikka b'mod partikulari meta jsemmi l-vjaġġi tal-merċa. Il-poeta jippreżenta r-riħ jonfoħ it-tjubija fil-qlugħ maħdum b'perfezzjoni hu u jagħmel il-vjaġġ tiegħu fil-Lvant tal-Mediterran, minn Kreta għall-Eġittu, fejn hemm ħatt il-merċa "biż-żejt,/biż-żagħfran, biż-żingu" (8). Il-vjaġġi li jsiru fuq ix-xambekk donnhom għaddejjin minn vjaġġ ta' żmien. Infatti fil-vjaġġ lura lejn Kreta "tħażżeż xefaq ġdid tal-bronż" fejn imbagħad seħħ l-iżbroff katastrofiku tal-vulkan Thera, li kisser il-belt u l-palazz ta' Knossos (8). Bl-anafora u l-polisindeto tal-konġunzjoni 'u' jorbot flimkien is-snin ta' tliet millennji u nofs bħalma s-sajjieda "ħolqa ħolqa jimmaljaw ix-xbiek" (9). It-tqarrib ta' dawn is-snin jidħol f'kuntrast mat-twessigħ fl-esperjenza tal-merċa ġdida, tal-immigranti, taż-"żagħżugħ/wiċċu 'l isfel, itiegħem żaqq il-baħar" li jispiċċa fejn jonfoħ ir-riħ isfel (12).

4. Ankrati fil-Mitoloġija

Tul il-poeżija, il-mitoloġija Griega tintrabat mal-bniedem u ma' ġrajjiet kurrenti. Il-mod sottili ta' kif il-poeta jqarreb iż-żewġ epoki, jiġifieri ż-żminijiet Klassiċi maż-żminijiet tal-lum, isostni l-idea li dawn il-forzi tal-qedem jaħkmu lill-bniedem tant li jerġa' jmur lura għall-punt tat-tluq (Ellul 120). Gruen jinnota l-identità kollettiva stabbilita bir-relazzjoni bejn il-passat mitoloġiku u s-soċjetajiet tal-lum; relazzjoni bejn karattru jew avveniment mitoloġiku, u persuna jew komunità fil-preżent. B'dan il-mod, is-soċjetà tixrob identità minn mudell mitoloġiku, sabiex tifforma identità li sa ċertu punt hija identika

għall-passat. Madankollu, ikompli Gruen, ir-relazzjoni bejn is-soċjetajiet tal-lum u l-passat mitoloġiku mhix statika u dipendenti fuq it-tradizzjoni mitoloġika. Minn ġenerazzjoni għal oħra, il-komunitajiet Griegi biddlu l-karattru u l-identità tagħhom b'mod drammatiku, u għalhekk inħolqu verżjonijiet ġodda tal-identifikazzjoni mitoloġika, kemm jekk intgħażlu mudelli mitoloġiċi ġodda, kif ukoll jekk ġew ivvintati verżjonijiet ġodda tal-miti tradizzjonali (Gruen 48-49). Dan il-proċess juri l-preżent attwali u l-passat mitoloġiku jinteraġixxu ma' xulxin f'dimensjonijiet reċiproki, hekk kif jagħmel Cassar, fejn f'poeżija waħda jżewweġ iż-żewġ epoki biex waqt li jidhru d-differenzi, jew aħjar l-iżviluppi fis-soċjetajiet, itella' fil-wiċċ l-oriġini tal-istess soċjetajiet li jesponu numru ta' similaritajiet ukoll, ngħidu aħna l-"imluħ tal-qedem," il-melħ li kien u għadu bżonjuż (Mappa 15). Fil-fehma ta' Friggieri, il-Mediterranjetà fil-letteratura Maltija hi "kuxjenza tal-qedem imbiegħed, tal-imgħoddi bħallikieku kategorija mentali, mudell psikoloġiku, li ħareġ mill-qafas ta' epoka partikolari" (Friggieri 97). Dan il-ħsieb huwa rifless fil-poeżija ta' Cassar permezz tal-intertestwalità ma' personaġġi mill-mitoloġija Griega bħalma huma Pelops u Minos, u bihom juri l-qedem ta' bosta kulturi fil-Mediterran bħal dawk ta' Anatolja u Kartaġni.

5. Diwi mill-Bibbja u Ilħna Griegi

Il-qedem imbiegħed huwa rifless f'"Mappa tal-Mediterran' mhux biss bl-intertestwalità mal-mitoloġija Griega iżda anke b'inferenzi mill-Bibbja li jikkonfermaw in-nozzjoni ta' Friggieri li l-Mediterranjetà fil-letteratura Maltija fiha "sens qawwi ta' reliġjożità" li kapaċi jiddetermina deċiżjoni fi kwalunkwe sitwazzjoni (Friggieri 96). Filwaqt li Cassar jeleva l-karatteristika tal-melħ fil-Mediterran, jinfilsa wkoll id-diwi ta' diskors Bibliku u jqarrbu lejn mit Grieg. B'din l-intertestwalità, il-poeta juri lill-bniedem jitwaħħad ma' element naturali filwaqt li jħaddem dan l-element fuq livell litterali u livell metaforiku.

Fl-Evanġelu ta' San Mattew, Ġesù jgħid lid-dixxipli tiegħu "intom il-melħ tal-art" (Matt 5:13) bl-implikazzjoni li "n-Nisrani għandu jkun bħal melħ li jħares mit-taħsir," mid-dnub (Saydon 32). Dun Joseph Rapa jispjega li minkejja li "d-dinja tilfet mit-togħma tagħha minħabba d-dnub ... Alla jrid isalva d-dinja; irid isalva lil kull bniedem" (Rapa). Is-setgħa li għandu Alla, li

jagħti t-tama lill-bniedem billi jroxx "il-melħ tal-imħabba" hija impossibbli għall-"ġinni" li ssir referenza għalih fil-poeżija (Mappa 13-14). Dan minħabba li l-ġinn huwa ppreżentat b'mod differenti minn kif inhu magħruf; filwaqt li s-soltu jidher bi tbissima u b'kontroll fuq is-setgħat tiegħu, fil-poeżija huwa "dgħajjef, batut, magħlub wisq," u ma jista' jagħmel xejn biex jaqta' x-xewqat (14).

Fl-istess ftit versi l-poeta jindirizza lir-riħ, element naturali ieħor, biex jonfoħ "fuq il-baħar rasu iebsa," baħar li fih il-ġinn jinsab maħkum minn Pelops, ir-re ta' Pisa li rebaħ din il-belt billi qatel lir-Re Oenamaus, ir-re li kien jaħkem lill-istess belt. Fil-mitoloġija Griega jingħad li meta Pelops kien żgħir, missieru qatlu biex joffrih lill-allat iżda dawn indunaw bl-att kriminali, u reġgħu qajmu lil Pelops mill-mewt (Parada u Förlag). Il-poeta jevoka dan il-mit Grieg meta jpinġi l-ġinn "bis-swaba' ta' Pelops m'għonqu" u jikkummenta li "jedd m'għandux/biex jerġa' jqajjem il-mejtin" (Mappa 14).

B'dan kollu, Cassar iqarreb diskors Bibliku u mit Grieg lejn xulxin, u jlaqqagħhom fid-dgħufija tal-ġinn li la jista' jqajjem il-mejtin u lanqas iroxx it-tama fuq in-nies tad-dinja għax mhuwiex Alla jew wieħed mill-allat Griegi.

6. Raxxa Melħ

L-effettività fir-referenza għall-melħ taħdem fuq il-livell letterali b'mod partikulari minħabba li l-livell għoli tal-melħ jagħti sehmu fil-karatterizzazzjoni tal-Mediterran. Azzopardi jinnota li f'"Passaport', Cassar jirreferi għal togħmiet differenti, b'mod predominanti għat-togħma tal-melħ (Azzopardi 53). F'"Mappa tal-Mediterran', il-poeta jerġa' jtella' fil-wiċċ il-melħ ippersonifikat ("l-ewwel ħalla/girfet il-blat/b'difrejha melħin") li mill-Oċean Atlantiku xaqqaq il-ġebel u infiltra fil-Mediterran sabiex "minn Ġibilterra/sa Gaża l-għadajjar/qodma tal-melħ/laqgħu bi tfexfixa s-salmura" (Mappa 1-2). Il-melħ, bħala element fil-baħar li għadda ż-żmien minn fuqu, jerġa' jissemma lejn l-aħħar tal-poeżija meta l-katavru żagħżugħ li spiċċa "mxaħxaħ" fil-baħar, jidher "itiegħem l-imluħ tal-qedem" (15). Infatti, l-essenzjalità tal-melħ tinħass mill-ewwel abitanti li sabu posthom fejn ix-xmajjar ta' Piave, Po, Adige, u xmajjar oħra fit-Tramuntana tal-Italja li kienu jgħixu, kif iqabbilhom Cassiodorus, *"like water birds, now on*

sea, now on land" (ikkwotata minn Abulafia 253). Il-ġid tagħhom kien jikkonsisti f'ħut u melħ, u l-melħ kien prezzjuż għalihom iktar mid-deheb: *"everyone needs salt but there must be people who feel no need for gold"* (Abulafia 253).

Flimkien mas-sens ta' inevitabbiltà tal-melħ għall-bniedem Mediterranju, Cassar idaħħal dan l-element kimiku f'mumenti skomdi u traġiċi, meta bl-allużjoni għall-ġrajja ta' Aladdin jirreferi għall-ġinn li, kif diġà għidt, did-darba ma jistax imqar "iroxx/il-melħ tal-imħabba/fi qlub il-ħajjin" (Mappa 14). Minflok, il-melħ jattakkahom tant li l-immigranti jibdew jitqiesu bħala "erba' mitt par xufftejn/imnixxfa fir-raxx/li jaqta' u ma jaqtax" (10). Bħal donnu l-melħ u l-vitalità tiegħu ma jistgħu jagħmlu xejn biex isalvaw lill-immigranti; f'dan is-sens il-melħ jitlef il-qawwa tiegħu li jżomm lill-immigranti f'wiċċ il-baħar u minflok jibda juri l-kapaċitajiet negattivi tiegħu.

7. Fruntieri fl-Ilma

Waqt li juri r-realtajiet kuntrastanti li jeżistu fl-istess baħar, Cassar imur kontra l-idea ta' Latouche li l-Mediterran huwa baħar miżgħud bil-fruntieri (Scerri 51). Il-poeżija 'Passaport' ukoll tippreżenta l-ideoloġija li *"the fear of barriers and frontiers has long been overcome"* u għalhekk il-passaport hu stampat f'għamla ta' *"anti-passaport,"* validu għall-popli kollha. Cassar jikkonferma dan meta jgħid li l-passaport huwa "dikjarazzjoni ta' ċittadinanza universali" (ikkwotata minn Azzopardi 78). F''Mappa tal-Mediterran' din l-universalità tal-passaport hija evokata bil-metafora estiża tar-riħ li turi t-tneżżigħ tal-fruntieri bejn il-pajjiżi Mediterranji. Cassar jirreferi għal naħat differenti fil-Mediterran skont ir-riħ li normalment jonfoħ fuqhom, ngħidu aħna meta jsemmi r-riħ isfel, jagħti x'jifhem li qed jitkellem dwar pajjiżi li jinsabu fil-Punent tal-Mediterran, filwaqt li meta jirreferi għar-riħ fuq, jissuġġerixxi l-pajjiżi tal-Lvant. Minkejja d-distinzjoni fit-tipi tar-riħ, il-metafora li juża u l-element li jevoka huma waħda: ir-riħ.

Lejn il-bidu tal-poeżija, il-poeta jirreferi għall-Mediterran b'ħames ismijiet b'lingwi differenti għal dan il-baħar, "ismijiet fuq ismijiet imlaħalħa/u maħsula" bl-istess ilma (Mappa 3). Għaldaqstant, il-lingwi użati f'pajjiżi differenti jidhru bħala l-element li qed ineżżgħu l-fruntieri li hemm jew li huma mistħajla. Il-lingwi li juża Cassar biex jirreferi għall-Mediterran jirriflettu l-ħsieb ta' Danticat li

"*Words have no borders. Every experience deserves a hearing*" (Danticat 4-5). Fil-fatt f'"Mappa tal-Mediterran' Cassar jinseġ numru ta' esperjenzi, bħal tan-"nanna nissiela" (7) tat-"tfajla t'Itaka" (12), u taż-żagħżugħ, li lkoll ġejjin minn bnadi differenti u li probabbli lkoll għandhom ilsna differenti. Filwaqt li Cassar jinseġ dawn l-esperjenzi flimkien, jirrifletti l-idea ta' Rushdie, li *"our lives, our stories, flowed into one another's, were no longer our own, individual, discrete"* (ikkwotata minn Mendes 97). L-istejjer u l-esperjenzi tan-nies u l-annimali jitlaqqgħu flimkien, u simultanjament jitlaqqgħu l-kulturi tagħhom. Bl-interazzjoni ta' bejniethom jinfluwenzaw lil xulxin tant li tibda tinħass identità kollettiva fis-sens wiesa' tagħha. Skont Friggieri "ċelluli u territorji" fil-Mediterran jaqsmu bejniethom wirt wieħed u identità kollettiva (Friggieri 97). Minkejja dan, il-ħsieb ta' Cassar jitbiegħed minn ta' Friggieri, meta wieħed jitfa' ħarstu fuq il-punt tat-tluq li jwassalhom għall-idea ta' identità kollettiva; filwaqt li Friggieri jitlaq minn Malta u jaraha fil-kuntest tal-Mediterran, Cassar jitlaq mill-bosta artijiet Mediterranji u jara lil Malta bħala waħda minn dawn l-artijiet.

Kif jidher, ix-xogħlijiet ta' Cassar ħafna drabi jiċċentralizzaw il-Mediterran, il-baħar, u saħansitra l-idea ta' dinja bħala kontinent wieħed. F'intervista li għamel Azzopardi, Cassar jikkummenta li l-esperjenza ta' tfulitu, "il-qbiż minn pajjiż għal ieħor qisna ballun tal-ping pong," ħalliet impatt fuq il-kitba tiegħu. Jgħid li biċċa xogħol bħal 'Passaport' ma kinitx teżisti li kieku ma sifirx għax "l-oriġini tagħha tinsab fl-ivvjaġġar" (Cassar, 'L-intervista'). Immanuel Mifsud jiddeskrivi lil Cassar bħala "poeta b'żewġ ċittadinanzi: Maltija u planetarja" (ikkwotata minn Cassar, *antoinecassar*). Dawn iż-żewġ ċittadinanzi u l-vjaġġi li għamel il-poeta ma jħalluhx jitlaq minn art waħda u għalhekk l-identità kollettiva li jara hija ġabra ta' multipliċità ta' kulturi li għex jew mess magħhom. Il-kulturi li daq Cassar jinteraġixxu f'esperjenza kumplessa waħda u l-istess jagħmlu l-kulturi tal-pajjiżi tal-Mediterran fix-xogħlijiet tiegħu.

Nota: Nirringrazzja lil Adrian Grima u lil Leanne Ellul tal-pariri u s-suġġerimenti tagħhom.

Il-Biblijografija

Abulafia, David. *The Great Sea: A Human History of the Mediterranean*. Oxford: Oxford UP, 2011. Stampat.

Azzopardi, Keith. "Il-Kontrapassaport ta' Antoine Cassar." U ta' Malta: Teżi tal-B.A, 2012. Stampata.

Cassar, Antoine. *www.odyssey.pm/*. 8 ta' Mejju 2010. Sit. 11 ta' Jannar 2015.

—. *https://antoinecassar.wordpress.com*. 2011. Blogg. 11 ta' Jannar 2015.

Cassar, Antoine. "L-intervista." "Il-Kontrapassaport ta' Antoine Cassar." Keith Azzopardi. 29 ta' April 2012. Stampata.

—. *Mappa tal-Mediterran*. Malta: Għaqda tal-Malti – Università, 2013. Stampat.

—. *mhuxfisimna.wordpress.com*. 12 ta' Lulju 2013. Blogg. 2 ta' Mejju 2014.

Danticat, Edwidge. "In the Snow." *Words Have No Borders: Student Voices on Immigration, Language and Culture*. California: National Writing Project, 2009. 4-5. Stampat.

Ebejer, Francis. *The Bilingual Writer as Janus*. Malta: Foundation for International Studies, 1989. Stampat.

Ellul, Leanne. "Riflessjonijiet dwar il-Mediterran: Ħarsa mill-Qrib lejn Żewġ Xogħlijiet Letterarji." *Leħen il-Malti*. Edizzjoni 32. Malta: Għaqda tal-Malti – Università, 2013. 116-122. Stampat.

Friggieri, Oliver. *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija*. Malta: P.E.G, 1995. Stampat.

Gruen, Erich S. *Cultural Identity in the Ancient Mediterranean*. California: Getty, 2011. Stampat.

Mark, Joshua J. *www.ancient.eu/knossos/*. 15 ta' Ottubru 2010. Sit. 10 ta' Jannar 2015.

Matvejević, Predrag. *Mediterranean Mediteranski Brevijar*. California: U of California P, 1999. Stampat.

Mendes, Ana Christina. "Artworks, unlike Terrorists, Change Nothing: Salman Rushdie and September 11." Cilano, Cara. *From Solidarity to Schisms: 9/11 and After in Fiction and Film from Outside the US*. Boston: Rodopi, 2009. 93-114. Stampat.

Oakes, Lorna. *Passport to the Past Mesopotamia*. New York: Rosen, 2009. Stampat.

Parada, Carlos and Förlag, Maicar. *www.maicar.com/GML/Pelops1.html*. 1997. Sit. 11 ta' Jannar 2015.

Rapa, Joseph. *http://xewkijaparish.org/*. 6 ta' Frar 2014. Sit. 11 ta' Jannar 2015.

Saydon, Pietru Pawl. *It-Testment il-Ġdid*. Malta: Veritas P, 1992. Stampat.

Scerri, Dorothy. "Il-Mediterran fir-Rumanz u n-Novella Maltija: Il-każ ta' Alfred Sant." U ta' Malta: Teżi tal-M.A., 2011. Stampata.

Il-Kalejdoskopju Poetiku ta' Lillian Sciberras

Olivia Borg

Introduzzjoni

Għalkemm Lillian Sciberras (1946-) ma pproduċietx volum qawwi ta' xogħlijiet letterarji, nistgħu ngħidu li l-pinna u l-leħen tagħha xorta jistħoqqilhom jitpoġġew taħt il-lenti kritika għall-merti lingwistiċi, stilistiċi, emottivi u tematiċi kbar li għandhom. Il-leħen poetiku ta' Sciberras jgħaddi minn żvilupp li jibda mis-snin sebgħin bil-poeżiji li dehru f'*Wara r-Repubblika: Versi* (ippubblikat flimkien ma' Mario Vella) u jasal sa żmienna bil-pubblikazzjoni tal-ġabra poetika *Klessidra*. Huwa evidenti li dan il-leħen, mal-mixja tad-deċennji, jittrasforma l-aggressjoni u t-ton femminista u konfrontattiv tiegħu, f'leħen aktar delikat u armonjuż. Fi kliem Marlene Saliba, poetessa oħra tal-istess ġenerazzjoni, fil-poeżiji miktuba wara l-ġabra *Wara r-Repubblika: Versi* u aktar u aktar f'dawk reċenti, it-ton huwa "aktar kwiet u mhuwiex apertament kritiku."

1. Il-Konfront kontra s-Soċjetà Patrijarkali

Minkejja li l-femminiżmu f'Malta ma nistgħux ngħidu li qabad sew, Lillian Sciberras tipproblematizza l-qagħda tal-mara fis-soċjetà b'mod mill-iktar

dirett. Sciberras tisħaq li l-moviment femminista f'Malta ma kienx "b'saħħtu ħafna żgur." Però tissokta billi tenfasizza:

> Biss biss il-moviment femminista jista' jkun li fil-bidu kien magħmul mill-irġiel iktar milli min-nisa stess, għandi f'moħħi lil Manwel Dimech pereżempju u oħrajn anke meta forsi ħadna l-vot jista' jkun li forsi kien hawn ftit nisa li qegħdin isejħu għalih imma l-biċċa l-kbira naħseb kien *fait accomplit* tal-irġiel fil-Parlament. Però jiena stess kont parti fis-snin sebgħin minn movimenti li konna nqisu ruħna femministi. Kien hemm il-Moviment għall-Emanċipazzjoni tal-Mara pereżempju, li kont attiva fih mhux ħażin [...]. (Borg 14)

Madankollu fid-diskors ta' Sciberras tinħass il-pożizzjoni l-ġdida li ġejja mill-ħeġġa għall-bidla għalkemm xorta tibqa' 'l bogħod mix-xejriet ta' moviment sħiħ għax donnu li fis-soċjetà Maltija jaħkmu l-apatija u l-indifferenza quddiem kull pass li jwassal għal xi forma ta' bidla soċjali (Cutajar 114). Hija l-istess idea li talludi għaliha fil-poeżija 'Iż-Żifna tal-Kadavri' (*Klessidra* 31) meta tirreferi għas-"saħta siekta ta' sekli barranin," frott tal-kolonjaliżmu (Sciberras u Vella 37). Sciberras tħaddem il-ħila artistika tagħha biex issieħeb l-istil mal-argument. Għalhekk, il-funzjoni alliterattiva tal-vers tevoka sens ta' tkarkir għax trid li l-qarrejja jkunu konxji ta' din l-aljenazzjoni li l-effett tagħha ilu jinħass fis-soċjetà għal bosta snin.

> Li tkun mara f'Malta qatt ma kienet ħaġa faċli. Huwa kważi impossibbli li tgħix ta' bniedma sħiħa, u li ssib oħrajn li jipprovaw jagħmlu bħalek jew li għall-anqas jifhmuk. Il-bniedma li ma ssibx lok għall-eżistenza fi ħdan in-normi tradizzjonali tfittex li twarrab jew issib ruħha 'mwarrba mill-kurrent normali tal-ħajja'; waqt li l-limitazzjonijiet imposti fuq is-sesswalità umana f'soċjetà ddominata kif inhi minn ideoloġija u prattika eterosesswali u maċista jweġġgħu u jumiljaw lil min jaħsibha jew jipprattika xort'oħra. (Sciberras, Daħla 21)

Huwa "impossibbli li tgħix ta' bniedma sħiħa" għax għaliha l-mara hija aktar minn dak kollu li twettaq jew minn dak kollu li hu mistenni minnha (Micallef, 'Is-Sensibilità Femminili' xxxii-xxxiii). Sciberras tixxennaq biex tara l-figura femminili meħlusa mir-restrizzjonijiet soċjali u kulturali li jaħbu l-potenzjal

tagħha. Tipproblematizza wkoll il-kunċett tan-"normalità" għax din ukoll hija kostruzzjoni soċjali u ma teżistix normalità oġġettiva għax kull individwu jqis in-normalità bħala xi ħaġa suġġettiva fis-sens li japplikaha għal ħajtu mill-perspettiva individwali tiegħu.

Sciberras tpoġġi quddiemna s-soċjetà Maltija fis-snin sebgħin li fiha l-istat kien il-figura ta' awtorità u jekk l-ideal tal-mara ma kienx ikun konformi man-normi kienet taf li jew twarrab minn jeddha jew eventwalment tisfa' mwarrba. Għalhekk ħafna drabi l-vuċi tagħha jew ma tinstemax jew rari kienet tkun vuċi awtentika għax l-ideoloġija tal-istat kienet tfittex li taħbi l-identità femminili fin-normalità tad-diskors istituzzjonalizzat u soċjalment aċċettabbli. Diskors bħal dan rari kien jinstema' fil-pubbliku jew jidher fil-kotba tal-letteratura iżda f'Sciberras l-attiviżmu u l-aspett letterarju huma minsuġa flimkien.

2. Leħen Kritiku quddiem il-Veritajiet Soċjali tal-Pajjiż

F'"Il-Ballata tal-Ballata' naraw il-mara servili, staġnata f'pożizzjoni waħda u mingħajr ebda ħeġġa biex tqum għad-drittijiet tagħha:

> Għandi żewġi isawwatni
> Kelli ibni daħak bija
> Kelli saħħti ħaduhieli
> Batejt mindu kont tarbija
> (Sciberras u Vella 63)

Il-mara mhux biss hija fqira finanzjarjament imma hija wkoll nieqsa mis-saħħa fiżika riżultat tal-isfruttament. Hija skjava tad-dar u tal-familja fuq il-livell individwali, kolonjali, u tas-soċjetà Maltija fuq il-livell kollettiv; sitwazzjoni mwiegħra li jirrikonoxxiha anke Francis Ebejer meta jgħid "*our women's situation then looked just like another form of colonialism: an inner social colony within a political colony.*"

Però minkejja t-tbatija tal-mara u s-sottomissjoni tagħha għal qawwiet aktar b'saħħithom, f'Sciberras hemm l-għajta tal-protesta:

jew inbus 'l id li titmagħni
jew flimkien man-nisa l-oħra
ngħaqqad ponn f'wiċċ min jerdagħni
(Sciberras u Vella 64)

Sciberras tipprova ġġib lill-qarrejja konxji mill-viżjonijiet kuntrastanti li kienu jeżistu fis-soċjetà dwar il-mara fis-sebgħinijiet. Għalhekk, din tagħha hija kitba sinċiera u realistika, aktar u aktar meta hi stess tisħaq li:

> [...] fis-snin sebgħin kont titkellem pereżempju li n-nisa għandhom ikunu parti mid-dinja tax-xogħol kienu jgħidulek 'imma l-mara m'għandhiex tagħmel xogħol manwali' mentri fil-verità diġà kellna ħafna nisa li jaħdmu fl-għelieqi, ħafna nisa li jballtu l-bjut pereżempju. [...] Mhux qed ngħid li n-nisa għandhom jagħmlu *manual labour* iebes imma qed nipprova ngħid 'isma' ma nkunux ipokriti, diġà kienu jeżistu dawn l-affarijiet. (Borg 290)

Drabi oħra Sciberras tagħtina l-isfond politiku f'pajjiż barrani biex iservi ta' mera għal dak li kien qed iseħħ f'Malta. Il-poeżija 'Lill-Mara Ċilena' hija parallela għall-poeżija 'Il-Ballata tal-Ballata'; l-ambjent oppressiv u l-esplojtazzjoni tal-ħaddiema tal-Amerka t'Isfel kienu komuni wkoll f'Malta. Il-poeżija hija miżgħuda b'waqtiet ċiniċi u sarkastiċi li taħthom jaħbu l-uġigħ tad-dgħajfin:

Ġew is-suldati, it-truppi, il-pulizija:
arresti, biża', torturi u moħqrija –
rigali mingħand l-għonja tal-pajjiż,
is-CIA, u l-borgeżija
(Sciberras u Vella 51)

Il-kuntrast bejn il-klassijiet soċjali joħroġ l-aktar permezz tal-ġustapożizzjonijiet, il-poter *vis-à-vis* il-faqar, il-mogħdrija *vis-à-vis* il-kefrija.

Ħadu magħhom lill-mara twajba
f'kamp tal-konċentrament.
Urewha l-qawwa u l-ħruxija

tal-banek tal-investiment
tal-kapital, tal-militar, u ta' sid l-art
(Sciberras u Vella 52)

F'din il-poeżija mhux talli għandna l-mara li hija nieqsa mill-involviment fl-oqsma pubbliċi imma hija nieqsa wkoll mid-dinjità tagħha bħala bniedma tant li lanqas meta mietet ma ngħatat trattament xieraq. Il-mewt hija l-mezz uniku li bih il-batuti jinħelsu minn din id-dinja inġusta għax "għall-mistrieħ ma' sħabha ġiet midfuna, / mingħajr testment, mingħajr anqas kuruna" (Sciberras u Vella 52). Madankollu, fil-poeżija ta' Sciberras toħroġ it-tama għax waqt li l-forzi tal-Gvern u l-klassi l-għolja huma b'saħħithom f'din id-dinja, fid-dinja l-oħra se jkunu t-"telliefa"[1]. Din il-mara Ċilena, Dolores, li batiet tul ħajjitha kollha, Sciberras timmudellaha fuq ir-rappreżentazzjoni Kattolika tad-Duluri li sofriet fis-skiet u eventwalment kienet igglorifikata u meqjuma.

Temmen li llum il-ġurnata wkoll mhix faċli li tkun mara f'Malta u fil-fehma tagħha l-problemi "Libsu libsa aktar moderna" (Borg 109). Tisħaq fuq id-djalogu u l-koperazzjoni u trid li d-duwalità tissarraf f'kumplimentarjetà u mhux f'dikotomija. Dan taċċenna għalih sa mill-1975 fl-artiklu tagħha 'Women and Maltese Politics' meta tgħid li "*Ultimate emancipation will come by working as partners with men, not separately from them*" (Sciberras, 'Women' 382). Anke llum il-ġurnata, Sciberras tgħid:

> Però naħseb li għadni nemmen li jrid ikun hemm sħubija u naħseb finalment id-djalogu jrid jirbaħ. Jiġifieri li nipprovaw nipproġettaw l-ideat tagħna lin-naħa l-oħra u n-naħa l-oħra nipprovaw nifhmuha aħjar aħna wkoll. (Borg 284)

Huwa ta' fejda li n-nisa u l-irġiel jaffermaw lilhom infushom bħala distinti minn u relatati ma' xulxin. Sciberras temmen fil-kunċetti tradizzjonali tal-maskilità u tal-femminilità iżda biss sa ċertu punt meta tgħid "Naħseb li dak li huwa bażiku li tatna n-natura, dak jibqa' dejjem parti mill-identità però f'termini soċjoloġiċi u anke politiċi naħseb li hemmhekk nistgħu nittraxxendu ..."

1 F'dan is-sens hemm diwi tal-frażi biblika "Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar" (Lq 14: 11) u tas-siltiet mid-diskors tal-muntanja: "Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin" u "Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5: 6, 10).

(Borg 109). Minkejja li tqis lilha nnifisha femminista xorta tisħaq li l-persona tal-mara fil-poeżiji tagħha fil-qofol tagħha tiffoka fuq l-esperjenzi tagħha bħala bniedma: "Ikolli ngħid kont nipprova ngħid u għadni forsi nipprova nenfasizza iktar l-umanità. [...] għax naħseb l-għan tal-femminiżmu hu li l-mara nġibuha bniedma mhux tibqa' biss mara imma parti mill-umanità" (Borg 109).

3. It-Tifkiriet "ħjut tad-deheb"

Minkejja li ħafna drabi f'Sciberras tiddomina l-vuċi ta' mara matura u konxja min-nuqqasijiet tas-soċjetà li tgħix fiha, spiss insibu wkoll ħjiel ċar tal-preżenza tat-tifla fin-nostalġija. Il-poeżija 'Fil-Kaxex tat-Tfulija' (*Klessidra* 34) hija mfawra b'liriċiżmu nostalġiku ħiereġ minn qalb li qed tixxennaq li terġa' lura lejn dan iż-żmien li għadda u ma jerġax jiġi. Huma poeżiji li fihom tirrenja s-serenità mħallta ma' sens qawwi ta' ħelsien. Sciberras timraħ fid-djarju ta' ħajjitha waqt li tfittex f'dawk l-irkejjen li b'xi mod baqgħu stampati fil-memorja tagħha. Tħares lejn l-imgħoddi mill-bogħod u meta tqabblu mal-ħajja adulta bil-problemi u l-preokkupazzjonijiet kollha tagħha, it-tfulija tinħass li hija fażi memorabbli għax magħha ġeneralment norbtu l-innoċenza u n-nuqqas ta' ħsieb.

F'dawn il-poeżiji dwar il-familja, Sciberras tfittex li tiċċelebra s-"snin tad-deheb" ta' familtha li sfortunatament, mal-passaġġ taż-żmien, spiċċat frammentata mill-id tal-mewt li ma taħfirha lil ħadd (Sciberras, 'How I Write'). Huwa evidenti li Sciberras temmen li l-ħajja wara l-mewt għad xi darba tgħaqqadha mal-familjari li m'għadhomx magħha. Kif jidher fl-eleġija 'Versi tal-Fejqan' il-ħajja eterna hija deskritta bħala stat ta' ħelsien mill-weġgħat ta' din id-dinja għaliex b'kuntrast, l-eternità hija "dinja msaħħra" (Sciberras, *Klessidra* 60). Fil-lirika ta' Sciberras "hemm tiftixa għall-emozzjonijiet il-kbar fil-ġesti ż-żgħar" (Grima 23). Paradossalment, hija l-bluha li minkejja li f'dinjitna m'għadx fadlilha siwi għal Sciberras "hemm postha wkoll / għax għoqodna din taf tħoll" (Sciberras, *Klessidra* 66). Preċiżament

> [...] l-iċken waħda fostna
> setgħet tqegħedna kollha f'postna
> għax hi biss, ta' għaxar xhur,

taf bl-imgħoddi w bil-futur,
bil-misteri tas-smewwiet,
u b'tal-ħolqien l-għeġubijiet.
(Sciberras, *Klessidra* 65)

Anke l-ġenna tagħha hija sempliċi għax "ma tidhirx li hi post kbir imdawwal u mimli vuċijiet anġeliċi iżda tikkonsisti minn dik ir-rokna ċkejkna u familjari (il-bitħa) fejn tista' ġġedded l-imħabba kbira u eterna lejn ommha" (Xuereb). F''Tifkira' Sciberras tippreżenta ħajjet il-bniedem bħala ċiklu, u l-mewt bħala ritorn lejn il-bidu, bidu madankollu, mhux daqstant familjari, "triq moħbija" li eżistiet minn dejjem u li aħna, għax limitati fil-fakultajiet loġiċi tagħna ma nintebħux biha; allużjoni għall-idea biblika li trab kont u trab terġa' ssir. Din l-idea ta' ritorn tidher ukoll f''Għal Carmen Marida' li fiha l-poetessa tikkuntenta bil-fatt li l-ġenna tkun tixbah

imqar xi ftit,
dawk il-waqtiet tad-deheb
li għexna fi tfulitna.
(Sciberras, *Klessidra* 103)

Hija l-poetessa li tikkuntenta anke bis-silenzju għaliex taf "li sikwit l-aqwa affarijiet ma jingħadux bil-kliem" (Grima 12). Għaliha, is-silenzju huwa f'loku biex tidħol f'sintonija senswali u fi djalogu spiritwali ma' missierha f''Tifkira II' għaliex qabel kull definizzjoni li jista' jkollha, il-letteratura "hi l-vuċi tal-qalb" (Portelli 30). Din l-idea taċċenna għaliha Sciberras stess, anke jekk b'mod impliċitu, fil-poeżija 'Statistika' meta tistqarr li r-reġistru pubbliku jaf kollox fuq kulħadd iżda ma jagħrafx dak li hu essenzjali għax m'għandux aċċess għal "dak it-tagħrif mistur, maqful / fil-qalb ta' ġewwa" (Sciberras, *Klessidra* 89). Skont Oliver Friggieri, "Hi poeżija ta' tħassib li fiha l-emozzjoni hi mrażżna jew implikata bħala reazzjoni għat-test" (Friggieri, *L-Istorja tal-Poeżija* 124). Imsieħba ma' din l-osservazzjoni tispikka l-enfasi rikorrenti ta' Sciberras fuq l-għajnejn li jingħad li huma t-twieqi tal-qalb f'poeżiji bħal 'Ġieli f'Għajnejk' (2011) li fihom tilmaħ spettru ta' emozzjonijiet bħall-imħabba, id-disprament, il-qilla u l-kurżità:

F'għajnejk ukoll jien smajt il-ħsejjes
ma jiqfux li jgħixu ġewwa fik
jidħaddtu l-ilsien silenzjuż
li tifhem biss widnet ir-ruħ.
(Sciberras, *Klessidra* 105)

Friggieri jemmen li "L-attenzjoni mogħtija lill-irqaqat jew aspetti minsija turi li hi qiegħda tfittex is-sens moħbi taħt l-affarijiet osservati" (Friggieri, *L-Istorja tal-Poeżija* 124). L-attenzjoni għad-dettall li aktarx parzjalment twarrdet mix-xogħol tagħha ta' librara tidher espliċitament f'"Raqdet il-Belt' li fiha Sciberras tiddeskrivi l-attività kontinwa li tikkaratterizza lil San Ġiljan. Iżda meta kulħadd siket u rrenjat is-serenità, hi setgħet tosserva l-kumplessità f'dak li sfortunatament, f'dinja mgħaġġla, sar trivjali. Osservat "xemgħat dejjiema" (il-kwiekeb) u ssaħħret bil-fatt li hemm bilanċ assolut fin-natura, meta din ma tkunx mittiefsa mill-id qerrieda tal-bniedem:

[...] f'xatt il-baħar solitarju
mewġa tellgħet mill-qiegħ arzella
u fi triqitha lura ħadet magħha
ċagħqa għal ġol-fond.
(Sciberras, *Klessidra* 83)

Bla dubju, dan ix-xenarju trankwill li faċilment tivviżwalizzah, flimkien mat-ton riflessiv, iġagħlu lill-qarrejja mhux biss iserrħu l-menti iżda anke japprezzaw is-sabiħ li paradossalment, qiegħed tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minna iżda ma nintebħux bih.

4. Poeżija Responsorjali

Adrian Grima jsostni li l-poeżija hija r-"rispons" tal-poetessa bħala reazzjoni għal dak li tħoss f'qalbha u tara madwarha. Grima jisħaq li bħallikieku l-kliem qed "jissara mal-esperjenzi biex jirrakkontahom, biex joħloqhom" (Grima 12). Dan ir-"rispons" Sciberras tagħtih ukoll fil-kuntest tar-reliġjon Kattolika kollettiva

b'ton ċiniku u kumbattiv fil-poeżija bikrija u b'ton aktar kontemplattiv u personali f'poeżiji aktar reċenti, pereżempju, f'dawk li fihom tilmaħ "dawl divin / mifrux fuq l-eżistenza" (Sciberras, *Klessidra,* 'L-Għafsa ta' Jdejja' 96), f'dawk li fihom tiċċelebra "il-glorja tad-Divin" (*Klessidra,* 'Żewġt Iqniepen' 101) manifestata permezz taċ-ċipressa jew f'dawk li fihom tidħol f'intimità spiritwali ma' familjari li ħallewha.

L-attitudni lejn ir-reliġjon f'Sciberras inbidlet ukoll hekk kif inbidlet il-vuċi tagħha mal-mixja taż-żmien. Il-kitbiet kontemporanji tagħha, aktar milli jaddottaw twemmin devozzjonali tradizzjonali, jintelqu fuq vjaġġ fejn ifittxu tifsira fi ħdan eżistenza ikbar u fi ħdan dinja li għaddejja minn bidliet revoluzzjonarji biex tindirizza argumenti teoretikament kumplessi u soċjalment urġenti fejn it-twemmin popolari qed jitlef mis-saħħa tiegħu. It-trattament poetiku tat-tema reliġjuża huwa eżempju ta' kif is-soċjetà u l-kultura Maltija qed isiru dejjem aktar diversifikati u għalhekk qed jirriflettu identitajiet pluralisti fi żmien meta pajjiżna qed iħabbat wiċċu ma' realtajiet li qed iġibu magħhom sfidi ekonomiċi, politiċi u soċjali ġodda. Tispikka ċ-ċanfira ta' Sciberras f''It-Tnejn Strieħu bħas-Soltu' lejn ir-reliġjon invażiva mħaddna mill-ġirien tal-koppja protagonista li jinteressahom biss mill-fatt jekk kinux verament miżżewġin u "jekk ir-ruħ ta' dik suwiċidata / qattx sa ssib il-mistrieħ" (Sciberras, *Klessidra* 42) fl-eternità. Madankollu, Sciberras tiddeplora dan it-twemmin dommatiku insensittiv u indifferenti li jikkundanna aktar milli jagħder u tfakkarna, bi stqarrija li taqta' fil-laħam il-ħaj, li inizjalment, din ir-ruħ "Kitbet kliem ta' dispjaċir / lejn dinja xejn ħanina" (41). Mill-banda l-oħra, f''Lil Missierna – Bejn Dubju u Mhux' li hija varjazzjoni tat-talba magħrufa, hemm element ta' xettiċiżmu iżda hemm ukoll it-ton konfessjonali li ġej mill-fraġilità umana li paradossalment tammetti quddiem Alla li "mingħajr dik ħarstek fuqna / wisq nibża' ma naslux" (99).

Interessanti l-enfasi ta' Sciberras fuq il-'Ħarifa' definita bħala "staġun ta' trasformazzjoni" (Grima 22), fuq id-"dehra qabel is-sebħ" (Sciberras, *Klessidra* 59), fuq "'kif l-aħħar dawl / tal-jum jispiċċa fil-mudlam" (73) fuq 'Ottubru' u fuq kif taffaxxina ruħha 'Hekk kif tinħass ġol-Arja x-Xitwa' (107). Dawn l-istadji trasformattivi, minnhom infushom jindikaw dinamiċità temporali, l-istess bħall-klessidra, titlu f'waqtu għal din il-ġabra li wkoll fiha poeżiji li jixhdu leħen dinamiku mis-snin bikrija tiegħu sal-lum.

Bħal tifla, Sciberras tilmaħ fil-ħolqien meravilja u kobor bla qies kif għamel il-protagonist fi 'Storja ta' Wieħed Miċħud' (Sciberras u Vella 36). Dan l-eremit "skopra l-għerf / jitgħażżen ġewwa l-mogħdijiet tal-moħħ" (Sciberras, *Klessidra* 36). Skopra dak li kien intrinsikament fih, skopra univers li hu jifforma parti minnu stess u li aħna, sfortunatament, m'għandniex jew ma nsibux ħin napprezzawh. Dawn il-poeżiji, hekk imsejħa "tan-natura" bħal 'Ħarifa' (49), 'Ittra' (52), u 'Għanja tal-Baħar' (74) jiċċelebraw il-burdati tat-temp matul l-erba' staġuni, l-annimali fis-selvaġġ, l-ewwel xita wara s-sajf, il-kwiekeb, l-armonija bejn l-art u s-sema u l-movimenti bla heda tal-baħar. Madankollu, Sciberras ma toqgħodx lura milli ssemma' l-weġgħa tagħha meta tara ambjent naturali meqrud mill-intervent uman u għalhekk fit-'Temp tat-Terremoti' tgħid "Il-bini u dak li fadal min-natura / quddiemi jidhru irreali –" (Sciberras, *Klessidra* 90).

Il-baħar mimli ragħwa u biża' li ħa jmut
jidfen il-ħut u l-ħxejjex tiegħu
u jivvomta l-veleni li tmajnieh
lura lejna, għal fuq ix-xtut.
(*Klessidra* 90)

Inevitabbilment, Sciberras trid iġġibna konxji li anke fil-każ tal-ambjent, dak li niżirgħu, naħsdu. Din ix-xbieha ppersonifikata tal-baħar flimkien mal-alliterazzjoni tal-konsonanti /v/ huma partikolarment interessanti minħabba l-armonija bejn "il-ħoss ta' kull kelma, il-bilanċ tas-sentenza u kif din torbot ma' ta' warajha, mhux biss bħala koerenza testwali, imma anke bħala ritmu" (Zahra 53). B'rabta ma'dan, Philip Pullman isostni "*It's the sound and the taste of words that give them their savour as much as what they mean.*" L-idea jaċċenna għaliha wkoll Bernard Micallef meta jgħid li "Il-poeżija hi għażla ta' kliem qabel ma hi arranġament tiegħu" (*Mizzi* 164).

Fl-opinjoni tal-poetessa, hemm bżonn ta' ħafna tibdil fl-attitudni u fl-imġiba tagħna għax il-konsegwenzi tal-qerda tal-ambjent ma jġorrhomx biss min iħarbat. Hekk ġralha Benduwa n-Naxxarija f''Iltiema,' li qalbha tbattlet:

mit-tifsira ta' ħajjitha
għax ma tifhimx kif jista' jkun
li l-art tinqered mingħajr ħniena
waqt li l-bnedmin u l-bhejjem
isiru ltiema.
(*Klessidra* 85)

Sciberras tipprotesta kontra l-kilba għall-profitti li tiġġenera l-ispekulazzjoni tal-art li teqred kulma ssib quddiemha f'isem dak li jissejjaħ żvilupp. B'nuqqas ta' rispett, l-iżviluppaturi ħarsu lejn l-art li mhix mibnija bħala art żdingata mxennqa għal ftit konkos. Kull meta ndawru wiċċna quddiem din il-qerda – jew agħar minn hekk, ikun hemm min jipprova jiġġustifika l-qerda – ikun kompliċi ma' dak li qiegħed isir. Il-qerda tal-art mhix ġustifikabbli mill-impjiegi li din tiġġenera. Il-kejl ekonomiku mhuwiex riga li neċessarjament tkejjel il-progress.

Bħall-magni ta' fejn jaħdem,
joħloq dik il-kwota ġid għal sidien
li qatt ma jara,
jikkonsma fil-gazzetti
l-aħbarijiet tal-jum,
u kif jasal lura d-dar
jagħmel il-kontijiet
ta' paga fuq id-dieta.
(*Klessidra* 55)

Huwa dak il-poplu aljenat sal-punt li ma jintebaħx bil-gravità ta' azzjonitu; sfruttat mill-Kapitalisti u msakkar f'ġisem robotizzat imxennaq għat-trankwillità li aktarx ma jsibha qatt.

Konklużjoni: Letteratura Esploratriċi

Oliver Friggieri hu tal-fehma li t-ton ta' Sciberras "hu sikwit it-ton tad-djarjista li jirreġistra realtajiet li minnhom għandha tingħasar riflessjoni" (*L-Istorja*

tal-Poeżija 124). Dan it-ton jilħaq il-qofol tiegħu fil-viżjoni eżistenzjalista li tikkaratterizza l-kitbiet l-aktar reċenti ta' Sciberras. Fi ħdan din il-viżjoni, il-bniedem anzjuż jidher fl-awtentiċità kollha tiegħu proprju għaliex jagħraf l-istat, spiss imsejken, tiegħu jew għax ma jibżax jiġi wiċċ imb wiċċ mal-paradossi li jsawruh (Micallef, *Mizzi* 156). Fl-aħħar mill-aħħar, l-ansjetà minnha nnifisha hija magħġuna f'paradoss għaliex hija evidenza ta' essri li jgħix għax ibati iżda daqstant ieħor hija wkoll evidenza tal-problematika tal-għajxien (157).

Għalhekk, dawn ta' Sciberras huma poeżiji li jolqtuna għaliex fihom nistgħu nisiltu spunt għal ħajjitna. Madankollu, għalkemm m'hemmx dubju li l-letteratura għandha rwol soċjali, ma jfissirx li qiegħda hemm biex toffrilna s-soluzzjonijiet u lanqas hija xi riga moralistika. Ifisser li qiegħda hemm biex tqanqalna billi theżżilna l-konfini tal-moralità u tnebbaħna li "l-unika ċertezza hi d-dubju" (Portelli 29). Essenzjalment, il-letteratura hija esploratriċi għax tesprimi "t-tiftix dejjiem tal-umanità" (Callus), kif jistqarr preċiżament Friggieri fil-poeżija magħrufa 'Jekk' meta jgħid li

> Il-ħajja mistqosija
> miġbura f'elf għaliex,
> u ssirlek poeżija
> jekk int ma tweġibhiex.
> (*Il-Poeżija Maltija* 399)

Il-Biblijografija

Borg, Olivia. "Intervista ma' Lillian Sciberras." 22 ta' Ġunju 2009 f'Borg, Olivia, "Minn Mary Meylak sa Simone Inguanez: Identitajiet u Perspettivi." Teżi tal-M.A., U ta' Malta, 2010. Stampata.

Callus, Ivan. Erasure. ~~BOOK~~. By Raphael Vella. Malta: Interprint, 2003. Stampat.

Cutajar, JosAnn. "The Cultural Construction of Femininity. Women's Magazines and Maltese Women." *Beyond Schooling: Adult Education in Malta*. Ed. Godfrey Baldacchino and Peter Mayo. Malta: Mireva, 1997. 111-28. Stampat.

Ebejer, Francis. *The Bilingual Writer (Mediterranean-Maltese and English) as Janus*. Malta: Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali, 1989. Stampat.

Fox, Geoff. "Authorgraph No.102: Philip Pullman." *Books for Keeps*. Internet. 26.12.14.

Friggieri, Oliver, ed. *Il-Poeżija Maltija*. Malta: Malta UP, 1996. Stampat.

—. *L-Istorja tal-Poeżija Maltija*. Malta: PIN, Kullana Kulturali, nru. 29, 2001. Stampat.

Grima, Adrian. Kaxex Umdi tat-Tfulija. *Klessidra,* ta' Lillian Sciberras. Malta: Horizons, 2014. 11-28. Stampat.

Micallef, Bernard. *Achille Mizzi: Studji.* Malta: Colour Image, 1996. Stampat.

—. Is-Sensibilità Femminili bħala Djalogu mal-Ieħor. *Iżda Mhux Biss.* Ta' Maria Grech Ganado. Malta: Printwell, 1999. vii-xxxvii. Stampat.

Portelli, Terence. X'Inhi l-Letteratura (jew kważi). *Il-Qari tal-Letteratura: Bejn Esperjenza u Kritika.* Ed. Terence Portelli. Malta: Allied, 2009. Stampat.

Saliba, Marlene. "Where the rivers of cessation and renewal meet." *Maltatoday.* 29 ta' Ġunju 2014. Internet. 26.12.14.

Sciberras, Lillian. Daħla. *Wara r-Repubblika: Versi* ta' Lillian Sciberras u Mario Vella. Malta: Stamperija tal-U, 1979. Stampat.

—. "How I write." *The Malta Independent.* 7 ta' Frar 2010. Internet. 26.12.14.

—. *Klessidra: Versi taż-Żmien Maħrub.* Malta: Horizons, 2014. Stampat.

—. Women and Maltese Politics. *The Malta Year Book 1975.* Ed. Hilary A. Clews. Malta: De La Salle Brothers, 1975. 372-83. Stampat.

Sciberras, Lillian u Vella, Mario. *Wara r-Repubblika: Versi.* Malta: Stamperija tal-U, 1979. Stampat.

Xuereb, Paul. "Times past and life to come." *The Sunday Times.* 29 ta' Ġunju 2014. Internet 26.12.14.

Żahra, Trevor. *Il-Kitba Kreattiva.* Malta: Merlin Library, 2007. Stampat.

Id-Dimensjoni Tematika fil-Poeżiji ta' Carmel Attard: Riflessjonijiet

Patrick Sammut

Introduzzjoni

Is-sena 2014 fakkret l-għoxrin sena mill-mewt ta' poeta modern ewlieni: Carmel Attard. Biex ifakkar lil dan il-kittieb u poeta prolifiku imma kważi minsi, Paul P. Borg, wara snin twal ta' riċerka, organizzazzjoni u kitba ħareġ il-ktieb ... *maqful fil-ħabs ta' ġbini – Il-Poeta tat-Tbatija Carmel Attard.* F'dan il-ktieb massiv insibu ġabra ta' bejn wieħed u ieħor 250 poeżija, esklużi l-ħajku li nsibu fl-aħħar. Huma poeżiji li nkitbu fis-snin 60 (12-il poeżija), is-snin 70 (74), is-snin 80 (101) u s-snin 90 (61). Kronoloġikament, l-ewwel poeżija hi 'Ave Maria' (Mejju 1960), u l-aħħar waħda hi poeżija bla isem li tibda bil-vers "Nixtieq intik bewsa ..." (11-12 ta' Diċembru 1994), ftit qabel ma Carmel Attard ħalliena. Mela dawn il-poeżiji jkopru medda ta' aktar minn tletin sena.

1. It-Tema tat-Twemmin

Fil-poeżiji tiegħu Carmel Attard jittratta varjetà ta' temi. Tema li tispikka hija dik tat-twemmin. Din it-tema tibqa' kostanti f'Carmel Attard matul ħajtu kollha, minkejja, u anke f'rabta, mat-tbatija li ġarrab. L-ewwel poeżija hija ddedikata lill-Madonna, bl-isem ta' 'Ave Maria' u tieħu l-forma ta' talba u tintrabat max-

xahar ta' Mejju. Poeżiji bħal 'Qalb il-Bniedem' u 'Waqfien' huma turija li d-djalogu mal-Mulej kien spiss u fi mkejjen differenti. F''Jien Mhux bħall-Bqija,' kontra "l-ħażin ta' żmienna" Attard ipoġġi "l-imħabba bla tmiem" ta' Alla. F''Marana-ta' naqraw dwar l-għarfien tal-qawmien mill-mewt, mifhuma wkoll bħala l-waqt tal-ħaqq għall-bniedem. Kristu hawn huwa mifhum bħala dawl, eżatt wara l-mewt tal-ġisem. Attard jifhem id-differenza bejn il-liġijiet t'Alla li jfissru ħelsien lill-bniedem, u l-liġijiet tal-bnedmin li qegħdin hemm biex ixekkluh. Bla tlaqliq u b'kuraġġ kbir Attard jikteb li Kristu jagħmel il-veri qaddisin miż-żibel.

It-twemmin li jaf lilna bħala poplu sa minn żmien il-preistorja, l-influwenza li minn dejjem kellhom fuqna elementi bħax-xemx u r-riħ, is-sens imgħoddi glorjuż u preżent imniegħes, kollha joħorġu f''Imbagħad ir-Riħ', fejn l-istorja tal-gżejjer Maltin issir ħaġa waħda ma' dik personali tal-poeta. Poeżija-talba li tiegħu l-għamla ta' salm ta' ħajr hija 'Grazzi Kbira lil Alla Tiegħi': huma versi li nkitbu fi żmien it-terremot tal-1972 u għalhekk jintrabtu ma' sitwazzjoni partikolari. F''Ġimgħa Kbira Oħra' naqraw dikjarazzjoni ta' min għex ħajja ta' tbatija: "... u l-Ġimgħa l-Kbira tiegħi ... / m'hemmx li tintemm." Tinħass min-naħa ta' Carmel Attard l-aċċettazzjoni ta' dan id-destin li jorbot flimkien il-poeta ma' Kristu.

Kristu jista' jkun l-"int" li Attard jiddjaloga miegħu fi 'Tlaħħamna.' L-"int'" hawn faċilment jista' jkun ukoll il-"jien" imweġġa' tal-poeta nnifsu. Dan il-"jien" imweġġa' jintrabat mal-għarfien tal-marda li ħakmitu u l-għarfien li ma jistax jaħrab minnha kemm f''Għal Darb'Oħra' kif ukoll f''Marda tal-Mewt.' Fl-istess ħin il-Mulej huwa "Inti li int l-istess ċertezza" f''Indeċiżjoni', poeżija oħra li tiegħu l-għamla ta' talba jew salm. Fil-poeżija 'Minn fuq Salibi' hemm ukoll ix-xewqa li xi darba l-poeta jerġa' jakkwista kontroll fuqu nnifsu: "Ġurnata nerġa' nikseb lura 'l moħħi / u 'l ġismi ... xi darba ... ." Din il-marda hija stat eżistenzjali li ħakem lill-poeta sa minn tfulitu, kif jikteb f''Bikja Mbikkma' (tal-1978): "biki li bikkimni / mindu għalaqt tmien snin."

L-indirizz lill-Mulej naqraw dwaru f''Int ma Tinsa lil Ħadd,' poeżija li tfakkar f'kapitlu 25 tal-Evanġelju ta' San Mattew:

> L-imġewwaħ forsi jaħseb li nsejt tisimgħu.
> L-għatxan forsi jaħseb li int insejt tagħtih jixrob.
> L-għarwien forsi jaħseb li int insejt tlibbsu.
> Min hu marid jew fil-ħabs
> Forsi tilef it-tama fik.

Il-figura ta'Kristu u t-tieni miġja tiegħu fid-dinja hija ttrattata f''Inkarnazzjoni'. Carmel Attard jirreferi għal Martin Luther King, Gandhi u oħrajn li ġew u tkellmu dwar il-paċi, f'dinja fejn il-bniedem jerġa' jiċħad lil Kristu għal darb'oħra minħabba l-gwerer:

Ma nafx min se jwelldu
fis-soċjetà permissiva;
forsi flok Lhudija
din id-darba tkun
xi Palestinjana – u twelldu
ġo xi kamp fid-deżert
qalb skieken u bajjunetti.

2. Tiġrib il-Ħajja

Tema oħra hija dik ta' tiġrib il-ħajja, b'rabta mat-tema eżistenzjalista u dik tal-"jien." Dwar il-"jien" (li jfakkar fir-rumanz *Uno, Nessuno e Centomila* ta' Luigi Pirandello), Attard jikteb f''Xejn':

Forsi niswa elf
jew forsi niswa mija,
forsi ma niswa xejn!

L-għarfien li xi darba jew oħra jrid jaffaċċja l-mewt huwa b'saħħtu, sa mis-snin 60. Dan jesprimih fil-poeżija 'Lapida fuq Qabri' fejn il-poeta jsib faraġ fil-ħbiberija tal-ftit u huwa konxju li hu waħdu u bla familja, dik ix-xi ħaġa li minn dejjem xtaq. Il-mewt bħala motiv naqraw dwarha anke f''Tal-Wieħed u Nofs' jew 'Qabel Nagħlaq Għajnejja.'

Il-"jien" narawh f'taqbida ġewwiena waqt "lejl iswed" li matulu l-poeta jisma' biki f'rabta ma' 'mostru' li ħareġ "minn ġuf l-omm li ħadet it-Thalidomide / u wellditu bla jdejn u bla saqajn!" Attard jirrifletti tema soċjali li tintrabat mas-snin 60: jikteb dwar il-medikazzjoni li fuq naħa timmanka u tiddeforma lil min għadu ma twelidx, u fuq l-oħra li sserraħ "mit-toqla" tal-ħsibijiet. Dan is-sens ta' toqol jerġa' f''Tifsir' fejn il-poeta jikteb:

Jinfetħu t-twieqi ta' ħajjitna
fuq il-merħla tal-Umanità
tħaffef lejn il-futur inċert
minn bieb idjaq minn żgħożitna
li għaddejna għajjiena minnha.

Minkejja dan ma tonqosx it-tama ssimbolizzata mid-"dawl għammiexi." Din it-toqla ġejja mill-fatt li l-poeta jagħraf li ma jistax jifhem kollox, fosthom qalb il-bniedem f'"Qalb il-Bniedem.'

Il-versi intimi u konfessjonali jidhru wkoll f'"Meta Nitbiegħed Minnek'; mela fil-kitba hemm proċess ta' tisfija. Hawn il-poeta jindirizza lil xi ħadd fil-qrib, jew jista' qiegħed fi djalogu miegħu nnifsu. Il-versi bħala qrara u kixfa tal-"jien" jinsabu wkoll f'"Bikja Mbikkma' fejn naqraw:

Bosta drabi xtaqt nibki bikja kbira!
Bosta drabi xtaqt ngħajjat għajta tal-waħx!
Iżda l-biki u l-għajjat
baqgħu ġo qalbi u moħħi
biex iħottuhom biċċa biċċa
u jagħmlu minni persuna mbiċċra.

3. Il-Mewt

Il-mewt hija tema oħra rikurrenti fil-versi ta' Attard. F'"Imbagħad il-Ħajja' l-poeta jurina li hemm il-mewt fil-ħajja (taħt il-forma tad-diffikultajiet li taf toffri) u l-ħajja fil-mewt (mifhuma bħala qawmien għal ħajja aħjar). Il-mewt tintrabat ukoll ma' stat ta' tbatija li ġibnieh fuqna aħna stess, ladarba l-bniedem stess ħalaq "l-għamajjar li qerduna." Hekk jikteb f'"L-Għelejjel':

Aħna ma narawx it-tmiem tal-ħolma;
għad jirnexxilna biss noħolmu biha
iżda s-sehem tagħna hu ta' hemm u niket,
sehem il-mewt li toftomna min-natura

li għamel Alla u li għamilna aħna.
Aħna wettaqna pjan li mhuwiex tagħna
meta bnejna l-għamajjar li qerduna.

Jinħass sewwa t-ton apokalittiku f'dawn il-versi li jġorru piż kbir. L-"aħna" hawn hija l-umanità li għamlet ċerti għażliet u issa qed taħsad il-konsegwenzi xejn sbieħ. Il-mewt tintrabat mal-istaġun tal-ħarifa, imma anke ma' stat eżistenzjali partikolari f'"Nar.' Kontra dan hemm l-istaġun tar-rebbiegħa – bin-natura fl-aqwa tagħha – kif jidher f'"Mal-Wasla tar-Rebbiegħa': dan hu staġun li jġib imħabba ġdida li terġa' tagħti s-saħħa lill-poeta.

4. L-Istennija u s-Suwiċidju

It-tema tal-mewt tintrabat ukoll mal-istennija ta' dak li hu inevitabbli, max-xewqa li l-poeta jsir "immutabbli" u jikseb adolexxenza dejjiema f'"Adolexxenza Dejjiema'. Hawn diġà hija mħabbra t-tema tas-suwiċidju. Dan bħal jerġa' jissemma indirettament fil-poeżija 'In-Nies u Jien,' fejn wara li jesprimi t-tbatija li minnha għaddietu s-soċjetà għax poeta, jikteb "ma nafx intemmx bis-sliem irġuliti." L-istess ħsieb jerġa' jesprimih f'"Milied ta' Ruħ Mifruda,' fejn proprju f'dan il-jum il-poeta li hu nieqes mill-imħabba jħossu ddisprat u b'hekk jikteb:

bla mħabba,
ma nafx jekk niġġenninx
għax nitlef moħħi,
ma nafx jekk intemmx
ħajti ħesrem!

Kemm tesprimi wġigħ dik l-interjezzjoni finali! L-istennija tal-mewt hi b'saħħitha f'poeżiji bħal 'L-Aħħar Post' u 'Jum ix-Xemx'; hawn però l-istennija tintrabat ma' għada fejn hemm il-kwiet, is-safa, il-ferħ, il-briju u l-festa, f'kuntrast mal-preżent fejn jaħkmu l-mewt u n-nixfa. Is-suwiċidju jissemma b'ismu f'"Dan Lejl Ideali għas-Suwiċidju' tal-1980. Jista' jkun li jikteb dwaru wkoll f' 'Nistenna' fil-versi:

nistenna ... il-ftuħ tal-aħħar att
li ma jispiċċa
qatt u qatt.

Ix-xewqa għall-mewt bħala ħelsien mill-martirju (ta'tletin sena sħaħ) jesprimiha f'"Martirju': "Qarribli l-mewt, Mulejja." Jerġa' jikteb dwar dan fl-1990 fil-poeżija 'Tiġrif' fejn jara l-mewt bħala mistrieħ mill-"agunija mġebbda" u b'hekk jixtieq "mewt bikrija."

Dan is-sens tat-"tmiem riesaq lejja" ('Daħq u Bluha') huwa motiv b'saħħtu fil-versi tad-disgħinijiet. Jinħass ukoll fil-poeżija qasira 'Il-Bidu tat-Tmiem,' fejn jikteb, "meta nħoss is-sejħa eterna, / ikun wasal il-bidu tat-tmiem." F'"Nobogħdok' jinħass ċertu nervożiżmu, ċertu sens ta' urġenza u anke ċertu fataliżmu: Attard jobgħod l-għada għax diġà jħoss fih x'se jġib miegħu dan il-ġejjieni. Min jaqra l-poeżiji tal-aħħar jimmaġina bħal klessidra fejn ir-ramel qed jiżloq b'ħeffa u ż-żmien jgħaddi malajr. Jinħass li t-tmiem hu qrib. Hekk jikteb f'"Ma Fadalx Żmien':

Ma fadalx żmien
biex ninseġ libsa bajda
jew ninxteħet f'riġlejk
nitgħallem għanja ġdida.
Ma fadalx żmien.

Din il-poeżija kienet aktarx miktuba lejn tmiem l-1994.

5. L-Imħabba

L-imħabba hija tema oħra rikorrenti. 'Jien ma Nsejtekx' hija ddedikata lil Helen Zammit, u fiha l-imħabba tinftiehem bħala sħana: "x-xemx tal-univers, / ta' qalbi u ta' moħħi." L-imħabba hija mifhuma bħala forza li ġġedded, mela bħala ħajja mhux mewt f'"Tnissija u Mogħdrija':

kull meta nħobbu
nerġgħu nitwieldu mill-ġdid.

Din l-imħabba li bellhitna
ma tafx toqtol
iżda hija żerriegħa
ta' fjuri u ħdura
li tgħix bin-natura.

Fuq naħa oħra l-imħabba tinftiehem bħala delużjoni f'"Lil Tfajla li ma Tħobbnix.' Hija "dik l-imħabba kiesħa / f'mixja ta' dinja silġ" li jikteb dwarha f'"Jien Mhux bħall-Bqija.' Anke 'L-Innominata' hija għanja lit-"telfa tal-imħabba"; jinħassu fil-poeżija distanza affettiva u temporali li tifred lill-poeta mill-persuna li ħabb jew li ġibdet b'qawwa kbira l-attenzjoni tiegħu, filwaqt li ma jifdal xejn ħlief uġigħ u xewqa li mhix se tinqata'. Għall-inqas din l-esperjenza sservi biex il-poeta jinħakem mill-muża:

Ja tfajla sbejħa
li jien ma nafx x'jismek
kun int il-Beatrice li ssaħħarni
biex nikteb
bħalma jien qatt ktibt qabel ...

Aktar tard, fi 'Ndiema' Attard jikteb li ma jemminx b'vendetta ladarba bħala poeta huwa ħlejqa li tħobb:

jagħtini li nitlob fuqek jonfħu
l-irwiefen tas-saħta,
iżda wara fis
jisgħobbija w nindem
u noħlom aħdar mill-ġdid.

'Tfajla Insieni' tfakkar fi 'Tfajla Toħlomx' ta' Rużar Briffa (li għalih Attard jirreferi direttament) u hija wkoll dwar l-imħabba. Naqraw li l-ikbar imħabba hi dik ta' min lest li joqtol l-imħabba li hemm fih biex ma jagħmilx deni lil ħaddieħor li jħobb ladarba jaf li "tiegħi mhedda / mill-istallett u d-daqqiet kiefra tiegħu." Il-poeżija ta' Briffa b'xi mod tintrabat ukoll ma "Imħabbitna' fejn Carmel Attard jikteb lill-maħbuba:

aqsam miegħi tfajla ħelwa
dik l-imħabba li tifnik
biex imħabbti ta' poeta
tifdi 'l ħajtek u thennik.

Imbagħad fi 'Preludju' l-poeta jurina li hu konxju li f'kull relazzjoni ta' mħabba hemm "preludju ta' diqa."

Flimkien mal-imħabba hemm ukoll it-tema tal-ħbiberija. 'Ħabib Tassew' huma versi li jġagħluk tistaqsi: x'inhi l-ħbiberija vera? It-tweġiba hi dik meta tnejn jifhmu verament minn fejn joriġinaw il-biki u l-ferħ.

6. Il-Poetika

Il-poetika hija tema oħra li jittratta Carmel Attard li jara lill-poeta bħala dak li ġie msejjaħ biex permezz ta' vrusu "jibbalzma ħsiebu" ('Ma Nafx'), u dak li:

[i]reddnilna f'widnejna
is-seħer tal-kliem
ġo moħħna għajjien
('Leħnek Abjad Ħiemed,' iddedikata lil Patri Marjanu Vella).

F''Lil Tfajla li ma Tħobbnix' jikteb: "Kliemek m'għandux mill-qawwa ta' vrusi." F''Lill-Poeta Louis Briffa' jikteb: "Għax ħakmek seħer il-għana / għaliex bih dak moħħok stagħna." Il-poeżija tgħolli lill-bniedem 'il fuq mit-tajn u l-medjokrità. Din it-tema nerġgħu naqraw dwarha f''Idfnuni f'Miżbla' fejn Attard jagħraf li hu bniedem u poeta li ġġieled favur id-dgħajjef. Hekk f''Qabel Kollox Jien Poeta' jikteb:

jien poeta nofsu mbikkem.
Jien poeta tar-ruħ imsejkna tiegħi
u poeta tal-imġarrbin ħuti.

L-istess ħsieb naqrawh f'"L-Ingannati': "bħali tħoss u bħali tagħder / lil min tara fil-moħqrija."

Intant waqt li huwa ħaj, Attard jammetti li huma l-imħabba u l-poeżija li jagħtuh ħajja bħala żagħżugħ ('Kont Għaddej Waħdi'). L-idea li l-poeżija u l-imħabba huma żewġ aspetti li jimlew qalb il-poeta jikteb dwarha fil-poeżija bla isem datata 3/9/1975, fil-versi:

Kemm hija vojta qalbi mingħajr kitba
mingħajr seħer il-kliem li jnissel fija
xewqa li nħobb u li ninħabb dar'oħra!

Huwa hawn ukoll fejn Attard jammetti li l-ħarifa terġa' tqajjem fih "seħer il-poeżija u il-kitba," wara s-saħta li jġib miegħu s-sajf, mifhum bħala staġun "moħli" u għażżien. Lill-poeżija hawn jindirizzaha bħala:

bint l-allat
ja duwa dejjem ġdida tal-moħħ
u tal-qlub morda.

Anke hawn l-idea tal-poeżija bħala terapija. Ftit iktar 'l isfel jikteb: "O tama mqaddsa inti t-tifla / setgħana tal-poeżija." Mela poeżija u tama huma relatati. U dan f'kuntrast maż-żmien iebes li għex fih u li qed ngħixu fih, "O Era tagħna, kif marradtna b'moħħna!" Minkejja dan, Attard jerġa' jikteb:

U jien ukoll għannejt it-tama ħelwa
u qed nerġa' ngħanniha għaliex nemmen
li ser noħorġu isbaħ fit-taqtigħa.

Il-poeżija sservi wkoll biex il-poeti jfarrġu u jhennu lil xulxin bħal kif jagħmel Attard f'"Bħal David (Lil ħabibi Mario F. Bezzina).'

Il-poeżija mhix marbuta biss mal-imħabba imma anke mal-mewt. Fil-poeżija 'Tama' Attard jara fil-mewt bħala riskatt u ġustizzja favur il-poeta. Infatti jikteb hekk:

La tħabbel rasek xejn [...]
jekk leħnek
jaqa' fuq widnejn torox;
emmen biss li jum ġdid
għad iżernaq;
imbagħad it-trab ta' fdalek
jinfed 'il ruħhom.

Waħda mill-isbaħ poeżiji fil-ġabra preżenti hija 'Lil Achille l-Kbir', versi miktubin minn poeta għal poeta ieħor, Achille Mizzi, minkejja li mhux imsemmi direttament. Fiha jispikkaw ritmu partikolari u anke l-aspett udittiv permezz ta' mekkaniżmi bħall-alliterazzjonijiet u r-rimi, imma anke kliem meħud mir-reġistru lessikali għal qalb Achille Mizzi stess bħal "jixwik," "mikwija," "arpa," u oħrajn. Il-poeżija li tinstema' – permezz ta' alliterazzjonijiet u rimi differenti, rifless ta' eku li jirbombja ġewwa l-poeta – tinħass sewwa fil-poeżiji qosra miktubin fit-2 ta' Marzu 1985 (Carmel Attard kiteb disgħa minnhom f'jum wieħed), bl-isem ta' 'Xenqa,' '(Xenqiet),' 'Jum Wara Jum,' 'Tħoss,' 'Xofftejn,' u 'Qatt Aktar.' Alliterazzjonijiet u hawn isiru ħaġa waħda ma' espressjoni ta' ħsus ġewwiena.

7. It-Tema Soċjali

Tema oħra hija dik soċjali. L-isfond soċjali tas-snin 60 jispikka f''Rieq ma' Wiċċek,' fejn jirreferi għall-perjodu tal-kwistjoni politikoreliġjuża u jikteb bla kantunieri dwar

rieq nieżel ħiemed ma' wiċċ Malta qadima.
rieq li jnaddafha mil-ħmieġ tal-ipokrisija
u ta' Reliġjon u ta' odju u mibegħda
ta' Reliġjon bla Kristu tassew.

L-ipokrisija bħala pjaga soċjali terġa' tissemma f''Tassew Milied bla Kewkba': hawn Attard jirrifletti dwar il-maskra li nilbsu matul il-Milied sena wara sena. Jasal biex isostni li wara d-dawl hemm id-dlam u wara dik li tidher ħbiberija hemm biss bruda.

F'"Antropoċentriżmu' Attard jistaqsi jekk hux veru li l-bniedem fid-dinja hu daqshekk essenzjali. Jew forsi d-dinja tkun aħjar mingħajru? Ħsieb simili jinsab f'"Satellita' fejn Attard jikteb dwar il-ġenn fid-dinja ("lanqas ir-radju ma nazzarda nixgħel / meta dan l-infern ma nifilħux aktar") u dwar l-apokalissi, mifhuma bħala evoluzzjoni jew "xitla ser twarrad [...] univers ta' fjuri." Hawn Attard jistaqsi: hemm bżonn ta'katakliżma biex il-bniedem jevolvi għall-aħjar?

Versi b'saħħithom li jesprimu għadab kbir kontra poplu li jwarrab lil min hu marid huma 'Lill-Poplu Malti.' Versi-denunċja kontra l-magna tal-poter huma 'Papri, Sriedaq, Flieles u Skrivan'; din hi poeżija li tfakkar f'*Animal Farm* ta' George Orwell.

8. It-Tema Ambjentali

It-tema ambjentali tinħass sew fil-poeżija 'Mellieħa' li minkejja li jikteb dwar il-bini li ġab miegħu l-progress, hija espressjoni ta' waqt ta' hena. L-ambjent naturali bħala t-tluq u l-Maltin bħala l-wasla naqraw dwarhom f''Pajjiżi' fejn Attard iqiegħed lil Malta taħt il-lenti biex joħroġ b'deskrizzjoni kirurġika ta' pajjiż u poplu maħkumin minn dikotomija:

Għoljiet
u widien
sema
u baħar
anġli
w demonji
u ċittadini
li għandhom mit-tnejn.

Apparti dan, il-poeżija ambjentali tinħass ukoll kull fejn Carmel Attard jikteb dwar l-iktar element naturali għal qalbu: il-baħar.

Huma wkoll interessanti l-poeżiji fejn Carmel Attard jorbot il-poeżija mal-mużika u juri l-apprezzament tiegħu ta' xogħol il-mużiċist. Dan narawh fi 'Pjanista' jew f''Is-Seħer tan-Nota', it-tnejn miktubin fl-1983 fil-Pegasus Bar.

Dawn huma wkoll versi li jirriflettu x-xena mużikali f'Malta f'nofs is-snin 80 meta kienu jaħkmu l-mużika *rock* u *pop*. Il-mużika terġa' tissemma f'"L-Għanja tal-Vjolin' fejn Attard iqabbel in-noti mużikali ma' friefet: "In-noti ħelwa tal-vjolin jimlew is-sala / u jpoġġu fuq widnejja bħal friefet ħfief." Hemm ukoll poeżiji fejn Carmel Attard jikteb dwar ir-rabta tal-poeżija mal-pittura, bħal 'Għajnejk Iroddu Kliem ta' Ġmiel' u 'Hena Ġdid', it-tnejn iddedikati lill-artist Lawrence Attard u miktubin fl-1 ta' Mejju 1985. Kemm il-poeżija u l-pittura jintrabtu ma' lwien, ħolm, u sens qawwi ta' osservazzjoni.

Konklużjoni

Il-parti l-kbira tal-versi ta' Carmel Attard huma datati u b'hekk jinftiehmu wkoll bħala djarju intimu – nieqes minn kull inibizzjoni – ta' dak li l-poeta ġarrab fl-ispirtu, fil-ġisem u fil-ħsieb matul medda ta' iktar minn tletin sena. Huma dokument ħaj ta' waqtiet kemm sbieħ kif ukoll koroh, waqtiet li matulhom il-poeta drabi jħossu sodisfatt u hieni, drabi oħra jinħakem minn disperazzjoni, uġigħ, u ġieli rabja wkoll. F'dawn il-poeżiji inediti naraw lil Carmel Attard bħala l-osservatur akut, silenzjuż, li joħroġ dak kollu li jseħħ fil-ħajja ta' kuljum permezz tal-versi tiegħu. Huwa l-bniedem-poeta li jinsab bejn l-estremi, li fl-aħħar mill-aħħar jagħmlu lil kull bniedem: fuq naħa l-ġibdiet tal-ġisem u bżonnijiet li jgħaddu, u fuq l-oħra d-djalogu ma' Alla u l-għarfien li hemm il-mewt u t-tmiem tal-gost u tat-tbatija. Il-poeżiji li nsibu f' ... *maqful fil-ħabs ta' ġbini* ... ifakkru wkoll li filwaqt li spiss Carmel Attard esprima mhux biss it-tbatijiet tiegħu imma fuq kollox it-tbatijiet ta' umanità sħiħa, spiss inħass ukoll dak li kien jistqarr anke fil-proża: is-sens li bħala poeta u għalhekk bħala bniedem sensittiv, huwa mhux wieħed minn dawk ta' madwaru u lanqas bħalhom. Fuq kollox il-poeżiji inediti li hemm miġburin fl-aħħar parti ta' ... *maqful fil-ħabs ta' ġbini* ... ta' Paul P. Borg ikomplu jsaħħu d-definizzjoni ta' dan il-poeta minsi li fl-2014 għalaq 20 sena nieqes.

Il-Biblijografija

Borg, Paul P. ... *maqful fil-ħabs ta' ġbini ... It-Poeta tat-Tbatija Carmel Attard*. Malta: Horizons, 2014. Stampat.

Briffa, Rużar. "Tfajla Toħlomx." *Rużar Briffa: Il-Poeżiji Miġbura*. Ed. Oliver Friggieri. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1983. 28. Stampat.

Orwell, George. *Animal Farm*. London: Everyman's Library, 1993. Stampat.

Pirandello, Luigi. *Uno, Nessumo e centomila*. 4th ed. Milan: Garzanti, 2002. Stampat.

It-Testment il-Ġdid. Trad. Pietru P. Saydon. Malta: SDC, 1989. Stampat.

Il-Karattri 'Realističi' fid-Dramm Espressjonista *Menz* ta' Francis Ebejer

Joseph Vella

Meta wieħed janalizza d-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, imtella' għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel fl-1967, isib li hu dramm bi stil Espressjonista, imma fl-istess waqt għandu wkoll għadd ta' karattri li jistgħu jissejħu 'realističi' meta jitqiegħdu f'ċertu dawl. F'dan id-dramm Ebejer iħaddem teknika li hija tipika ta' xogħlijietu: minn ċirku żgħir u ristrett ta' għarfien inizjali jiżvolġi proċess ta' twessigħ tal-għarfien sabiex sa tmiem l-istess dramm, l-istess udjenza attenta tkun sfat ferm aktar edifikata.

F'*Menz*, kollox jibda mal-wasla tal-protagonista eponimu xwejjaħ u individwalista fil-Belt tal-ultrakonservattivi/konformisti estremi; liema wasla tikkawża furur sħiħ fl-istess belt sa ma wisq probabbli, eventwalment u lil hemm minn tmiem id-dramm, isseħħ bidla radikali (mifhuma li għall-aħjar). Imma qabelxejn, ħalli naraw kif oriġina t-teatru Espressjonista u x'jinvolvi, waqt li nqiegħdu d-dramm tagħna f'dan l-ambitu.

1. It-Teatru Espressjonista

Qabel ma tfaċċa t-teatru Espressjonista fis-snin qabel il-Gwerra l-Kbira u warajha, fil-Ġermanja l-iskejjel ewlenin tad-drama kienu n-Naturaliżmu u n-Neoromantiċiżmu. In-Naturaliżmu kien jipprova jirriproduċi oġġettivament

ir-realtà fuq il-palk biex b'hekk il-ħażen tas-soċjetà jinħareġ fid-dieher u tiġi stimulata riforma soċjali. In-Neoromantiċiżmu min-naħa tiegħu kien iħaddem lingwaġġ poetiku u miti Ġermaniċi tradizzjonali biex jevoka l-imgħoddi glorjuż tal-Ġermanja. L-Espressjoniżmu, imbagħad, tnissel proprju bħala reazzjoni qawwija kontra dawn iż-żewġ movimenti ta' drama.

Madankollu, għalkemm hemm min jemmen li kien hemm qtugħ assolut bejn l-Espressjoniżmu u l-ġeneri teatrali li ppreċedewh, analiżi tal-lingwaġġ imħaddem f'dan it-tip ta' xogħol tikxef il-preżenza ta' elementi Neoromantiċi, filwaqt li l-aspirazzjoni għar-riforma soċjali tagħtih laqta Naturalistika.

Bħala moviment drammatiku, l-Espressjoniżmu beda fil-Ġermanja u ffjorixxa l-aktar bejn wieħed u ieħor fil-perjodu bejn l-1910 u l-1924, fil-Ġermanja stess, imma wkoll f'pajjiżi oħra. Bħala moviment inħoloq frott in-nuqqas ta' sodisfazzjon u l-aġitazzjoni fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-kittieba Ġermaniżi fil-perjodu msemmi, meta s-soċjetà Ġermaniża ta' qabel il-Gwerra l-Kbira kienet għadha msejsa fuq il-kunċett patrijarkali, u għalhekk oppressiv, tal-familja. Hawn ta' min jinnota li fid-dramm *Menz*, Ebejer, bl-astuzja tipika tiegħu, jippreżenta l-karattru ta' Ludilla B. li tiddomina lill-Belt 'tagħha' b'mod patrijarkali (għaliex simbolikament tagħti lilha nnifisha t-titlu maskili ta' Gvernatur), filwaqt li 'l quddiem fid-dramm xorta waħda jkun possibbli għaliha, bħala mara dotata, timmanuvra lil Menz bis-'setgħat' tagħha femminili u bl-'istinti' innati materni tagħha.

Fuq il-livell tas-soċjetà inġenerali, il-kunċett patrijarkali kien jissarraf f'awtoritarjaniżmu politiku riġidu. Għalhekk il-protesta u r-ribelljoni li nsibu fid-drama Espressjonista xi ftit jew wisq ikunu diretti kontra r-relazzjonijiet familjari u l-mod kif dawn ir-relazzjonijiet ixekklu liż-żgħożija milli tiżviluppa l-individwalità tagħha. Jekk nagħtu ħarsa lejn id-dramm *Menz* minn dan l-aspett, insibu li l-protagonista Menz kien trabba mingħajr ommu u l-imħabba u l-għożża tagħha, u kellu missieru bniedem taċiturn, imqit, u ma tantx jikkomunika miegħu, u allura aktarx ħallieh nieqes mill-affezzjoni paterna tant meħtieġa u mixtieqa. Bħala ġeneru teatrali, l-Espressjoniżmu segwa l-Impressjoniżmu, tip ta' teatru li kien joħloq riproduzzjoni kemm jista' jkun fidila tar-realtà billi waqt li jkun qiegħed jippreżenta ġrajja, jiffoka fuq il-fatturi esterni u jinjora dak li jgħodd tabilħaqq, dak li joriġina minn ġewwa (i.e. fil-moħħ) tal-bniedem.

Iżda gradwalment ġara li l-Impressjoniżmu tant wasal għal xenarju simboliku u djalogar nieqes mid-drammatiċità, li tfaċċa l-Espressjoniżmu, fejn it-teatru beda jenfasizza r-realtajiet ġewwinija tal-bniedem, jiġifieri dawk psikoloġiċi, u mbagħad isarrafhom f'taħdit jew azzjoni; flok sempliċement jiffoka fuq dak li jidher minn barra, bħalma jiġri fil-każ tar-Realiżmu jew tan-Naturaliżmu. Fit-teatru Espressjonista, id-drammaturgu jfittex li jagħraf x'hemm fis-subkonxju tiegħu ladarba jkun irid jirrappreżenta fuq il-palk il-ħajja ġewwinija tal-bniedem. Minħabba dan il-fattur, l-arti Espressjonista tista' titqies bħala l-aktar waħda kkonċernata bil-jien tal-individwu. Il-kittieb Espressjonista mhux interessat mill-bniedem bħala individwu fih innifsu bi mġibtu privata, imma jqiegħed l-umanità inġenerali bħala ċ-ċentru tal-attenzjoni tiegħu, u jippreżentaha skont il-perċezzjoni ta' karattru wieħed f'relazzjoni mas-soċjetà u viċiversa. Il-karattru tal-individwu msemmi jkun l-'alter-ego' (i.e. il-personalità alternattiva) tal-kittieb Espressjonista nnifsu. Dan il-karattru fid-dramm *Menz* bla dubju jinħass li hu x-xwejjaħ Menz, imma b'xi mod jista' jinħass minn waqt għal ieħor li Ebejer kultant jipproġetta lilu nnifsu wkoll f'Ġorġ, li għandu affinità tassew qawwija ma' Menz, imma huwa wisq aktar radikali u estrem fi mġibtu u fil-viżjoni tiegħu.

L-attitudni tal-protagonista ewlieni tad-dramm Espressjonista tkun tidher u tinħass ostili f'għajnejn il-karattri l-oħra. Infatti, l-imġiba 'stramba,' għax nonkonofrmista, ta' Menz proprju ftit mumenti wara l-wasla tiegħu fil-Belt tal-konformisti mhux biss tibda tinħass ostili f'għajnejn dawn tal-aħħar, imma kulma jmur u rapidament tibda saħansitra titqies heddieda għas-sopravivenza tagħhom:

LUK/TAXI:	Din żgur li ma kontx nistennieha! Qiegħed hawn, f'pajjiżna, jirfes l-għażiża artna taħt riġlejh, jibla' l-arja pura tagħna, qisu mhux hu, joħdilna l-ispazju ...
BEJJIEGĦ:	U 'l quddiem min jaf kemm għad ibeżżagħhom lit-tfal tagħna daqskemm hu ikreh.
LUK/TAXI:	U jittanta lin-nisa tagħna.
BEJJIEGĦ:	U jisirqilna ġidna.
LUK/TAXI:	Iqajjem rewwixta kontra l-gvern.
BEJJIEGĦ:	Joqtolna f'sodditna.

Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-karattri l-oħra jkunu membri ta' familtu (ara r-reminixxenzi ta' Menz fil-konfront ta' missieru, fejn għall-benefiċċju tiegħu nnifsu imma wkoll tal-udjenza jirrikostruwixxih bħala missier dominanti, arroganti u awtoritarju; paġna 167); jew rappreżentanti tal-ordni soċjali awtoritarja (aktar milli awtorevoli).[1]

Barra minn hekk, il-protagonista ewlieni ta'dramm tipiku Espressjonista jġarrab għadd ta'inċidenti li ħafna drabi ma jkunux marbuta flimkien, imma jkunu effett tal-istess kawża. Hekk, ngħidu aħna, jintwera li Menz kien ilu jivvjaġġa għal bosta snin bla ma wisq jaf għaliex; u daqstant ieħor bla ma jaf għaliex, kien ilu xewqan li jiġi jżur din il-Belt-tikka-fuq-il-mappa – xhieda ta' kemm ma ħaqqhiex l-importanza li jattribwulha b'mod minfuħ u esaġerat l-istess ċittadini tagħha [b'moħħhom żgħir] u b'viżjoni mijopika quddiem il-ħajja. Menz ikun irid sempliċement joqgħod fuq il-bank tal-pjazza għax-xemx, xejn aktar u xejn anqas, pjuttost b'mod impulsiv; u jibqa' jirreżisti l-pressjonijiet kollha li jagħmlulu nies il-Belt, donnu għal xejn ħlief l-ebusija ta'rasu – għalkemm dan huwa wkoll frott il-karattru individwalistiku tiegħu. L-inċidenti spiss isegwu 'l xulxin bħallikieku huma l-istazzjonijiet tal-passjoni ta'Kristu, bil-protagonista jġarrab l-inċidenti b'mod simili ħafna għal dak ta' Kristu. Bħalma Kristu fil-Bibbja m'għamel xejn ħażin u ma kiser ebda liġi imma xorta waħda safa' akkużat u kkundannat għall-mewt; hekk ukoll jisfa' pproċessat – u jekk mhux ikkundannat – tal-anqas ivvittimizzat, Menz minn Ludilla B., id-dittatriċi despotika (konvenjement għaliha msejħa "Gvernatur" biex taħbi x'verament kienet). Imma ta' min jinnota hawnhekk li t-titlu ta' Gvernatur addottat minnha jevoka 'l dak tal-persunaġġ bibliku Ponzju Pilatu li wkoll spiċċa biex ġab ruħu bl-aktar mod inġust quddiem is-sewwa magħruf.

Id-drammaturgu Espressjonista joffri interpretazzjoni tad-dinja reali permezz ta' oħra fittizja – fuq il-palk, skont il-viżjoni ta' karattru uniku. Konsegwentement, proprju minħabba l-fatt li din il-viżjoni tkun kompletament suġġettiva u tenfasizza biss fuq dak li l-awtur jidhirlu li hu relevanti, b'mod konxju u bi skop, l-istess viżjoni taf tipproduċi rappreżentazzjoni pjuttost storta, jew aħjar deformata, ta' dak li ordinarjament imdorrijin bih fil-ħajja

1 Ara l-aktar il-karattri tipi ta' Ludilla B. (il-*femme fatale* per eċċellenza), Razz ("il-burokratiku mpinġi"), il-Pulizija ... imma wkoll il-Kennies, Luk/Taxi, u l-Bejjiegħ tal-Pasti.

ta' kuljum. Barra minn hekk, din id-deformazzjoni dejjem tieħu forma protestarja u ribelluża.

Dan l-element ta' deformazzjoni jirriżulta wkoll mill-fatt li l-karattri li jiġu 'kkritikati' mid-drammaturgu Espressjonista jisfgħu pjuttost grotteski peress li nuqqasijiethom u d-difetti tagħhom jiġu esaġerati għall-effett (id-diskors tal-karattri tip ħafna drabi jkun telegrafiku u qasir, u ripetittiv, għalkemm ġieli jaqgħu fil-liriċiżmu). Barra minn hekk, hemm soġġettiviżmu qawwi fit-teatru Espressjonista, ladarba kollox joriġina mis-subkonxju tal-awtur u jiġi pprojettat permezz tal-karattru ewlieni individwalista.

Issa biex jikkonkretizza l-aspett ċerebrali, id-drammaturgu Espressjonista jkollu jirrikorri xi daqsxejn għall-ġeneru Realista u dak Naturalista. Wieħed ma jridx jinsa li għalkemm dawn l-aħħar żewġ ġeneri jixxiebhu, mhumiex għalkollox xorta. Għaliex waqt li r-Realiżmu pjuttost jimita l-fatti kif ikunu jidhru minn barra u jieqaf hemm, in-Naturaliżmu mhux biss jirrappreżenta l-azzjoni u d-djalogar preċiżament, imma permezz tagħhom ifittex li juri kif jaħdem il-moħħ ukoll. Imbagħad l-Espressjoniżmu, min-naħa tiegħu, jenfasizza aktar il-proċess ċerebrali li jinfluwenza l-azzjoni tal-bniedem kif tidher minn barra.

Fil-fatt, ħarsa mill-qrib lejn il-karattri f'*Menz* faċilment turina li għandna żewġ tifsiliet ta' karattri. L-ewwel nett hemm dawk tipiċi tat-teatru Espressjonista, jiġifieri karattri tipi li huma pjuttost ċatti għax ftit li xejn insiru nafu aktar dwarhom lil hemm mill-iskorċa tal-wiċċ. Dan għaliex minn kliem u għemil Ludilla B., Luk/Taxi, il-Bejjiegħ tal-Pasti u l-Kennies, wieħed ma jdumx ma jagħraf li dawn mhumiex biss imneżżgħin minn kull xorta ta' individwalità (jekk mhux forsi bl-eċċezzjoni ta' Ludilla B. li mhux talli hi kapaċi tiddeċiedi hi għaliha nnifisha, imma saħansitra għal kulħadd); imma huma wkoll ipokriti primi, u tradituri żelużi tal-proxxmu tagħhom f'isem il-konformiżmu estrem u frott l-istess terrur li għandhom quddiem is-sistema totalitarja u despotika li jinsabu maħkumin u ddominati minnha (ironikament frott l-istess ċediment totali tar-rieda awtonoma tagħhom). Fil-Belt tad-dramm, kollox jingħad li huwa suprem u superjuri, meta mhux għajr taparsi, għax fis-sew medjokri, kif issimbolizzat mill-istatwa malandata tal-Pegasu fil-pjazza.

2. Il-Karattri 'Realistiċi'

It-tieni hemm dawk li għalkemm jibqgħu essenzjalment rivelattivi u rappreżentanti ta' x'jista' jkun għaddej fis-subkonxju ta' bniedem, huma essenzjalment 'realistiċi' f'dan id-dramm, u fil-fatt saħansitra jingħataw ismijiet li grammatikalment huma nomi proprji u mhux sempliċement nomi tal-aġent jew termini li jirreferu għal karigi. Dawn huma Menz, Ġorġ u Tereża ... u Razz 'parzjalment', għaliex waqt li dan tal-aħħar huwa karattru tip meta jitqies bħala "l-burokratiku mpinġi" skont l-istess didaskalija ta' Ebejer innifsu; fl-istess waqt matul l-iżvolġiment tad-dramm diġà jkun hemm tħejjija intelliġenti min-naħa tad-drammaturgu għal dak li għad isegwi lejn tmiem id-dramm u lil hemm minnu: il-konverżjoni probabbli ta' Razz minn konformista konvint u ta' prinċipju, ironikament fihom infushom kwalitajiet b'lehma qawwija ta' individwaliżmu, għal nonkonformista u individwalista konvint u issa bi prinċipju differenti – grazzi għas-sagrifiċċju erojku suprem ta' Ġorġ (il-maqtul għall-ideali tiegħu), u l-istess Tereża (l-eks maħbuba ta' Ġorġ u l-mara futura ta' Razz, anke hi issa deċiża li flok tibqa' toxxilla bejn il-konformiżmu u n-nonkonformiżmu, taddotta dan tal-aħħar u tkun individwalistika, mhux fis-sens egoistiku, imma fis-sens li tkun kapaċi taħseb b'moħħha u mhux iċċedi bla kundizzjonijiet ta' xejn għad-detriment tagħha stess).

B'karattri 'realistiċi' hawnhekk qiegħed jinftiehem li l-karattri jkollhom storja warajhom li tappoġġa mġibithom fil-preżent, li sservi ta' sfond biex l-udjenza tagħrafhom bħala bnedmin tad-demm u l-laħam aktar milli prodotti strejotipati bit-"tikketta" mwaħħla ta' sistema riġida, bħalma huma l-"Kennies", "Luk/Taxi", "Bejjiegħ tal-Pasti" jew "Pulizija"). Huma karattri li tagħrafhom bħala individwi bid-dilemmi, bil-problemi u l-kriżijiet psikoloġiċi u emottivi tagħhom. Tagħrafhom bħala karattri tassew verosimili għal dawk tal-ħajja reali ta' kuljum ... u għandha mnejn tissimpatizza magħhom ukoll.

Hekk ngħidu aħna nsibu li x-xwejjaħ Menz għandu problemi ta' nuqqas ta' aġġustament emottiv b'konsegwenzi psikoloġiċi u ta' mġiba li ilhom ġejjin saħansitra mill-ewwel snin ta' ħajtu, is-snin formattivi, minħabba li safa' mifrud u mċaħħad minn ommu. Ir-raġuni attwali għaliex ġara dan tibqa' ma toħroġx ċar matul id-dramm, aktarx bħala xhieda li dak li ġara fil-passat u ma ġiex reġistrat sew fil-memorja, jista' jibqa' mhux magħruf għalkollox u għal dejjem; u li jekk

ikun hemm xi traċċi (minimi tiegħu), jistgħu jisfgħu vagi u saħansitra mċajpra mal-mogħdija taż-żmien. Il-problemi ta' Menz jinħass li kienu aggravati wkoll mill-imġiba dominanti, abbużiva u aggressiva ta' missieru.

Dwar Ġorġ, permezz tar-rapport preċiż u ddettaljat tal-Pulizija, insiru nafu dawn id-dettalji:

> Imsejjaħ Ġorġ. Ħamsa u għoxrin sena. Orfni minn ommu. Missieru keċċieh mid-dar wara serqa sigaretti u album mimli fotografiji familjari. Għeb għal sentejn minn din il-belt. Reġa' lura bla ħsieb, taha għall-qari. Mingħajr impjieg, kien jgħix bis-saħħa tal-munifiċenza tal-belt għażiża tagħna. Il-jiem beda jgħaddihom il-librerija pubblika. Darba wera l-istmerrija tiegħu għall-kotba li kien hemm fiha billi tefa' l-ktejjeb bl-isem ta' "Kif Għandek Tkun Ċittadin Tajjeb" fl-art tal-imsemmija librerija, għemil li ġiegħel waħda mil-librara żgħażagħ li rat kollox b'għajnejha skandalizzati tmur tiġri u tixher għal siegħa sħiħa mal-kmamar kollha tal-librerija, twaqqa' kotba, tgħaffeġ fuqhom, tqatta' karti u għemil ieħor simili xejn normali. (177)

Mill-ġdid insibu enfasizzat in-nuqqas tal-omm fit-trobbija tal-iben – simbolika għan-nuqqas ta' soċjalizzazzjoni u sens ta' appartenenza aktar 'il quddiem fil-komunità u s-soċjetà; u aktarx il-kawża tan-nuqqas ta' awtodixxiplina, ubbidjenza, u konformiżmu, bħala konsegwenza. Mill-ġdid jinħass inferit li min ma jintrabatx minn kmieni ma' ommu jew sostitut xieraq għaliha, dak li bl-Ingliż jissejjaħ *bonding*, jisfa' żradikat, donnu bla għeruq, ma jappartieni għal imkien, ma jistax isib serħan, u jaf isib lilu nnifsu proprju billi jopponi u jirreżisti kull entità li tfakkru fil-permanenza jew l-appartenenza (ara l-konnotazzjonijiet ta' *misfit*, bl-Ingliż). Ġorġ iġarrab sens ta' antipatija u diżgustament qawwi lejn kull minn mhux kapaċi jfendi għal rasu, lejn kull min jirrendi lilu nnifsu xejn ħlief 'nagħġa f'merħla'.

F'Tereża niskopru persuna enimmatika, b'sentimenti diviżi favur u kontra – f'ħin wieħed – lejn l-individwalista u ħabib ta' u mit-tfulija, u namrat tagħha sa ftit ilu, Ġorġ; u l-konformista konvint u namrat preżenti Razz. Permezz ta' Ġorġ u Razz bi twemminhom rispettivament, insibu li Ebejer ilaħħam simbolikament iż-żewġ 'lealtajiet' kunfliġġenti f'moħħ u qalb Tereża. Iżda meta fil-belt fejn tgħammar Tereża jitfaċċa Menz, l-individwalista xwejjaħ,

fraġli u manswet, imma daqstant ieħor sod u perseveranti fir-reżistenza tiegħu kontra t-tentattivi fitti u kontinwi biex jimponu r-rieda tagħhom fuqu l-konformisti Beltin; l-istess Tereża ssib li s-simpatija tagħha tibda xxaqleb lejn il-keffa tal-individwalisti. Id-dħul ta' Menz f'ħajjitha, bl-affinità kbira tiegħu lejn Ġorġ, u l-makkinazzjonijiet kattivi u bla ħniena ta' Ludilla B. li taħdem fuq il-punt debboli ta' Menz (ix-xenqa tiegħu li jikseb 'l ommu lura f'ħajtu), jippreċipitawha f'ħoġor l-individwaliżmu, u jagħtuha l-forza li tiġbed lil Razz (żewġha tal-ġejjieni), għal magħha – tal-anqas dan huwa dak li jinħass wisq probabbli proprju fil-mument tal-għeluq tad-dramm.

Razz ukoll, min-naħa tiegħu, jingħata isem proprju, anke jekk għall-bidu tad-dramm jintwera bħala karattru tip – "il-burokratiku mpinġi" fi kliem Ebejer innifsu (148). U din il-mossa min-naħa ta' Ebejer hija rivelattiva, għax ma tħallix lil Razz jibqa' totalment karattru ċatt, imma tirrendih wieħed tond, wieħed li minkejja l-konformiżmu totali (inizjali) tiegħu, ironikament kapaċi jaħseb b'moħħu (huwa konvint minn għemilu), u kapaċi jfendi għal rasu ("Issa neguzjant kbir"; paġna 153), anke jekk l-iskola kien jikkopja (allura ma kienx kapaċi għalkollox, jew ma kienx konvint għalkollox minnu nnifsu – forsi frott l-ebusija ta' ommu); u jingħata sfond ukoll waqt l-iżvolġiment tad-dramm. Fi kliem Ġorġ:

> Razz kien kunsillier. Issa kunsillier u neguzjant kbir. Razz kien jikkopja minn fuqi l-iskola. Razz kont naħbilu minn ommu – mara iebsa. Kont naqbeż għal Razz. Kien jirringrazzjani b'għajnejh biss. Għall-inqas dik il-ħabta kien jidhirli li kelli l-ħila naqrahom l-għajnejn. Daż-żmien qatt ma jiena żgur: jew għax insejt naqra, jew inkella għax dak li nara ma jkunx minnu! Razz kien jgħidli li lil Tereża kien jistħajjilha oħtu. Oħt qatt ma kellu. Minn xi daqqiet noqgħod naħseb xi ftit fuqu u ngħid: Dan Razz, x'inhu għalija? (153)

Allura meta f'din il-ktiba qiegħed jingħad li wħud mill-karattri huma pjuttost 'realistiċi', dan m'għandux jittieħed fis-sens li huma msawra għalkollox bħal dawk tat-teatru Realista. Dan għaliex waqt li d-drammaturgu Realista jippreżenta l-karattri b'mod fotografiku u jieqaf hemm, dak Espressjonista, bħan-Naturalisti ta' qablu, jipprova jfittex l-oriġini u r-raġunijiet li jwasslu għall-imġiba problematika tal-bnedmin mixħuta taħt il-lenti.

Barra minn hekk, ta' min isemmi li għalkemm l-Espressjonisti jemmnu li d-dinja fil-qofol tagħha hi korrotta, xorta waħda jemmnu li tista' tinkiseb ħajja aħjar, anke jekk is-soluzzjoni li joffru tkun waħda pjuttost vaga. Dan fil-fatt huwa implikat proprju bil-mod kif jagħlaq id-dramm Menz:

TEREŻA:	*(weħidha, fis-skiet – tersaq lejn MENZ, tbusu bi ħlewwa fuq ġbinu, taqbad ix-xalla li tkun fuq il-bank u tagħmilha ma' rasha).*
	Waqt li TEREŻA kienet qiegħda tagħmel dan, in-nies ta' barra, i.e. is-silwetti ta' fuq is-cyclorama bdew jidhru (jiskuraw).
	F'nofs il-pjazza, b'għajnejn il-kotra ċassi fuqha, TEREŻA ma titħarrikx.
RAZZ:	*(jiċċaqlaq u jimxi bil-mod lejn TEREŻA. Skiet – imbagħad iħoll il-faxxa uffiċjali minn fuq sidtu u jħalliha taqa' fl-art. Wasallu l-mument tal-għażla u RAZZ għażel it-triq li beħsiebu jaqbad minn issa sa tmiem ħajtu).*
	L-għanja biss fis-skiet.

Hawnhekk Razz pjuttost jista' jitqies li qiegħed jieħu post Ġorġ (f'ħajjet Tereża), u aktarx li se jkun individwalista huwa wkoll sa tmiem ħajtu ... fuq il-mudell ta' Ġorġ.

Dan il-mod li bih qiegħed jinġieb fi tmiemu d-dramm minn Ebejer fil-fatt joqrob ħafna lejn dak ta' drammaturgi Espressjonisti oħra li ħafna drabi jistennew bidla immedjata (għall-aħjar) mill-udjenza tagħhom.

Il-Biblijografija

Ciappara, Marija. "It-Teatru ta' Francis Ebejer." Teżi tal-B.A., U ta' Malta, 1973. Stampat.

Cuddon, J.A. *Dictionary of Literary Terms and Literary Theory.* London: Penguin, 1999. Stampat.

Ebejer, Francis. *Menz, Boulevard, Vaganzi tas-Sajf: Vol. 2 ta' 'Id-Drammi ta' Francis Ebejer.'* Malta: Lux, 1970. Stampat.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji.* It-tielet ed. Malta: PEG, 2000. Stampat.

Macey, David. *Dictionary of Critical Theory.* London: Penguin, 2001. Stampat.

Tabone, Saviour. "Analiżi tas-Soċjetà f'Menz ta' Francis Ebejer." Teżi tal-B.Ed., U ta' Malta, 1991. Stampat.

Zarb, Tarcisio. *It-Teatru sa Ebejer.* Malta: Klabb Kotba Maltin, 1986. Stampat.

IL-"LINGUA NOSTRA"

Dramm ta' John F. Marks

Kumment ta' Arnold Cassola

Il-"Lingua Nostra," farsa ta' John F. Marks, riprodotta mill-Għaqda tal-Malti – Università għall-ewwel darba bl-ortografija Maltija kurrenti, bil-kunsens tat-tifel ta' Johnnie Marks, il-Maġġur Robert Henry Marks, u tan-neputijiet tiegħu, Johanna Marks u Arnold Cassola, żgur li ma tistax titqies bħala xogħol ewlieni fil-qasam teatrali Malti.

Madankollu, inħoss li – meta tieħdu fil-kuntest ta' żmienu – dan ix-xogħol għandu l-importanza tiegħu inkwantu jirrifletti l-qagħda politika u dik soċjolingwistika tal-perjodu li fih inkiteb u nħadem, jiġifieri l-bidu tas-snin tletin tas-seklu li għadda.

Din il-farsa hija parodija ta' kawża fil-qrati Maltin, fejn l-avukati u l-membri tal-Ġudikatura jiddibattu bit-Taljan waqt li l-klijenti tagħhom, Maltin tal-klassi mtaħħta, ma jkunu qed jifhmu xejn minn dak kollu li jkun qed jintqal. *Prima facie,* din tidher bħala karikatura tal-persuna Maltija sempliċi u mhux edukata li ma tafx skola. Insomma, karikatura fuq l-istil ta' Juann Mamo, li ried jikkundanna n-nuqqas ta' ħeġġa għall-edukazzjoni u għat-tagħrif minn sezzjoni mdaqqsa tas-soċjetà Maltija.

Fix-xogħol ta' Marks, waqt li joħroġ biċ-ċar l-iżżuffjettar tal-awtur fil-konfront tal-prużuntużi li ma jifhmux imma jagħmluha tabirruħhom li qed jifhmu kollox, il-kundanna tiegħu tmur għal dawk in-nies ta' poter, Maltin u mhux, li kienu żammu lill-ilsien Malti milli jieħu r-rwol loġiku tiegħu ta' lsien uffiċjali fil-qrati

Maltin. Għalhekk, *Il-"Lingua Nostra"* tinftiehem aħjar fl-isfond tal-fatt li, John F. Marks, flimkien ma' Mosè Gatt u Ġużè Attard Bezzina, kien fassal l-abbozz, li mbagħad kellu jsir liġi, dwar l-użu tal-Malti fil-qrati Maltin.

Element importanti ieħor li tixhed din il-farsa huwa l-panorama soċjolingwistika ta' Malta fl-ewwel deċennji tas-seklu għoxrin. Fil-fatt, Marks hawnhekk jippreżentalna karattri li, minħabba l-isfond soċjokulturali differenti li trabbew u jaħdmu fih, jitkellmu b'erba' reġistri lingwistiċi differenti.

Għandna l-klassi kolta tal-maġistrati u l-avukati li titkellem bil-lingwaġġ kanoniku tas-soċjetà għolja Maltija, it-Taljan. Imbagħad, wieħed jiltaqa' mal-karattru tal-UXXIER, li jaħdem fl-ambjent tal-Qrati, iżda mhux professjonist, u allura jitkellem bil-Malti standard. ŻEŻA u XANDRU, rappreżentanti tal-popolin li, minkejja li mingħalihom jafu l-lingwi, jispiċċaw jitkellmu biss bid-djalett; u PATIST, Malti immigrat f'Bona li, għax kien jagħmilha ma' immigrati oħra barranin f'din il-Belt Magrebina, mingħalih li qiegħed jitkellem bit-Taljan meta fil-fatt qiegħed jirriproduċi biss mudelli lingwistiċi Sqallin.

Għamlu għalhekk tajjeb it-traskritturi ta' dan il-manuskritt li ħallew il-vokaliżmu djalettali u/jew Sqalli kif inhu meta ttraskrivew it-test, għaliex kieku l-Malti kollu ġie standardizzat, kienu jintilfu ħafna min-*nuances* lingwistikosoċjali preżenti f'din il-farsa ta' nannuwi.

Il-pożizzjoni aħħarija ta' Marks fil-konfront ta' dawn l-użi differenti tal-lingwi u tal-varjetajiet djalettali? Pożizzjoni ċara favur l-ilsien Malti (mhux id-djalett u mhux it-Taljan) li tispikka fl-aħħar rig tal-farsa meta l-poplu għalenija *(Lkoll)* jistqarr: "Abbasso l-lingwa tal-Kukkanja. Viva l-Malti. Irridu l-Malti biex kulħadd jifhem."

IL
"LINGUA NOSTRA"

FARSA

Mictuba minn J. F. MARKS

ghall occasioni tal
commemorazioni tal
festa "JUM IL HADDIEM"
LEWWEL TA MEJJU 1932
li saret is Sibt 30 ta April
fit TEATRU SAN GIORĠ
BORMLA.

PERSUNAĠĠI

MAĠISTRAT
AVUKAT I
AVUKAT II
XANDRU TABUNI ŻEWĠ
ŻEŻA TABUNI
NICLETU AGIUS (Jidher b'wiċċu nfaxxat.)
PATIST BUTTIGIEG
REĠISTRATUR
UXXIER
PULIZIJA u nies oħra bilqiegħda fuq bank jisimgħu l-kawża

IL-PALK

Ix- xena turi kamra fil-Qorti t'isfel – Maġistrat bilqiegħda b'mejda quddiemu, bil-klamari, karti eċċ. eċċ. In-naħa tal-lemin tiegħu tidher katedra fejn jitilgħu x-xhieda. Mejda oħra quddiem dika tal-maġistrat, għall-avukati. Siġġijiet eċċ. eċċ.

ATT WIEĦED

XENA I

MAĠISTRAT, REĠISTRATU, UXXIER, PULIZIJA u NIES BILQIEGĦDA ... wara jidħlu AVUKAT I u AVUKAT II.

MAĠISTRAT (*Lir-Reġistratur.*) Qual' è la prima causa che dobbiamo trattare?

REĠISTRATUR Alessandro Tabone versus Anacleto Agius ...

MAĠISTRAT Li fate chiamare, se vi piace.

REĠISTRATUR (*Lill-uxxier.*) Sejjaħ 'l Alessandro Tabone u 'l Anacleto Agius.

UXXIER (*Joħroġ u jinstema' jgħajjat.*) Alessandro Tabone, Alessandro Tabone, Alessandro Tabone. Anacleto Agius, Anacleto Agius, Anacleto Agius.

XENA II

AVUKAT I, AVUKAT II, NICLETU AGIUS u l-imsemmija.

MAĠISTRAT È questo l'imputato? (*Juri lil Nicletu.*)

REĠISTRATUR No, signor Magistrato, questo è Anacleto Agius, il ricorrente.

MAĠISTRAT E dunque dov'è l'altro?

REĠISTRATUR (*Lill-uxxier.*) Erġa' sejjaħ lil Alessandro Tabone.

UXXIER *(Joħroġ u jinstema' jgħajjat.)* Alessandro Tabone, Alessandro Tabone, Alessandro Tabone.

XENA III

XANDRU TABUNI, L-UXXIER, u l-imsemmija.

XANDRU (*Lill-uxxier.*) Hawn jien ħabejb; ma kienx hamm għalfajn dalħafne għajjat. Il-ħtejja killha tiegħok, għox jen ir-roħal jgħidowli Xandru Tebuni, mhux Talisandru Saponi, kif għedt enti.

UXXIER Iskot, u oqogħod sewwa quddiem il-Qorti.

MAĠISTRAT È questo l'imputato?

XANDRU Imbuttato? ... Le, Sinjewr, lili ma mbittoni ħadd, u dak el-ħmar (*Juri lill-uxxier.*) għajjotli ħażejn. Li kieku qalli ismi sawwa kieku jewwilla ġejt mill-ewwel; imma lili ħadd ma mbittoni.

MAĠISTRAT (*Lil Xandru.*) Ara, issa inti iskot kwiet, għaliex inkella nitfgħak isfel. Qabel ma tkun mistoqsi titkellem xejn. (*Lejn il-mejda talavukati.*) Chi è l'avvocato difensore dell'accusato?

AVUKAT I Io, signor Magistrato. Il mio cliente non trova alcuna oggezione perchè si usi la lingua nostra, cioè l'Italiana.

MAĠISTRAT (*Lill-avukat l-ieħor.*) È lei, signor Scarfuni, che cosa dice?

AVUKAT II In Italiano, signor Magistrato.

MAĠISTRAT *(Lir-Reġistratur.)* Scriva: "La causa venga trattata in Italiano, siccome i contendenti non trovano alcuna oggezione."

Dunque si può chiamare il primo testimonio.

AVUKAT I Teresa Tabone.

UXXIER *(Joħroġ u jinstema' jgħajjat.)* Teresa Tabone, Teresa Tabone, Teresa Tabone.

XENA IV

ŻEŻA TABUNI u l-imsemmija.

MAĠISTRAT Inti x'jismek, u ta' min jgħidulek?

ŻEŻA Jisimni Żeża, u jgħidauli Ta' Barma.

MAĠISTRAT Kunjomok?

ŻEŻA Tabuni.

MAĠISTRAT Daka li hemm hemmhekk, żewġek?

ŻEŻA Iwe, sinjewr.

MAĠISTRAT Inti x'taf fuq il-ġlieda bejn żewġek u Anacletu Agius, daka li hemm hemmhekk?

ŻEŻA Sinjewr ... Nicletu, għax oħne r-roħol ma ngħidulewx kif għodt ent, ken silefna xi flews.

MAĠISTRAT *(Lir-Reġistratur.)* Scriva: "Teresa Tabone, moglie dell'imputato Alessandro Tabone ..."

XANDRU Of Sinjewr! ... din tal-imbittato tarġjox tgħidhieli tofx ...

MAĠISTRAT Ara, jiena diġà għidtlek darb'oħra. Inti titkellem xejn, jekk terġa' titkellem nitfgħek isfel.

XANDRU Allewra sinjewr, negħmilha tel-iblah, mhux were li titfogħni isfel inkewn imbittato?

MAĠISTRAT *(Lill-Avukat I li jkun sejjer jindaħal.)* Gli spieghi un po' la situazione perchè si possa continuare.

AVUKAT I *(Lil Xandru.)* Xandru, inti iskot kwiet u ħalli li nitkellem għalik jiena.

XANDRU Kif niskot ser avikot? Doka ħoseb li jena ma nofx bit-Taljon, u jrejd joqgħod jgħid li jrid hewwa? Mela jgħidlu li lili ħadd ma mbittoni.

AVUKAT I U iskot, u isma' minni għaliex sejjer ittellifni kollox.

MAĠISTRAT Che cosa dice?

AVUKAT I Niente, signor Magistrato. Mi ha detto che non vuole che la causa si tratti in Maltese, perche capisce abbastanza l'Italiano.

MAĠISTRAT *(Lil Żeża.)* Kompli.

ŻEŻA Allura, sinjewr, żewġi ma kenx komdu biex jagħtihomlu, u Nicletu roġel fett wisq. Fejn tof kemm huwa fett, sinjewr. Kien jgħidlu u jarġa' jgħidlu.

MAĠISTRAT *(Jagħmel sinjal lil Żeża biex ma tkomplix, u jkellem lir-Reġistratur.)* Scriva: Anacleto Agius era creditore di una somma che ha prestato all'imputato Tabone ...

XANDRU *(Kull meta jisma' l-kelma "imputato" jagħmel xeni ta' wieħed imxebba'.)*

MAĠISTRAT ... e esigeva spesso l'incasso di detta somma ...

ŻEŻA Skiżoni, Ser Maġistrot. Jena ma semmejtx ingassa.

MAĠISTRAT *(B'arja ta' kuljunata.)* Inti tifhem bit-Taljan ukoll?

ŻEŻA Jena dumt l-eskula tal-gvern sa ma killi erbetox-il sena. Nef sawwa bet-Toljon u bl-Englejż.

MAĠISTRAT L-aħjar li tagħmel, inti irrispondi biss għal dak li jistaqsuk, u taqbiżx meta ma nkellmekx.

AVUKAT I *(Lil Żeża.)* Ara, Żeż, inti rrispondi biss.

ŻEŻA Mhix hu seqseni nofx bit-Taljon?!

MAĠISTRAT *(Lil Żeża.)* Kemm kellu jagħti żewġek lil Anacletu Agius?

ŻEŻA	Jena, Sinjewr, lil dona li sammajt issa mo nafewx. Żewġi killu jogħti lil dak li hemm hemmhekka, lil Nicletu tar-roħol togħna.
MAĠISTRAT	Tajjeb, għidilna, kemm kellu jagħti żewġek lil Nicletu li hemm hemmhekka?
ŻEŻA	Bagatella ċkajkna.
MAĠISTRAT	Iva kemm? *(B'arja ta' wieħed tilef il-paċenzja.)* Għidilna kemm.
ŻEŻA	Ħamsin lira.
MAĠISTRAT	Brava, hekk sewwa, irrispondi għad-domanda. *(Lir-Reġistratur.)* Scriva: Alessandro Tabone, mio marito, era debitore di cinquanta lire sterline ad Anacleto Agius.
ŻEŻA	U hu kien te' sikwit jiġi għondna biex żewġi jegħtihomlu. Belli ma konniex komdi konna għednejlu bex iħolli sa ma tgħoddi l-festa ta' Son Gergor, imma hu ma redx jeħu peċenzja.
MAĠISTRAT	*(Lir-Reġistratur.)* Noi come debitori, siccome non eravamo tanto floridi speravamo che Anacleto Agius dovesse essere un po' pazienzioso, ed aspettasse fin dopo la festa di San Gregorio.
AVUKAT II	*(Lill-Maġistrat.)* Mi permetta una domanda? *(Lil Żeża)* Għidli, Żeża, kemm kien ilu li żewġek issellef il-ħamsin lira mingħand Anacletu?
ŻEŻA	Għalfajn trid tkun tof, ħej?
MAĠISTRAT	Għidlu, Żeż. Kemm kien ilu li silfu l-flus, lil żewġek?
ŻEŻA	Eh! Lilek ngħidlek Sinjewr. Imme lil dok żgur li le. Ħames snejn.
AVUKAT II	Questo spiega l'attitudine di impazienza del mio cliente, che domandava ripetutamente per cinque anni intieri la somma menzionata.
MAĠISTRAT	*(Lil Żeża)* Tajjeb, Żeż, għalissa tista' tmur.
ŻEŻA	*(Toħroġ mill-kamra.)*
MAĠISTRAT	(*Lejn ir-reġistratur.*) Si puo chiamare l'altro testimonio.
REĠISTRATUR	(*Lill-uxxier.*) Sejjaħ lil Gio Batta Buttigieg.
UXXIER	(*Joħroġ u jinstema' minn barra.*) Gio Batta Buttigieg, Gio Batta Buttigieg, Gio Batta Buttigieg.

XENA V

PATIST u l-imsemmija.

MAĠISTRAT	Inti x'jismek?
PATIST	Giovanni Battista Buttigieg detto "Tal-Gelguli."
MAĠISTRAT	Inti taf bit-Taljan?

PATIST	Si, Signore.
MAĠISTRAT	Dunque deponete in Italiano?
PATIST	Si. Io sono Giovanni Battista, Tal-gelguli, nato a Bona e vixxutu in quel paese. Mia madre chiama Carmela, mio padre Luigi.
MAĠISTRAT	Che cosa sapete di questa transazione finanziaria ed altre relazioni fra Alessandro Tabone e Anacleto Agius?
PATIST	Anacletu dare a Xandru cinquanta liri e quannu l'altru domandare una, due, tre, quattru, cinque, sei, volta, l'altru xplik, xplak, e li da una daqqa di ponnu sulla faccia.
MAĠISTRAT	Inti m'għidtlix li taf bit-Taljan?
PATIST	Io parlato l'Italiano cummi quello l'avvucatu.
MAĠISTRAT	Kompli bil-Malti, jekk jogħġbok.
PATIST	Li Xandru ssilfu ħamsin liri Ingliżi tar-Re Giurgiu mingħand Nicletu. Dana talabhumlu ħafna, 'afna, 'afna. Daka taha daqqa ta' ponn fuq wiċċu. Daka għamlilha ċitazzjoni.
MAĠISTRAT	*(Lir-Reġistratur.)* Io non posso fare una traduzione di tutto questo caos. Mi sento come se fossi in un manicomio. Questo qui nè parla l'Italiano e neppure il Maltese.
XANDRU	Il-manikomju mur ent. Mela għalfejn għedtilha "brova" lell-mara tiegħi? Ma ħsebtx li jena ma fhemtx killex, hux? Hawnhekk kulħadd kumpliċi. Anki dok it-Turk ġej bl-ixplikk, pakk; dana l-isparar fejn semgħu? Dok għax ħabejb ta' Nicletu. Issa tridu tgħedduni bord?
AVUKAT I	Uh! Iskot, kwiet. Il-kawża sejra favur tagħna.
XANDRU	Iwe! ... jena ndinojt għax smojtu jgħidilha "brova" lil marti Żeża. Imme dik il-kilma tal-monikomju ma kellux xi jridha.
AVUKAT I	Dika ħaġ'oħra. Il-Maġistrat qal hekk għal Patist.
MAĠISTRAT	*(Lil Patist.)* Ara hux hekk trid tgħid? Anacletu Agius silef ħamsin lira lil Alessandro Tabone ħames snin ilu. Wara li talabhomlu bosta drabi, u Tabone ma tahomlux, fl-aħħar dana Tabone ħabat għalih u tah daqqa ta' ponn fuq wiċċu.
PATIST	Giustu per l'appuntu.
MAĠISTRAT	*(Lir-Reġistratur.)* Scriva: Gio. Batta. Buttigieg depone che: Agius cinque anni prima aveva prestato cinquanta lire a Tabone delle quali ripetutamente domandava la restituzione. Martedì 5 Aprile Agius ripeteva la sua domanda e Tabone, non volendo sentire e senza alcuna ragione gli ha dato un colpo sul muso.
XANDRU	Għedt ħażejn, sinjewr, jen ma tajtux bil-mus. Tassew li killi raġun kif għidt ent, għax ta' kull darba kien jiksirni quddiem in-nies.
AVUKAT I	Iskot, kwiet. Sejra favur tagħna.

MAĠISTRAT (*Ikompli jittraduċi bit-Taljan, u mal-ewwel kelmiet, b'kumbinazzjoni iħares ikrah minn fuq in-nuċċali lejn Xandru.*) Fra alcuni ...

XANDRU Frankuni mur ent. Dina diġà qelhieli darb'oħra, għax jien nifhom bit-Taljon. Ħaqq ... x'ħasibni li jen xi arjurant ... (*Jagħmel distorbju.*)

XENA VI

ŻEŻA terġa' tidħol.

ŻEŻA (*Lil Xandru.*) Xi ġrolek, Xand?

XANDRU Iridu jibegħtewni frankuni.

ŻEŻA (*Ikompli d-distorbju ma' Xandru.*) Isma', Ser Avikot, aħna ser inħallusk bil-flus it-tojba tofx. Minn fewq tridu teħduli lil żewġi l-imġienen. Don mhix sewwa. (*Tarma tibki u twerżaq.*)

UXXIER (*Lil Żeża.*) Int oħroġ 'il barra mis-sala għax ma tistax toqgħod hawn ġew.

MAĠISTRAT Io non posso continuare così, e se non si mantega il silenzio sarò costretto a defferire.

AVUKAT I (*Lil Żeża.*) Jekk inti ma tmurx 'il barra se nitilfu l-kawża. Ma hemmx għalfejn tagħmel virgonji, żewġek fehem ħażin.

ŻEŻA (*Toħroġ.*)

XANDRU Ħsibtewni ma nofx bit-Taljon. Jen nifhem doqskom, għax il-barbier tegħi Taljon u l-iskarpon Taljon ukoll u jen killex niftiehem megħhom.

AVUKAT I Iva, iżda jekk ma toqgħodx kwiet se nitilfu l-qaleb u l-ġobna. Inti ħalli f'idejja.

XANDRU Allura nħallihom jibegħtuni frankuni, hux?

AVUKAT I Il-Maġistrat ma qalx hekk. Inti fhimtu ħażin.

XANDRU Din ma niblogħhiex. Qabel il-kawże inti stess għedtli li t-Taljon bħall-Molti. Issa kif qed tgħidli li fhemt ħażejn?

AVUKAT I Ara, Xand, hemm bżonn li tiskot għax nitilfu kollox.

XANDRU Tojjeb skitt, forsi jibegħtuni l-imġienen.

MAĠISTRAT (*Lil Patist.*) X'taf iżjed fuq dina l-kwistjoni? Fejn kien qiegħed Xandru Tabone meta saret il-ġlieda?

PATIST Huwa kien għaddejja mill-mogħdija ta' ħdejn l-għalqa ta' Mirabatu.

MAĠISTRAT (*Lir-Reġistratur.*) Quando Tabone passava dalla strada ...

AVUKAT II Scusa, signor Magistrato, ma "strada" non è la parola Italiana

	per la maltese "mogħdija."
MAĠISTRAT	Dunque, come se dice?
AVUKAT II	Mi pare che "transito tra i prati" sarebbe meglio.
MAĠISTRAT	Si, si, ha ragione, scriva così: Quando passava dal transito tra i prati vicino ta' Mirabatu ...
AVUKAT I	Signor Magistrato, il sito si chiama ta' "Mrabat" non "Mirabatu." Il testimonio pronunzia male il Maltese perchè ha vissuto per lungo tempo a Bona.
MAĠISTRAT	*(Lil Patist.)* Fhimtu x'qal lis-Sur Avukat?
PATIST	Si signore. Io parlo l'Italiano quannu il sor avocato!
MAĠISTRAT	Issa għidilna kif bdiet il-ġlieda.
PATIST	Jiena kunt ma' Alixandru; Nicletu ġiet fuqu, qaltlu kemm sir idum tit... u kellimha ħażin. Alixxandru taha daqqa ta' ponn.
AVUKAT II	*(Lill-Maġistrat.)* Si può fare il contro-esame?
MAĠISTRAT	*(Jagħmel sinjal ta' iva b'rasu.)*
AVUKAT II	Ara, Patist, Xandru kellu jagħti l-flus lil Anacletu. Anacletu mar bil-prudenza kollha jitolbu l-flus, u Xandru, mhux talli ma tahx il-flus, iżda għamel għalih u tah daqqa ta' ponn fuq wiċċu.
PATIST	Giustu per l'appuntu.
AVUKAT I	*(Lill-avukat l-ieħor.)* Questo si chiama far domande dirette. Non deve interrompere il testimonio così, perche allora si suggerisce quello che si deve dire. Io mi riservo il diritto di appellare a sua signoria. (*Lejn il-Maġistrat.*) Questo non è giusto e faccio il mio appello perchè il testimonio replichi senza alcuna interruzione da quella parte.
AVUKAT II	Va bene. Io non ho fatto che chiarire la testimonianza, coll' intenzione che la sacra giustizia sia fatta.
PATIST	Mela Molta hekk saret? Lil Xandru qalulu miġnun, issa lili qed tgħiduli fis-sakra. Ma rridux nagħmel xhieda xejn. *(Jagħmel mossa biex jinżel minn fuq il-katedra.)*
XANDRU	Sa nappellawha hux? ... Dan żgur li nappellawha, jena mill-ewwel iddispjaċieni li ġejt hawn ġewwa. Bit-Taljon iħawdu li jridu u jgħidu li m'eħniex nifhmuhom. Imma aħna nofu bit-Taljon, għax morna l-iskola tal-Gvern sa ma rabbajna l-mistoċċi. Imma dawn l-avikoti jridu jgħaddu 'l kulħadd b'miġnun. Jgħidewlek sa terbaħ u mbagħad iridu jippillawha.
PATIST	Giustu per l'appuntu. Sewwa qal Alixandru.
MAĠISTRAT	Ci sono altri testimoni?
AVUKAT I	Si Signor, voglio richiamare la moglie del mio cliente.

MAĠISTRAT	Ma non posso permettere questo richiamo. Essa ha già deposto. Cosi non finiremo mai.
AVUKAT I	Perchè voglio provare la provocazione da parte di Anacleto Agius.
MAĠISTRAT	Perche, dunque, non sentiamo Anacleto Agius stess?
AVUKAT I	Preferisco richiamare la moglie, se vossignoria, lo permetta.
MAĠISTRAT	Va bene, finiamola dunque.
XANDRU	*(Lill-Avukat.)* Irrid nof x'qallek għall-mara tiegħi? Fissirli dik il-kilma, Ser Avikot.
AVUKAT I	U xejn ma qal, dik kelma tal-Liġi.
XANDRU	Qed taħbili. Lili mill-ewwel riedu jibagħtuni frankewni, lil sieħbi Patist għidtewlu fis-sakra, u issa żgewr qal xi waħda ħoxna għal marti Żeża.
AVUKAT I	*(Lill-avukat l-ieħor.)* Questo è un ebete.
XANDRU	Abboti ma kont qatt. Imma bit-Taljon nof daqsek u lili u 'l morti ħadd ma jgħaddina biż-żmien.
REĠISTRATUR	*(Lill-uxxier.)* Erġa' sejjaħ lil Teresa Tabone.
UXXIER	*(Minn barra.)* Teresa Tabone, Teresa Tabone, Teresa Tabone.

XENA VII

ŻEŻA u l-imsemmija.

MAĠISTRAT	*(Lill-avukat I.)* Interrogatela.
AVUKAT I	Żeża, għidilna meta Anacletu mar fuq żewġek jitolbu l-flus, huwa ma ħadux bil-herra? *(Jagħmlilha sinjal b'għajnejh u b'rasu biex tgħid iva.)*
ŻEŻA	Dażgewr. Nicletu beda jgħajjat u żewġi, billi ftit kemm xejn waħda nirvuż, kħè, kħè, ma tofx Sinjewr? Tilef, ngħidu oħna, kemxejn weħda l-peċenzje. U teh daqqa ta' punn fuq wiċċew.
AVUKAT I	Imma Anacletu beda l-ġlieda, hux tassew?
ŻEŻA	Minn doqshekk, Xandru tiegħi qatt ma ħella men jagħmillu l-bżieq fuq imnieħru.
MAĠISTRAT	Mi pare che ella quasi sta ammettendo il reato di suo marito.
ŻEŻA	*(Lill-avukat I.)* X'qalli, sinjewr għax ma smajtx, hux? Irbaħnieha jaqaw? Jen killex nifhem bit-Taljon, għax kif jgħid il-Kappillon togħna, it-Taljon dunnu Molti, doqskemm hi sabejħa dil-lingwe.
AVUKAT I	Xejn, xejn, Żeż. Tista' tmur.
ŻEŻA	*(Titkellem bil-mod.)* Sinjur, ara ma jibagħtuhx tal-imġienen, tofx. *(Tinżel minn postha u tibqa' in xena)*

FINAL

MAĠISTRAT — *(Jaqra.)* Visto che l'imputato Alessandro Tabone, sebbene era creditore del ricorrente Anacleto Agius agì sotto provocazione, perchè nel momento che il detto Tabone esigeva il pagamento egli non era abbastanza florido, attesochè, il detto Tabone promise di pagare dopo la festa di San Gregorio; attesochè, dai testimoni uditi non risulta per quale termine tale somma venne prestata; visto il certificato medico qualificando come offesa lieve la ferita del ricorrente; la Corte ... Visto gli articoli 370 – 371, libera l'imputato condamnandolo a pagare tutte le spese.

Diritto dei difensori scellini dieci *(10s./). (Il-Maġistrat iqum bil-pompa kollha u joħroġ.)*

XANDRU u ŻEŻA — *(Lill-avukat I.)* Erbaħnieha, hux, Ser Avikot?

AVUKAT I — Ma rbaħnihiex għaliex hekk fehemha l-Maġistrat. Imma aħna għandna raġun.

XANDRU — Jena mell-awwel fhemtek li redt tappellaha. Imme lili ma redtx turini b'kollox. Jen indinojt għax nof bit-Taljon. Imma ent m'entejx roġel, Sor Avikot.

AVUKAT II — *(Lil Nicletu.)* Erbaħnieha bl-ispejjeż u kollox.

NICLETU — Jiena kemm se nieħu tad-daqqa li qlajt fuq geddumi?

WIEĦED MIN-NIES — Agħmel ir-ritratti u bigħhom, ah ħaħa, jaħsbuk is-Sur Gugu.

AVUKAT I — *(Lil Xandru.)* Għandek xorti li ma bagħtekx frankuni.

XANDRU — Ta' frankuni jibgħat 'l ommu 'k għandu.

ŻEŻA — Nat'relment inti trejd titħollos, hux tessew, Sor Avikot?

AVUKAT I — Sigur, jiena x-xogħol tiegħi għamiltu.

ŻEŻA — Xend, l-aħjar ħallsu bħalma ħallost lil Nicletu.

XANDRU — Balleċ, tabilħeqq, jekk tgħid kelm'oħra nibda l-ħlos essa dol-moment.

AVUKAT I — *(Lill-avukat II.)* Questi son tutti animali. Andiamo al cafè. *(Joħroġ flimkien ma' Avukat II.)*

XANDRU, NICLETU, ŻEŻA, U OĦRAJN: — Ah ħallelin, għalhekk ġibtuna hawn. Qegħdin titkellmu bejniethom b'xi lingwa oħra, biex ma nifhmukomx.

WIEĦED MIN-NIES — Dawk tkellmu bit-Taljan u ħadd minnkom ma fehem xejn.

ILKOLL — Abbasso l-lingwa tal-kukkanja. Viva l-Malti. Irridu l-Malti biex kulħadd jifhem!!

JINŻEL IS-SIPARJU

Il-Kontributuri

BEVERLY AGIUS (1993) iggradwat fil-Malti b'teżi dwar il-lirika ta' Immanuel Mifsud. Fost l-oħrajn il-kitbiet tagħha dehru f'*Taħżiż* u f'*?aplatform?*. Fl-2015 ipparteċipat fil-Biennale, Milan, bil-poeżiji tagħha.

CELINE AGIUS (1994) hi kantanta u ggradwat fil-Malti b'teżi dwar il-metafora erotika. Primarjament tikteb il-poeżiji, u qrat uħud minnhom f'xi attivitajiet letterarji.

LAWRENCE ANCILLERI* (1949) għandu M.A. fl-Istudji Diplomatiċi, u għallem f'livelli differenti mill-primarja sal-Università. Huwa persuna b'diżabilità u ħa sehem attiv fil-volontarjat.

DORIANNE BARTOLO* (1993) hi ggradwata fil-Malti u bħala għalliema. It-teżi tal-B.A. tagħha ffukat fuq il-lingwaġġ tat-tfal. Għandha wkoll Diploma fil-Mużika.

DORIANNE BONELLO (1993) hi ggradwata fil-Malti u bħala għalliema. Xi kitbiet minn tagħha dehru f'*TAĦŻIŻ2* u *Metamorfosi*.

JOHN A. BONELLO (1976) jaħdem bħala kittieb tekniku għal GFI Software. Huwa l-awtur tat-triloġija *Il-Logħba tal-Allat*, id-duoloġija għall-adulti *Unus Mundus* u l-ktieb għat-tfal *Irvin Vella, Investigatur Virtwali: Il-Każ Manduca*.

ĠORĠ BORG (1946) ħadem ta' bankier għal bosta snin qabel ma rtira. Ippubblika għadd ta' ġabriet ta' poeżiji, bl-aħħar pubblikazzjoni tkun *Ċrieki fl-Għadira* (2014).

OLIVIA BORG (1987) hi koawtriċi ta' *Personaġġi f'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, flimkien ma' Adrian Grima u Anton Cassar, u għandha MA fil-Malti.

GLEN CALLEJA* (1978) huwa poeta b'interess partikolari fil-proċessi kollaborattivi u f'forom ta' pubblikazzjonijiet alternattivi u emerġenti. L-aħħar pubblikazzjoni tiegħu hi *kull flgħaxija kif mal-għabex tnin u tmut saħħet il-jum* (2014).

ANTOINE CASSAR (1978) huwa awtur, fost l-oħrajn, tal-poeżija twila *Passaport*, maqluba f'erbatax-il lingwa u addattata għall-palk f'Malta, fi Franza u fl-Italja. Il-pubblikazzjoni li jmiss tiegħu hi *Erbgħin Jum*.

MARIA DEBONO* (1992) iggradwat fil-Malti b'teżi li tiffoka fuq ir-riċerka tal-metafora kunċettwali bl-użu tal-MLRS. Bħalissa qiegħda tattendi kors li jwassal għaċ-Ċertifikat tal-Qari tal-Provi bil-Malti.

LEANNE ELLUL (1989) irriċerkat in-nomi verbali f'livell ta' M.A. u ggradwat bħala għalliema. Fl-2013 rebħet il-Premju Francis Ebejer u fl-2014 il-Konkors Rumanzi għaż-Żgħażagħ; hi wkoll il-koawtriċi tas-sensiela *Tikka Malti*.

VICTOR FENECH (1935) huwa kittieb u poeta tas-sittinijiet, u hu magħruf l-aktar għall-ħajku u l-poeproża. L-aħħar pubblikazzjoni tiegħu hi *Malta – Poema Viżiva*.

OLIVER FRIGGIERI (1947) huwa kittieb ta' 'l fuq minn 70 ktieb, fosthom *Dizzjunarju tat-Termini Letterarji* (1986) u *Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija* (2011). Aktar minn 60 ktieb tiegħu ġew tradotti f'ilsna oħra.

SERGIO GRECH (1975) huwa awtur u għandu M.A. fl-Istorja. Huwa ppreżenta wkoll għadd ta' programmi relatati ma' dawn l-oqsma. L-aħħar pubblikazzjoni tiegħu hija *Bejn Storja u Miti: Monsinjur Victor Grech* (2014).

MARIA GRECH GANADO* (1943) hi poetessa bilingwi li ġiet tradotta f'disa' lingwi oħra. Kitbietha dehru f'għadd ta' pubblikazzjonijiet kemm Malta kif ukoll barra. L-aħħar ġabra tagħha minn tmienja hi *Taħt il-Kpiepel t'Għajnejja* (2014).

STEPHEN LUGHERMO* (1983) għandu M.A. u huwa għalliem tal-Malti fi skola sekondarja. Fl-2014 rebaħ il-Konkors Rumanzi għaż-Żgħażagħ bir-rumanz *X'Aħna Smart!* ippubblikat fl-2015.

NADIA MIFSUD (1976) hi għalliema tal-Ingliż u traduttriċi, u għandha M.Phil. fil-letteratura Ingliża u Amerikana. S'issa ppubblikat żewġ kotba tal-poeżiji: *żugraga* (2009) u *kantuniera 'l bogħod* (2015).

ANAÏS NIN* (1903-1977) hi awtriċi ta' nisel Kuban-Amerikan, u kitbet djarji, rumanzi, novelli, studji kritiċi, u esejs. Nin hija magħrufa l-aktar għall-kitba erotika, u kienet popolari mal-moviment femminista, speċjalment tas-snin sittin.

JOHN PORTELLI* (1954) hu Professur tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Toronto u jispeċjalizza fil-filosofija, il-politika, u t-tmexxija tal-edukazzjoni. Minbarra kotba ta' natura akkademika, għandu wkoll pubblikazzjonijiet tal-poeżiji.

LELI PSAILA (1968) għandu M.A. fil-Malti u llum huwa maniġer mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Huwa kiteb għadd ta' novelli u rebaħ ukoll xi premji. L-aħħar pubblikazzjoni tiegħu hi *Storja Maqsuma* (2012).

BERNICE SALIBA* (1992) ggradwat fil-Liġi u bħalissa qed tkompli bl-istudji tagħha sabiex tikseb dottorat fil-Liġi. Xi artikli tagħha ġieli dehru fuq l-internet.

KEVIN SALIBA* (1980) ggradwa fil-Komunikazzjoni u r-Relazzjonijiet Internazzjonali. Ħadem ta' ġurnalist u traduttur. Huwa kelliem għall-Front Kontra ċ-Ċensura u membru tal-kumitat tal-Fondazzjoni Philosophy Sharing. Xi kitbiet tiegħu dehru fil-ġabra *Ħbula Stirati* (2006).

RITA SALIBA (1964) hi awtriċi ta' kotba kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar, bl-aħħar pubblikazzjoni tagħha tkun *Satin* (2014).

PATRICK SAMMUT (1968) għandu M.A. fit-Taljan u hu lettur fil-Kulleġġ ta' De La Salle. L-aħħar żewġ pubblikazzjonijiet tiegħu huma *Tieqa – Ktieb ta' Taħriġ* (2014), u *Minn Fomm il-Kittieb.* (2014). Huwa wkoll l-editur tar-rivista *IL-PONT.*

MURAT SHUBERT* (1973) għandu B.A. fil-letteratura moderna. Huwa wkoll gradwat fil-Liġi (speċifikament fil-fergħa tax-xjenza politika). Bħalissa qiegħed jaħdem fuq l-ewwel pubblikazzjoni tiegħu.

NOEL TANTI* (1975) huwa librar fl-iskola San Anton, kif ukoll illustratur. Kiteb drammi għall-palk, fosthom addattament ta' *Frankenstein* bil-Malti. Din hija l-ewwel pubblikazzjoni tiegħu.

JOSEPH VELLA* (1967) għandu M.A. fil-Malti u jgħallem fil-Kulleġġ Minuri Ġ.F. Abela. Fost il-pubblikazzjonijiet tiegħu hemm *Studju dwar il-Poeżija ta' Maria Grech Ganado* (2014), u *L-Eroj li ma Kienx* (2015).

*Dawn il-kittieba qed jidhru għall-ewwel darba f'*Leħen il-Malti.*

Endorsed minn:

V.18 VALLETTA
BELT KAPITALI EWROPEA
TAL-KULTURA 2018

Bis-sapport ta':

IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

MALTA ARTS FUND

Sponsors:

midsea BOOKS LTD

Ġorġ Borg
Nadia Mifsud
Oliver Friggieri
Rita Saliba
Maria Grech Ganado
Leli
Celine Agius
John Portelli
Antoine Cassar
Sergio Grech
Leanne Ellul
Noel Tanti
Bernice Saliba
Lawrence Ancilleri
Beverly Agius
Glen Calleja
Stephen Lughermo
Murat Shubert
John A. Bonello
Victor Fenech
Anaïs Nin
Kevin Saliba
Dorianne Bartolo
Maria Debono
Dorianne Bonello
Olivia Borg
Patrick Sammut
Joseph Vella
Arnold Cassola
John F. Marks



Leħen il-Malti
Rivista tal-Għaqda tal-Malti - Università
ISBN 978-99957-0-882-5